# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (ĊARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 96/2016 BS**

**Jack Attard, Rita Grech kemm f'isimha proprju kif ukoll għan-nom ta' ħuha l-imsiefer Coronato sive Cory Attard**

**-vs-**

**John Farrugia u Grace Farrugia mart l-istess John Farrugia; Peter Paul Cauchi u Carmen Cauchi mart l-istess Peter Paul Cauchi f'isimha propju u in rappreżentanza ta' ħutha imsefrin, Anthony u Joseph aħwa Attard; u Alfred Attard**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

*(1) Illi l-atturi u l-konvenuti kollha hlief il-konvenut John Farrugia u Peter Paul Cauchi huma ulied u l-werrieta ta' ommhom Maria konjuġi Attard;*

[1] Rik. Ġur. A fol 1 sa 6 b'dokumenti a fol 7 sa 25.

*(2) Illi b'kuntratt tas-sitta u ghoxrin (26) t'April tas-sena elfejn u għaxra (2010) flatti tan-Nutar Maria Vella Magro, hawn anness u mmarkat **Dok A**, Maria Attard jidher illi biegħet lill-bintha Grace Farrugia u lil żewġha John Farrugia s-sehem ta' nofs (1/2) indiviż spettanti lilha mill-fond bin-numru ghoxrin u wiehed u ghoxrin (20,21) fi Triq San Gakbu, Nadur, Għawdex u dan versu l-prezz ta' sebgħin elfewro (€70,000) u dan kif soggett ghall-kundizzjonijiet oħra li jirrizultaw mill-att liema prezz ma thallasx fil-kuntratt iżda inghad li thallas qabel;*

*(3) Illi permezz ta' kuntratt iehor maghmul tliet ijiem wara u cioe fid-disgha u ghoxrin (29) t'April tas-sena elfejn u għaxra (2010) ukoll fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro, hawn anness u mmarkat **Dok B**, Maria Attard jidher illi bieghhet lill-istess bintha Grace Farrugia u lil żewġha John Farrugia s-sehem ta' kwart (1/4) indiviż tal-fond bin-numru tnejn (2) maghruf bħala 'Ta' Rendu' fi Triq San Gakbu, Nadur, bl-ambjenti kollha tieghu u bl-art kollha annessa miegħu liberu u frank bil-gustijiet u pertinenzi kollha tieghu u dan versu l-prezz ta' sebat elef ewro (€7,000) li l-partijiet ukoll qalu li l-prezz thallas qabel dakinhar;*

*(4) Illi f'dan il-kuntratt Maria Attard jidher li hija ddikjarat illi kienet debitrici fil-konfront ta' bintha Grace Farrugia fis-somma ta' aktar minn mitejn u ghoxrin elf ewro (€220,000), liema ammont gie dikjarat illi gie misluf lil-attrici mill-konvenuti Grace u John Farrugia sabiex "thallsu kontijiet u spejjez relatati mal-manutenzjoni u t-tgawdija tad-dar tar-residenza tagħha kif ukoll sabiex thallsu flejjes lill-terzi skont l- istruzzjonijiet u x-xewqat" tal-istess Maria Attard. In oltre l-imsemmija Maria Attard ghamlitha ċara li l-imsemmi self ta' flus ma kopriex il-valur tal-kuri u servigi u assistenzi rezi lil-istess venditrici matul is-snin minn bintha Grace;*

*(5) Illi hija l-kontensjoni tal-atturi li qatt ma kien hemm skambju tal-ebda bilanc ta' flus li jissemmew f dawna iz-żewġ kuntratti kif ukoll Maria Attard qatt ma kienet debitrici tal-konjuġi Farrugia fl-ammont li issemmew u dan kif jirrizulta mix-xhieda li tat Maria Attard stess f'kawza oħra fl-ismijiet Jack Attard et vs Grace Farrugia et rikors gurament numru 31/2012 kif ukoll mil-provi li ser jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza u ghalhekk jidher li l-intenzjoni vera tal-partijiet ma kienx li jsir bejgh iżda li ssir donazzjoni;*

*(6) Illi bl-istess mod fit-tnejn (2) ta' April, tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Christian Zammit, omm l-atturi Maria Attard ttrasferiet a favur tal-konvenuti Carmen u Peter Paul konjuġi Cauchi, b'kuntratt ta' datio in solutum (hawn anness u mmarkat **Dok C**), kwart indiviż (1/4) tal-fond*

*identifikat bin-numru tnejn (2) u maghruf bħala ta' Rendu, u cioe is-sehem rimanenti tagħha minn dan il-fond fi Triq San Gakbu, Nadur Għawdex, bl-ambjenti kollha tieghu, inkluż bl-art kollha annessa, "a saldu u in pjena sodisfazzjoni tas-servigi kuri u assitenzi rezi mil-akkwirent favur it-trasferent matul dawn l-ahhar hmistax-il (15) sena". II-kwota fl-imsemmi kuntratt tal-kwart indiviż giet stmata tmint' elef Euro (€8000);*

*(7) Illi dan il-valur ma jirriflettix il-valur reali tal-propjetà u lanqas ma jirrifletti il-valur tas-servigi rezi minn Carmen Cauchi u żewġha u dan kif jista jigi stabbilit tul il-kors tas-smigh tal-kawza bil-provi u bl-għajnuna ta' periti nominandi jekk ikun il-kaz u ghalhekk il-kontenzjoni tal-atturi huwa li anke dan il-kuntratt huwa simulat u realment kien kuntratt ta' donazzjoni;*

*(8) Illi konsegwentement Maria Attard, armla ta' Pietro Paolo Attard, bint il-mejtin Gioacchino Farrugia u Paola Farrugia neé Portelli, imwielda n-Nadur Għawdex mietet intestata f'Għawdex fil-21 ta' April 2015 u dan kif jidher mir-ricerki testamentarji, hawn annessi u mmarkat* ***Dokumenti "D" u "E",*** *rispettivament;*

*(9) Illi ghalhekk il-kontendenti uliedha wirtuha fi kwoti indaqs u indiviż bejniethom;*

*(10) Illi ulied il-mejta Maria Attard ma ġewx ezentati mill-kolazzjoni ta' l-immobbli donati lilhom peress li hija qatt ma ezentat lil uliedha mil-kollazzjoni hawn fuq imsemmija u ghalhekk il-valuri reali tal-propjetà hawn fuq imsemmija iridu jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit il-valur tal-massa ereditarja tal-mejta Maria Attard;*

*(11) Illi interpellati sabiex jirrisolvu dawn il-kwistjonijiet bonarjament il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li t-tliet kuntratti u cioe dak ta' bejgh ta' nofs indiviż tal-fond ghoxrin u wiehed u ghoxrin (20,21), bejn Maria Attard u John konjuġi Farriugia, datat is-26 t'April 2010 u l-kuntratt l-iehor, ukoll ta' bejgh ta' kwart indiviż mil-fond numru tnejn (2) ta' Rendu fi Triq San Gakbu, Nadur Għawdex, bejn l-istess partijiet, datat id-29 t'April 2010, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro, kif ukoll il-kuntratt tat-2 ta' April 2012 fl-atti tan-Nutar Christian Zammit bejn Maria Attard u Carmen u Peter Paul konjuġi Cauchi saru taht parenza*

*ta' kompravendita' jew datio in solutum, kienu simulati, u fil-verita kienu mahsuba biex ikunu donazzjonijiet jew ghalkemm fihom element oneruz huma fin-natura preponderanti taghhom kuntratti ta' donazzjoni;*

2. *Konsegwentement tiddikjara li t-tliet kuntratti huma kuntratti ta' donazzjoni;*

3. *Tiddkjara u tiddeciedi illi Maria Attard ma kellha l-ebda dejn fil-konfront ta' Grace u John Farrugia u id-dikjarazzjoni dwar dejn dovut fl-imsemmija kuntratti lil istess konjuġi Farrugia ma kellhiex mil-verità;*

4. *Konsegwentement, tordna lil konvenuti konjuġi Farrugia u konjuġi Cauchi igibu fil-massa tal-wirt tal-mejta Maria Attard il-valur tas-sehem lilhom donat permezz tal-kuntratti hawn fuq imsemija.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti illi minn issa huma ingunti għas-subizzjoni.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[2] illi eċċepew:**

(1) *Illi kontra l-azzjoni attrici l-esponenti qeghdin fl-ewwel lok, u preliminarjament, jecepixxu l-irritwatita' u n-nullita' tal-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 907(2) tal-Kap 12 peress illi l-atturi naqsu li jhallsu lill-konvenuti l-ispejjez kollha tal-kawza (Prim'lstanza u Appell) rikors guramentat numru 31/2012 JD fl-ismijiet* ***Jack Attard et vs John Farrugia et****, liema kawza giet ceduta fl-erbgha (4) ta' Novembru 2016 waqt li kienet qeghda tistenna l-appuntament tal-appell intavolat mill-istess rikorrenti odjerni;*

(2) *Illi fil-meritu u mingħajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-atturi huma infondati fid-dritt u fit-fatt stante li dak kollu li gie dikjarat fil-kuntratti tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2010 u tad-disgha u ghoxin (29) ta' April 2010 it-tnejn fl-atti tan-Nutara Maria Vella Magro kif wkoll il-kuntratt tat-tnejn (2) ta' April 2012 fl-atti tan-Nutar Christian Zammit kien veritier u kien jirrispekkja ezattament u fedelment il-volonta' tal-partijiet komparenti fuq dawk il-kuntratti;*

(3) *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;*

[2] Risposta guramentata a fol 35 sa 40 b'dokumenti – ittra ufficjali responsiva – a fol 41.

(4) *Illi b'riferenza ghall-paragrafi tar-rikors guramentat l-esponenti jiddikjaraw is-segwenti:*

(a) *Illi l-kontenut tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitta, it-tmien u d-disa' paragrafi mhumiex kontestati stante li l-informazzjoni hemm kontenuta tirrizulta minn dokumenti ufficjali;*

(b) *Illi b'riferenza ghall-paragrafi l-oħra tar-rikors guramentat u cioe l-hames, is-seba', l-għaxar u l-hdax il-paragrafu huma kontestati fl-interita' taghhom stante li kif gia' sottolineat il-kuntratti riferiti mir-rikorrenti kienu qeghdin jirriflettu l-volonta' tal-partijiet komparenti fuq dawk il-kuntratti;*

(c) *Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jigu michuda bl-spejjez kontra l-istess rikorrenti inklużi l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 529/2016 datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 2016 spedita lir-rikorrenti precedentement ghall-intavolar ta' dawn il-proceduri.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat konsistenti, *inter alia*, fis-segwenti: [**i**] kuntratt ta' kompravendita' datat is-26 ta' April, 2010 in atti Nutar Maria Vella Magro li bih Maria Attard, mart Peter Paul Attard, bint il-mejtin Gioacchino u Paola konjuġi Farrugia biegħet lill bintha Grace u żewġha John konjuġi Farrugia nofs (1/2) indiviż u kull sehem u dritt tagħha mill-fond numru 20, 21, Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex, bil-bitħa u art annessi miegħu, bl-arja u bl-ambjenti kollha tiegħu, bl-esklużjoni tal-għamara u l-mobbli inkluż flus, ċedoli, deheb u ħaġar prezzjuż għajr għall-mobbli li jinsabu fil-kamra magħrufa bħala "il-forn" bil-bieb numru 21 stante li dawn saru a spejjeż ta' Grace Farrugia, salv ukoll id-dritt ta' użu u abitazzjoni fil-fond numru 20 favur il-venditriċi u binha Frankie Attard *vita durante*, għall-prezz ta' EUR 70,000 li ddikjarat li diġa' tħallas lilha f'diversi somom ta' flus mislufa lilha tul iż-żminijiet minn Grace Farrugia;[3] [**ii**] kuntratt ta' kompravendita' tad-29 ta' April, 2010 in atti Nutar Maria Vella Magro li bih, l-istess Maria Attard biegħet lill-istess bintha Grace u żewġha John konjuġi Farrugia kwart (1/4) indiviż, jiġifieri nofs (1/2) is-sehem spettanti lilha mill-fond numru tnejn

[3] Kuntratt a fol 7 sa 10 b'dokument – cerifikat mediku – a fol 11.

(2), magħruf bħala "Ta' Rendu", fi Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex, bl-ambjenti kollha tiegħu u bl-art kollha annessa miegħu għal-prezz ta' EUR 7,000 li ddikjarat li diġa' tħallas lilha minn Grace Farrugia stante li jifforma parti minn ammont akbar ta' flus li l-istess Grace għaddietilha personalment jew ħallset lill-terzi skond ix-xewqat tagħha, bil-patt u l-kundizzjoni li l-istess Grace Farrugia tibqa tieħu ħsieb lill-venditriċi sa mewtha kif għamlet fl-aħħar sittax (16)-il sena. Il-kuntratt iżid li l-valur misluf minn Grace Farrugia u żewġha lill-Maria Attard jammonta għall-aktar minn EUR 220,000 li nstelfu sabiex tħallsu varji kontijiet u spejjeż ta' manutenzjoni u tgawdija tal-fond numru 20 u 21, Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex u sabiex tħallsu flejjes lill-terzi skond ix-xewqat tal-venditriċi;[4] [**iii**] kuntratt ta' *datio in solutum* tat-2 ta' April, 2012 in atti Nutar Christian Zammit li bih, Maria Attard trasferit favur bintha Carmen u żewġha Peter Paul konjuġi Cauchi kwart (1/4) indiviż tal-fond numru tnejn (2), "Ta' Rendu", fi Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex, bl-ambjenti kollha tiegħu inkluż l-art kollha annessa miegħu, stmat għal EUR 8,000 bit-trasferiment magħmul a saldu u in piena sodisfazzjon tas-serviġi, kuri, u assistenzi reżi mill-akkwirenti favur it-trasferent matul l-aħħar ħmistax (15)-il sena u in sodisfazzjoni tas-serviġu li għad ikomplu jiġu reżi lit-trasferent tul ħajjitha,[5] u; [**iv**] riċerki testamentarji magħmulha fuq Maria Attard.[6]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2017 intlaqgħat talba ta' l-atturi għall-allegazzjoni tal-atti tal-proċess numru 31/2012 fl-ismijiet ***Jack Attard et vs John Farrugia et***, ċedut fl-appell.[7]

**Rat** l-atti proċesswali tal-kawża numru 31/2012 fl-ismijiet ***Jack Attard pro et noe vs John Farrugia et*** li ġiet deċiża nhar l-10 ta' Mejju, 2013, sar appell minnha da parti tal-atturi nhar id-29 ta' Mejju, 2013, bl'appell ġie ċedut mill-istess atturi permezz ta' nota tal-4 ta' Novembru, 2016.[8]

---

[4] Kuntratt a fol 12 sa 15 b'dokument – certifikat mediku – a fol 16.

[5] Kuntratt a fol 17 sa 19.

[6] Ricerka a fol 20 sa 22.

[7] Verbal a fol 47

[8] Ta' rilevanza ghal din l-istanza, fit-tali proceduri **xehdet Maria Attard**, li kienet hemm konvenuta, u dan nhar il-15 ta' Gunju, 2012 – traskrizzjoni tax-xhieda a fol 39 tal-process allegat. Fix-xhieda tagħha l-istess Maria Attard iddikjarat, *inter alia*, li hija ghamlet kuntratt ma' bintha Grace nhar is-26 ta' April, 2010, fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro u dan peress li Grace kienet qed tiehu hsiebha – a fol 39 u 40 tat-traskrizzjoni fil-process allegat. Zidet li tali kuntratt sar fid-dar tagħha stess – fol 40, *ibid*. Qalet li taf li n-nutar kienet Maria u li taħseb li kuntratt sar wiehed biss – fol 40, *ibid*. Qalet li lill Grace kitbitilha sehemha mid-dar ta' residenza tagħha – fol 41, *ibid*. Insistit li lill Grace kitbitilha sehemha mid-dar għax kienet tiehu hsiebha u riditha tiehu hsiebha – fol 41, *ibid*. Qalet li sehmeha mid-dar taghtu lill Grace biss – fol 42, *ibid*. Qalet ukoll li lix-xhieda li dehru fuq il-kuntratt hi tafhom – fol 42, *ibid*. Zidet tgħid li hi sabiex tiffirma taghmel salib. Mistqosija kemm il-salib ghamlet fuq il-kuntratt tgħid li ma tafx għax tinsa – fol 43, *ibid*. Qalet li t-tabib tagħha huwa Peter Muscat. Iżżid li Dr Muscat kien rahha qabel ghamlet il-kuntratt – fol 43 u 44, *ibid*. Zidet li apparti d-dar numru 21, ta' residenza tagħha, tat sehemha minn dar oħra faccata, jisimha "Ta' Rendu", u dan lill bintha Carmen għax kienet ukoll tkun fejnha – fol 44, *ibid*. Tgħid li taħseb li l-kuntratti saru fl-istess jum – fol 44, *ibid*. Zidet li hi ma' tafx tgħid id-differenza bejn kuntratt u testment. Zidet ukoll li ma tafx jekk dakinhar sarx kuntratt jew testment. Mistoqsija

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2018 il-konvenuti rtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom.[9]

**Rat** id-deskrizzjoni tal-kontijiet bankarji miżmuma mill-konvenuti konjuġi John u Grace Farrugia magħmulha mill-Qorti kif diversament presjeduta fl-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2018.[10]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2018 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqha salv għall-produzzjoni ta' provi dwar l-arloġġi tal-utilitajiet fid-dar numru 20 u l-forn numru 21 fi Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex.[11]

---

jekk in-nutar fhemitix x'kienet qed tikteb tgħid li kienet qed tgħidilha hi x'tikteb. Mistoqsija kemm isselfet flus mingħand Grace qalet li hi ma' isselfet ebda flus iżda Grace temgħata u nefqitilha – fol 45, *ibid*. Zidet li Grace dejjem nefqitilha minn tagħha – minn ta' Grace. Ticċara li hawn qed tgħid li Grace tonfqilha ghal bzonnijiet tagħha –fol 46 *ibid*. Tirrepeti li bintha Grace qatt ma' silfitha flus iżda tonfqilha sabiex tiehu hsiebha, hasil, hasil tal-hwejjeg u gieli anke ghamlet spejjez sabiex irrangat fid-dar – fol 47, *ibid*. Qalet li tali hlasijiet isiru mill-flus ta' Grace, mhux minn tagħha – tax-xhud – fol 48, *ibid*. Qalet li l-flus tal-pensjoni kienet taghtihomla – fol 48, *ibid*. Relattivament ghal-valur ta' EUR 70,000 attrbiwit lill-proprjeta' fl-att tas-26 ta' April, 2010 qalet li dak għax Grace titmaghha u tixtrilha li jkollha bzonn. Zidet li Grace thallas, iżda spejjez kbar thallashom hi – ix-xhud – fol 48, *ibid*. b'refernza ghal-kuntratt tad-29 ta' April, 2010 fejn trasferit kwart indiviż mil-fond "Ta' Rendu" tgħid li hemm qalet il-verita'. Zidet li mbaghad li kien baqala kitbitu lill Carmen – fol 50, *ibid*. dwar l-EUR 220,000 li jisemmew fil-kuntratt qalet li tiftakar li n-nutar marret għandha – fol 52, *ibid*. qalet li lill Grace kitbitilha sabiex ma' thallasax ta' kemm daret biha. Zidet li dakinhar tal-kuntratt lill Grace qatt ma' taghta flus ta' kemm ħadet hsiebha – fol 53, *ibid*. Qalet li lilha qalulha li gejja n-nutar u ftit wara marret in-nutar – fol 55, *ibid*. Qalet li jidhrilha li x-xhieda kienu Rosa u Carmela – fol 56, *ibid*. **In kontro-eżami**, qalet li liz-żgħir kienet taghtih xi ħaġa tal-flus hi u qalet lill Grace tkompli ttih xi ħaġa tal-flus – fol 57, *ibid*. Qalet li Grace ilha tiehu hsiebha kemm ilha marida. Zidet li ilha 19-il sena marida zgur – fol 58, *ibid*. Zidet li tul is-snin li ilha marida dejjem ħadet hsiebha Grace iżda Alfred, il-kbir, jgħina xi ftit ukoll sabiex iqajmuha mis-sodda gahx Grace wahedha ma' tistax. Zidet li Grace tmur għandha mad-9am jew l-10am u gieli damet maghha sas-2am – fol 59, *ibid*. Qalet li Grace anke meta kien ghadha tiflah hi xorta kienet tkun hemm maghha – fol 61, *ibid*. Affermat li l-affarijiet tal-ikle u hasil tixtrihomla Grace u hi ma' tatiha ebda hals ghal dan– fol 61, *ibid*. Affermat li l-pensjoni tagħha Grace taghtihila kollha, hi izzommha ghaliha u taghmel biha li trid hi – fol 62, *ibid*. Qalet li mill-pensjoni taghti r-rigali lin-neputijiet fil-Miled u f'gheluq zmienhom. Zidet li neputijiet għandha ħafna għax għanda 9 ti tfal kollha mizżewġin u kollha għandhom uliedhom. Zidet ukoll li n-neputijiet tas-safar li ma' jigux tibgħatilhom – fol 62 u 63, *ibid*. Irrepetiet li l-affarijiet tal-forn u tad-dar tiehu hsieb taghhom Grace – fol 64, *ibid*. Affermat li lill Grace ordnatilha hi sabiex taghti l-flus lil huha z-żgħir, Frankie – fol 64, *ibid*. ZIdet li lill Frankie hi kienet ittih Lm5 jew Lm 10 kuljum – fol 65, *ibid*. Insistit li hi lill Grace qalitlha tibqa taghti xi ħaġa lill Frankie u li fil-fetsi u l-Hdud jaghtuh aktar – fol 66, *ibid*. Qalet li apparti Grace u Alfred l-oħrajn m'ghadhomx imorru jarawha u ilhom ma' jmorru jarawha għajr xi darba sporadikament. Zidet li meta jmorru fejnha ma' jdumux – fol 66 u 67, *ibid*. Qalet li għandha in-naghag, tigieg, u qtates u dawn jiehu hsiebhom binha Alfred. Zidet li l-ghalf ghalihom jixtruh hu – Alfred – u Grace. Zidet ukoll li Grace ttih xkora fil-ġimgħa liema xkora thallasha hi - Grace – fol 68 sa 70, *ibid*. Qalet li meta kienu f'sahhithom hi u żewġha, Grace kienet xorta tikkontribwixxi lejn l-ispejjez tal-ikel – fol 72, *ibid*. Qalet ukoll li meta kellha bzonn *fridge* jew forn ghad-dar tagħha dawn xtrathomla Grace mingħajr ma' thallasha ghalihom hi – fol 73 u 74, *ibid*. Qalet li Frankie ma jahdimx u jiddependi minn dak li qabel kienet taghtih hi mbaghad bdiet taghtih Grace – fol 74, *ibid*. Xehdet li Grace ta' kuljum gurnata xogħol fil-forn u waqt li qiegdha hemm issajrilha darbtejn kuljum, f'nofsinhar u filgħaxija – filghodu jaghmlilha kafe Alfred – taħsel, tqajjimha lejn id-9am jew l-10am, taħsel il-hwejjeg, taħsel lilha, tnaddaf flimkien ma' Carmen, bintha l-oħra, u tiehu hsieb it-tiswija fid-dar – fol 76 u 77, *ibid*. Qalet li Grace kienet fil-forn anke qabel mardet hi bl-ispejjez tal-forn kemm ilha ma' tiflhax hi dejjem ghamlithom Grace ghalkemm gieli taghta xi ħaġa minnhom – fol 78 u 79, *ibid*. Qalet li mill-ammonti l-oħrajn li Grace kienet tohrog ghall-ikel u l-ispejejz tad-dar qatt ma' taghta xejn lura – fol 79, *ibid*. Mistoqsija allura x'tat lill Grace ghal dawn l-ispejjez kollha li ghamlet ghaliha rrispondiet "ktibtilha" – fol 79, *ibid*. **In re-eżami**, qalet li Rita u Jack waqfu jmorru għandha malli saru jafu li kitbitilha – fol 80, *ibid*. Zidet li l-qliegh tal-forn tiehdu Grace għax l-ispejjez taghmilhom hi – fol 80 u 81, *ibid*. Qalet li pensjoni tircieva EUR 400 fix-xahar, hi taghti c-cekk lill Grace, Grace issarfu u taghtiha l-flus, u hi terfaghhom – fol 82, *ibid*. Mistoqsija jekk il-prodott tal-bhejjem tagħha jmurx ghal-forn tgħid li forsi xi darba – fol 83 u 84, *ibid*. Qalet li Carmen ilha tmur iddur biha. Qablet ghalhekk li għandu jtuha daqqa t'id imorru Carmen, Grace, u Alfred – fol 84, *ibid*. Taqbel li lill Carmen ghamlitilha kuntratt ta' ¼ "Ta' Rendu". Zidet li lill Alfred ma' taghtu xejn għax x'ħin qaltlu qalilha le għax tohduni l-Qorti – fol 84 u 85, *ibid*. Mistoqsija mill-Qorti minn hareg bl-ideja tal-kuntratt, per ezempju, sabiex taghti sehemha lill Grace qalet li hi għax ħadd ma' jigik ta' xejn. Zidet li riedet taghmel il-kuntratt għax hi kienet qed taghmel maghha – fol 85, *ibid*.

[9] Verbal a fol 97.

[10] Verbal a fol 175 u 176 – parti rilevanti a fol 176.

[11] Verbal a fol 305.

**Rat** l-atti proċesswali tal-proċeduri kriminali numru 591/2011 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Farrugia et***, kif eżebiti mir-rappreżentant tad-Direttur Ġenerali tal-Qorti ta' Għawdex, is-Sur Joseph Grech, fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2019.[12]

**Rat** il-verzjonijiet oriġinali tal-affidavits ta': [**i**] Maria Attard, datat is-26 ta' April, 2010;[13] [**ii**] Maria Attard, datat id-29 ta' April, 2010;[14] [**iii**] Grace Farrugia, datat it-22 ta' April, 2010;[15] [**iv**] Grace Farrugia, datat id-29 ta' April, 2010,[16] u; [**v**] Frankie Attard, datat it-22 ta' April, 2010;[17] ilkoll eżebiti min-Nutar Maria Vella Magro waqt ix-xhieda tagħha mogħtija fil-proċeduri ta' din l-istanza nhar is-7 ta' Marzu, 2019.[18]

**Rat** li fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2019 il-partijiet qablu li ma' kienx hemm il-ħtieġa li jitħarrku s-*social workers*[19] li rrediġew ir-rapport tal-25 ta' Settembru, 2012 li jifforma parti mill-atti proċesswali tal-kawża kriminali numru 591/2011.[20]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tal-20 ta' Jannar, 2021 b'annessi magħha varji affidavits fosthom affidavit rilaxxat minn Maria Attard nhar it-2 ta' April, 2012.[21]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2023 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-eżamijiet eżawriti bil-kawża ġiet differita għal preżentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll għas-sentenza.[22]

**Rat** li fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2024 il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.[23]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

---

[12] Ref.: traskrizzjoni a fol 365 u 366, atti proceswali a fol 367 sa 415, verbal a fol 445.
[13] Affidavit a fol 434 u 435 b'certifikat mediku a fol 436.
[14] Affidavit a fol 437.
[15] Affidavit a fol 442 u 443.
[16] Affidavit a fol 441.
[17] Affidavit a fol 438.
[18] Traskrizzjoni a fol 416 *et seq*.
[19] Dak mahtur mill-Qorti Kriminali, ossia Peter Paul Portelli, u l-assistenta tieghu Miriam Farrugia.
[20] Verbal a fol 445 u 446.
[21] Nota a fol 470. Kopja fotostatika ta' affidavit ta' Maria Atatrd a fol 478 u 479.
[22] Verbal a fol 648 u 649.
[23] Verbal mhux paginat.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[24]

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Jack Attard**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[25]

Jiddikjara li huwa iben Maria u Peter Paul konjuġi Attard u wieħed minn disgħat' aħwa b'wieħed minnhom – Frankie li kien ġuvni – huwa mejjet.

Jgħid li l-ġenituri tiegħu dejjem għexu fid-dar nurmu 20, Triq San Gakbu, in-Nadur u kellhom il-forn mal-istess dar magħruf bl-isem "Ta' Maxokk".

Jgħid li f'xi żmien ommu kienet għaddieta – tagħta *stroke* – u kellha bżonn minn idur biha. Iżid li peress li missieru kien għadu ħaj u jiflah kien idur biha hu.

Jgħid li missieru miet fl-10 ta' April, 2003. Iżid li hu u ħutu l-oħra li kien għadhom s-safar – Cory, Anthony, u Joseph – ġew Għawdex l-għada li miet. Jgħid li hawn oħthom Grace laqathom b'formula sabiex il-liċenzja tal-forn iddur fuqha bil-patt li tibqa ddur b'ommhom hi. Iżid li huwa ħassu rikattat b'dan. Jgħid li l-aħwa lkoll iffirmaw għat-trasferiment tal-liċenzja favur Grace wara li ġew rikattati. Iżid li fil-verita' il-ġenituri tiegħu dejjem riedu li l-forn idur fuqu tant li dejjem hekk tkellmu man-nies u kien hemm anke pjan li jmorru għand nutar għal dan il-ghan. Jgħid li dan qatt ma' seħħ stante li missieru miet għal għarrieda, bil-forn għaddha għalhekk għand oħtu Grace, dejjem bil-patt li ddur b'ommhom u ma' jkun jonqosha xejn.

Jgħid li minkejja li ħadet il-forn kif riedet, oħtu Grace xorta ma' kienitx kuntenta.

Jiddikjara li ommu sfat abbandunata minkejja l-wegħda ta' Grace li kienet ser iddur biha. Jgħid li Grace kienet anke tħalli l-ommhom mhux nadifa u tgħajjara.

---

[24] Nota tal-atturi a fol 655 sa 699. Nota tal-konvenuti prezentata nhar is-16 ta' Jannar, 2025 – in atti, mhux paginata.
[25] Affidavit a fol 42 sa 44. Ezebit ghal darb'oħra a fol 49 sa 52.

Jgħid li meta hu u oħtu Rita kienu jkunu fejn ommhom din kienet tidher beżgħana, anke biex titkellem, tant li kienet tpespes taħt l-ilsien sabiex li tgħid ma' jinstemax mill-forn fejn tkun Grace.

Jiddikjara li d-dar ta' ommu hija antika konsistenti f'intrata, kamra tat-tarag̀, kċina, *toilet*, u kamra tas-sodda fl-ewwel sular b'kamra tas-sodda oħra fejn kien jorqod ħuh Frankie u kamra tal-banju fis-sular ta' fuq. Iżid li d-dar ma kienitx waħda ta' lussu iżda ta' nies normali bla kapriċċi.

Iżid li meta ommu xtaqet tkabbar u ddawwar it-*toilet* ta' isfel f'kamra tal-banju aktar idonja għall-bżonnijiet tagħha, hu offra li jħallas parti mill-ispiża iżda oħtu Grace irrifjutat kategorikament. Iżid li Grace kienet tgħid li flus ma' kienx hemm waqt li hu jaf li ommhom kellha pensjoni li kienet tirċievi Grace bi prokura. Jgħid li anke flus missierhom dejjem Grace ħadmithom.

Jgħid li missieru kellu eluf ta' liri f'kexxun u taħt is-sodda li lkoll għosfru.

Jgħid li huwa ra l-kuntratt li sar bejn ommu u oħtu fejn ommu ddikjarat li hija kienet midjuna ma' oħtu Grace. Iżid li dan m'għandux mis-sewwa. Jgħid li hu lill-ommu staqsieha fuq dawn il-kuntratti u x'fetlilha għamlithom u hi dejjem innegat. Iżid li fejn jidħlu flus il-verita' hi bil-kontra, ossia li ommu kienet tagħti l-flus lil Grace mhux vice versa. Jgħid li kienet ommu li tħallas għad-dqiq u d-dawl u l-ilma tal-forn u dan mingħajr ma' tara xjen mill-qliegħ li jsir minnu għax tieħu kollox Grace.

Jiddikjara illi li kieku tassew kien hemm id-dejn ma' kienx ikun hemm l-eluf fil-kexxun.

Jgħid li ommu ma' kienitx tonfoq flus. Iżid li kienet mara sempliċi u mingħajr kapriċċi. Jgħid li hu qatt ma' jaf li kelha tagħti xi flus lil xi ħadd aħseb u ara fil-valuri msemmija fil-kuntratti. Jgħid li ommu kienet it-tip li jekk ma' kellix flus ma' kienitx ser tixtri. Iżid li oltre dan huma tas-safar dejjem bagħtu l-flus anke f'ammonti kbar u dan mingħajr qatt ma' ommhom talbithom jew uriethom li kienet nieqsa.

Jgħid li anke bħala ikel, ommu kienet tiekol ikel bażiku ħafna bħal *cup-a-soup* u *toast*. Iżid li mediċini li kellha bżonn kienu jing̀abru bla ħlas. Iżid li ommu kienet saħansitra tagħti l-flus lil huh Frankie sabiex ikollu x'jonfoq.

Jgħid li fil-kuntratt issemma wkoll li tali dejn kbir telgħa għax tranġat id-dar. Iżid li din hija gidba. Jgħid li kien hu li żebgħa id-dar minn fuq sa isfel, bidel it-tank tal-ilma u għamel *geezer*, tank tat-*toilet*, u ħġieġ tat-twieqi ġodda u dan minn butu biss. Jgħid li lill-ommu qatt ma' talabha xejn. Jgħid li ħaddiema d-dar qatt ma' daħlu għax kienu jieħdu ħsieb hu u ħutu s-subien. Jgħid li t-taraġ li minn-naħa ta' wara tad-dar ta' ommu kien iwassal għal-ġnien tranġa dan l-aħħar biss, meta saret din il-kawża u ħafna wara li saru l-kuntratti, minkejja li ommu kienet titlob lil Grace sabiex tirranġah.

Jiddikjara li f'kawża oħra ommu speċifikatament innegat li kellha xi dejn. Iżid li allura l-kuntratt żgur mhux bejgħ kien iżda donazzjoni jew xi ħaġa oħra. Jgħid li meta kellem lill-ommu ma' qablet ma' xejn milli kien hemm miktub. Iżid li huma saru jafu bil-kuntratt meta sabulha qarsa fuq idejħa u hemm, b'ton imwerwer, ammettiet magħhom li kienu ħadulha nutar b'xi xhieda d-dar u allura li kollox sar bi sforz.

Jgħid li oħtu Carmen qatt ma' dahret b'ommhom kemm għax kienet imsiefra iżda wkoll għaliex jekk kienet tmur ħdejn ommhom dan kien ikun wara t-tmienja ta' filgħaxija sabiex tgħin lil Grace bil-forn, mhux lil ommhom li kienet tkun fis-sodda.

**B'affidavit ulterjuri**,[26] xehed li l-frażi fil-kuntratti li bihom ommu Maria għaddiet il-proprjeta' lil Grace li taqra li d-dejn akkumulat minn ommu ma' oħtu Grace kien *"sabiex tħallsu flejjes lill-terzi skond l-istruzzjonijiet u x-xewqat tal-Venditrici"* hija ħrafa kbira.

Jgħid li ommu ma' kellix djun għax kienet mara sempliċi u tgħix fis-sempliċita'.

Jgħid li hu lill ommu kien jibgħatilha l-flus mill-Amerika u kemm dam jibgħatilha qatt ma' talbitu għalihom jew qaltlu jibgħat xi flus lil ħaddiehor. Iżid li meta lil missieru kien staqsih x'jagħmlu bil-flus dan kien urieh fejn jaħbihom. Jgħid li għalhekk il-flus li bagħtilhom qatt ma' nefquhom aħseb u ara kemm ommu kellha għalfejn tidħol f'dejn ma' ħaddiehor.

[26] Affidavit a fol 95.

Jgħid li meta miet missieru u huwa ġie mill-Amerika l-post fejn missieru kien jaħbi l-flus sabu sgassat.

Jinsisti li ommu qatt ma' kellha dejn ma' ħadd.

**In kontro-eżami**, xehed[27] li huwa telaq minn Għawdex fl-1981 u dam barra tletin (30) sena.

Jgħid li fiż-żmien li ommu tatha *stroke* missieru kien għadu ħaj.

Jaqbel li Grace daħlet tgħin lill-ommu mill-għada li tatha *stroke* għaliex missieru kien bagħtut b'saqajh. Jaqbel ukoll li ommu, bil-mediċini li kienet tieħu, kient kibret fid-daqs u sar fiha persuna.

Jaqbel li peress li ommu kellha mobilita' fiżika limitata kienet bdiet torqod isfel.

Jaqbel li meta miet missieru huwa ġie mis-safar għal ġimgha jew iżjed. Jiċħad li d-diskors dwar il-liċenzja tal-forn sar jiem wara l-funeral. Jgħid li l-liċenzja ssemmiet lilu malli wasal. Iżid li kienet oħtu Grace li semmietilu u kien hemm ħuhom Joseph magħha. Jaqbel li kien ħuh Joseph li mar idur lill-aħwa sabiex jiffirmaw għat-trasferiment tal-liċenzja favur Grace.

Jaqbel li lilu qalulu li kundizzjoni allaċjata mall-iffirmar tal-liċenzja favur Grace kienet li Grace iddur b'ommhom sa mewtha.

Jgħid li l-ewwel darba li mr ikellmu dwar il-liċenzja, ħuh Joseph kien ma' Grace. Iżid li Joseph diġa' kellu xi karti lesti. Jgħid li hu qass kien ħares lejn il-karti u lil Joseph qallu li ma' kienx lest jiffirma.

Mistoqsi jekk dak il-ħin lil Joseph qallux li hu kien interessat fil-forn jgħid li le. Mistoqsi għala le jgħid li għax ried jiddiskutiha mal-oħrajn. Jgħid li dan minkejja li missieru kien dejjem jgħidlu, u kien jgħid man-nies, li l-forn kien għalih.

[27] Traskrizzjoni a fol 330 sa 347.

Jgħid li meta eventwalment qal lil ħuh Joseph li hu kien interessat fil-forn, Joseph beda jgħajjat u jgħidlu mela anke jien interessat. Iżid li mbagħad ma' reġgħax semma l-forn aktar.

Jgħid li fit-30 sena li għamel imsiefer, l-ewwel ħames (5) snin ma rritornax lejn Għawdex, iżda wara tali ħames snin beda jkun Għawdex kull sena. iżid li normalment kien jiġi għal seba' (7) gimgħat fis-sajf. Jgħid li f'tali gimgħat kien imur għand ommu kuljum.

Jgħid li t-tisjir għand ommu kien isir minn Grace kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija. Jgħid li meta kien ikun hemm hu kien jara lil Grace tipprepara lill-ommhom xi soppa tal-packet u *sandwhich*. Jgħid li l-ħasil tal-ħwejjeġ kien isir minn oħtu Carmen. Iżid li l-ħasil tal-persuna ta' ommu kien isir bejn l-aħwa, daqqa Grace, daqqa Rita, u hu kemm-il darba inzerta hemm u għinhom. Jgħid li nhar ta' Ħadd kienu jkunu hu u ommu biss.

Mistoqsi jekk ommhom kienitx tgħidilhom li Grace biss tqandilha jgħid li kienet semmiet. Iżid li hu ġieli qandilha u hi kienet tibża ftit. Iżid li forsi mill-oħrajn kient tibża ħafna. Jgħid li dan aktarx għax kellha aktar fiduċja f'mara milli f'raġel.

Mistoqsi dwar li qal fl-affidavit tiegħu li kien imur u lill-ommu jsibha mhijiex maħsula, u jekk dwar dan kienx qal lis-*social workers*, jgħid li le. Iżid li kien qal lil ħutu Alfred u Rita. Jgħid li Rita kienet tgħidlu li m'hemm xejn ġdid. Jgħid li azzjoni ulterjuri dwar dan ma ħax għax ħadd ma' kien qisu nteressat.

Jgħid li kien jiddispjacih jara lill-ommu hekk iżda azzjoni qatt ma ha. Iżid li lis-*social workers* rahhom xi darbtejn ma' Rita iżda ma' semmilhom xejn.

Jgħid li lilu ġieli ċemplulu fil-ħdax ta' billejl sabiex imur jgħin idaħħlu lill-ommhom fis-sodda.

Dwar li qal fl-affidavit li oħtu Grace kienet tgħajjar lill-ommhom jgħid li it-tgħajjir kien semgħu b'widnejh stess. Iżid li kien ikun hemm jistenna lil Grace tiġi sabiex joħorġu l-ommhom mis-sodda u Grace tiġi u tibda tgħajjar lill-ommhom. Mistoqsi jekk qattx ikkoreġa lil Grace meta għamlet hekk jgħid li iva.

Mistoqsi kienetx Silvana, li dak iż-żmien kienet taħdem fil-forn ma' Grace, li fil-fatt kienet tgħajjar lil ommu – nannitha – jgħid li lil Silvana qatt ma' semagħha tkun dispreġġattiva fil-konfront ta' ommu. Iżid li dejjem lil Grace sema' titkellem hekk u dan ġara diversi drabi.

Mistoqsi jekk lil ħutu qalilhomx bl-imġieba ta' Grace fil-konfront ta' ommhom jgħid li semma lil Anthony u lil Alfred. Jgħid li ma' jafx jekk dawn kellmux lil Grace.

Jaqbel li meta darba Grace u missierhom kellhom xi jgħidu u Grace telqet mill-forn kien hu li mar jikkonvinċiha tmur lura l-forn.

Mistoqsi jekk ħuh Frankie kienx jaħdem jgħid li għamel ħames jew sitt snin jaħdem ma' *supermarket*. Jgħid li wara dan Frankie kien idur b'ommhom. Mistoqsi Frankie biex kien jgħix meta ma' kienx jaħdem jgħid li kellu benefiċċju socjali għaliex kien idur b'ommhom.

Jgħid li Grace kienet tgħid li lil Frankie tagħtih xi flus iżda hu dwar dan ma' jafx. Iżid li kienet tgħid li tagħtih xi ħames liri l'hawn u l'hemm.

Mistoqsi dwar fejn qal li Grace m'għamlitx il-kamra tal-banju isfel għal ommhom, u jekk dan kienx fil-fatt frott il-fatt li sabiex issir tali kamra kellu jingħalaq il-bieb ta' bejn id-dar u l-forn u ommu ma' riditx li jsir hekk, jgħid li b'dan ma jafx. Iżid li lilu qalulu li flus għall-ispiża ma' kienx hemm.

Mistoqsi kif jaf li d-dqiq u l-utilitajiet kienu qed jitħallsu minn flus ommu mhux flus Grace jgħid li għax Grace kienet tiġbor il-pensjoni ta' ommhom. Jgħid li dan fuq li kienet tgħidlu ommu. Iżid li lill-ommu qatt ma' rahha tagħti xi flus lil Grace għall-ispejjez tad-dqiq u l-forn.

Jaqbel li hu għamel xogħol ta' zebgħa fid-dar ta' ommu. Mistoqsi kienx talab ħlas għal dan jgħid li ommu kienet tistaqsih x'għamel spejjeż u ġieli ħallsitu u ġieli baqa' b'xejn. Iżid li minkejja dan hu qatt ma' staqsiha għall-ħlas iżda kienet toffri hi.

Jgħid li meta ommu offriet li tħallas hu qatt ma' qalilha le għax m'għandekx minnfejn għaliex flusek ħadithom Grace.

Mistoqsi minn kien jixtri l-bżonnijiet tad-dar u tal-forn jgħid li kollox f'idejn Grace kien. Jgħid li Grace kienet tkun hemm minn filgħodu sa tard filgħaxija. Jaqbel li tat-tank tal-ilma u tal-*geezer* huwa kien tħallas mingħand ommu. Iżid li kien hemm spejjeż żagħar oħra li ma' fittix dwarhom.

Jgħid li lil Carmen ġieli kien jaraha taħsel l-art fid-dar ta' ommu u taħsel il-platti tal-forn.

Mistoqsi jekk jaqbilx li l-piż tax-xogħol relattiv għall-ommhom kien fuq Grace jgħid li kien fuq kulħadd. Jammetti li forsi Grace kienet tagħmel iżjed iżda jinsisti li kull minn kien ikun hemm kien jagħti daqqa t'id.

**In re-eżami**, xehed[28] li l-fatt li Grace kienet tkun hemm minn filgħodu sa filgħaxija ma' jfissirx li kienet tkun ma' ommu. Iżid li Grace kienet tkun taħdem fil-forn. Jgħid li matul il-jum ommu kienet tkun waħedha.

Jgħid li l-ġlieda li kellhom Grace u missierhom meta Grace telqet mill-forn ġrat qabel ma' huwa mar l-Amerika. Jgħid li dak iż-żmien kien għamel xi jumejn jaħdem il-forn u kien hemm li missieru staqsih ridtx imorru għand nutar sabiex jaqleb il-forn fuq ismu. Iżid li hu kien diġa' kellu biljett biex jitlaq lejn l-Amerika u għalhekk qallu li ma' setgħax jieħu l-ġestjoni tal-ħanut dakinhar. Jgħid li wara dan kien mar ġab lil Grace lura l-forn.

Jgħid li meta ommu għaddietha, missieru kien għadu ħaj, u kien jieħu ħsieb ta' kollox missieru – jieħu ħsieb ta' ommu u jmexxi l-forn. Jgħid li missieru kien iqajjem lill-ommu u jniżżilha mis-sodda mbagħad forsi jibgħat għal Grace sabiex tnaddafha.

Jgħid li ommu dejjem baqgħet bl-impressjoni li missieru – żewġha – kien għadu ħaj u li l-forn għadu fuq missieru, mhux fuq Grace.

**In kontro-eżami ulterjuri,**[29] jikkoreġi ruħu dwar l-inċident li ġara bejn missieru u oħtu Grace u jgħid li dan ma' ġarax qabel l-ewwel darba li telaq is-safar iżda ġara darba fost id-drabi li kien Għawdex bil-vaganzi.

---

[28] Traskrizzjoni a fol 347 sa 351.
[29] Traskrizzjoni a fol 351.

Jgħid li huwa qatt ma' ħasel lill-ommu iżda ġieli żamma sakemm oħtu Rita ħaslitha. Mistoqsi kellix *bedsores* jgħid li hu ma' kienx ikun jista' jara iżda Rita kienet tgħidlu li għandha.

**Rita Grech**, attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[30]

Tiddikjara li hija qrat l-affidavit ta' ħuha Jack u taqbel ma' dak hemm dikjarat.

Iżżid li hi kienet tmur għand ommha tagħti daqqa t'id u ma' ommha kellha relazzjoni tajba.

Tgħid li ommha kienet tibża ħafna minn Grace għaliex Grace kienet vjolenti, theddidha u twerwirha. Iżżid li ommha kellha biża mid-dar tax-xjuħ u Grace kienet theddidha li tixħitha hemm. Tgħid li Grace kienet ukoll toqod tkeskes lill-ommhom kontra l-aħwa l-oħra.

Tgħid li meta kienet tasal għand ommha kienet issib li Grace tkun diġa' daħlet iżda ma' tkunx marret tara l-ommhom u tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha. Iżżid li fil-fatt kienet hi li tniżżel lil ommha mis-sodda u taħsilha. Tgħid li dan kienet tagħmlu madwar erba' jew ħames darbiet fil-ġimgħa.

Tgħid li Grace moħħha dejjem fil-forn u kemm ser iddaħħal flus minnu. Tgħid li qliegħ kellha u spejjeż xejn għax kienet tkopri kollox ommhom; dawl, ilma, bajd u ġobon.

Tgħid li ommha kienet tgħidilha li l-paga tkun ħaditilha Grace u hi qatt ma' kien ikollha flus f'idejha. Iżżid li biex ommha tagħti għaxar Euro lill-uliedha kien ikollha tokrob għalihom mingħand Grace. Tgħid li dan mhux għax ommha ma' kelliex flus iżda għax kienet tikkontrolla kollox Grace.

Tiddikjara li Grace ma' setgħax kellha ħin iddur b'ommhom meta l-forn kien jiftaħ fis-7 ta' filgħodu u jibqa' għaddej sal-11 ta' filgħaxija. Iżżid li Grace anqas kellha nteress iddur b'ommhom u wisq anqas kellu nteress żewġha. Iżżid li qatt ma' daħlet għand ommha u sabitha lesta kif xieraq. Tgħid li lill-ommha dejjem tokrob bl-uġiħ u l-iskumdita' sabitha.

[30] Affidavit a fol 45 u 46. Ezebit ghal darb'oħra a fol 53 sa 55.

Tiddikjara li ommha kienet tifrah biha u tgħaġġilha sabiex tniżżilha mis-sodda u taħsilha malajr; qisha tibża li Grace tara li tkun inħaslet. Tgħid li Grace, li kienet wegħdet li ser iddur b'ommhom, ma' kienitx trid li ħaddieħor jaħsel lill-ommhom sabiex taparsi qed tieħu ħsieb kollox hi. Iżżid li Grace kienet tippreferi tħalli l-ommhom fi stat pjetuz milli taqa' għalija. Tgħid li minkejja dan hi kienet taħsel l-ommha u tidilkilha l-ingwent kif kien meħtieġ.

Dwar il-kuntratti tgħid li hija saret taf bihom meta sabu tbengilha fuq ommhom. Tgħid li ommha qaltilhom li dik kienet mnejn ħadulha d-demm. Iżżid li hi ntebħet li ommha kienet qed tibża tkellimhom u qaltilha li kienet ser iġġib il-pulizija jaraw x'inhu jiġri. Tgħid li hawn ommha qaltilha ma' taqlalix inkwiet għax [l-oħra] toqtolha jekk titkellem. Tgħid li mbagħad ammettiet li ġabet tabib joħdilha d-demm u mara. Iżżid li hawn staqsieta din x'mara kienet u ommha għamlet sinjal ta' xi ħadd jikteb fejn hi għalhekk assumiet li kienu ħadulha nutara.

Tgħid li ommha sa dakinhar kienet konvinta li għamlet testment u li lil Grace ħallitilha kwart mill-forn. Iżżid li huma mbagħad għamlu r-riċerki u tfaċċaw il-kuntratti. Tgħid li ommha dawn riedet tħassarhom tant li qabditha tkellem avukat sabiex jieħu ħsieb ta' dan.

Tiddikjara li hawn kellmu lill-Avukat A. Formosa li kellha kuntatt dirett ma' ommhom sabiex issir kawża kontra Grace. Iżżid li minkejja dan meta ġiet sabiex tiffirma l-kawża ommhom nżammet milli tiffirma minn Grace u l-kawża ma' saritx.

Tgħid li minn dankinhar il-quddiem ommha nżammet priġuniera f'darha u huma la setgħu jidhlu u anqas ikellmuha kif iridu. Tgħid li kienu saħansitra daħlu l-pulizija u s-*social workers* sabiex ikunu jistgħu jidħlu fejn ommhom.

Tiddikjara li waqt li kienet għadha ħajja ommhom, huma fetħu kawża fejn anke xehdet ommhom u qalet li taf li tat lil Grace iżda nnegat li kien hemm xi djun. Iżżid li ommha qalet li lil Grace ma' biegħitilha xejn.

Dwar oħta Carmen tgħid li din kien ilha ma' tkellem lil Grace xi erba' snin u għalhekk lejn dar ommhom ma' kienitx tersaq. Iżżid li kienet hi li resqitha lura lejn ommhom billi ħaditha magħha għandha sabiex jerġgħu jitkellmu. Tgħid li wara dan Grace tħanket ma' Carmen u ftit wara sar il-

kuntratt dwar il-fond "Ta' Rendu". Tgħid li l-prezz li jissemma hemm żgur ma' tħallasx u huwa rriżorju.

Tgħid li Carmen qatt ma' dahret b'ommha anzi, wara li sar il-kuntratt kienet moħħha f'meta ser tmut ommhom biex jeħilsu minnha.

Tiddikjara li kienu hi u ħutha Jack u Alfred li tassew kienu jieħdu ħsieb ta' ommhom mingħajr qatt ma' pretendew xejn. Iżżid li Grace u Carmen u l-irġiel tagħhom farrku l-familja.

**B'affidavit ulterjuri**,[31] xehdet li l-frażi fil-kuntratti li bihom ommha Maria għaddiet il-proprjeta' lil Grace li taqra li d-dejn akkumulat minn ommha ma' oħtha Grace kien *"sabiex tħallsu flejjes lill-terzi skond l-istruzzjonijiet u x-xewqat tal-Venditrici"* hija ħrafa kbira.

Tgħid li ommha ma' kellix djun għax kienet mara sempliċi u tgħix fis-sempliċita'.

Dwar il-kuntratt ta' oħtha Carmen issostni li fejn intqal li xi ħlas sar a saldu u in piena sodisfazzjoni tas-serviġi, kuri, u assistenzi reżi minn Carmen versu ommhom Maria matul l-aħħar 15-il sena, u in sodisfazzjoni tas-serviġi li għad jiġu reżi kemm iddum ħajja ommhom; kieku ma' kienx għall-intervent tagħha Carmen ma' kienitx terġa tidħol f'dar ommhom stante li kien ilha erba' snin nieqsa minn hemm peress li kienet miksura ma' Grace.

Tgħid li lill-ommhom Carmen qatt ma' ħaslitha jew niżlitha mis-sodda. Iżżid li kienu hi u ħuha Jack li kienu jaħslu lill-ommhom.

**In kontro-eżami**, mistoqsija jekk dwar tendenzi vjolenti li fl-affidavit tagħha attribwit lil oħtha Grace versu ommhom Maria, qattx rat xi atteġjamenti vjolenti jew ta' theddid da part ta' Grace b'għajnejha, xehdet[32] li qalet kif kienet tgħidilha ommha. Tgħid li quddiemha Grace ġieli għamlet xi mossi lejn ommhom. Tgħid li Grace kienet turi l-ponn lill-ommhom.

Tgħid li tali mossa tal-ponn lil Grace ratha tagħmilha kemm il-darba.

---

[31] Affidavit a fol 93 u 94.
[32] Traskrizzjoni a fol 312 sa 329.

Mistoqsija jekk lil ħutha kienitx tgħidlhom dwar dan tgħid li iva. Mistoqsija x'azzjoni kienet tittieħed tgħid li xejn għax ma' kienux jagħtu każ. Mistoqsija kif jista' jkun li kienet qrib ta' ommha, kienet tara dan, u ma kien isir xejn tgħid li hi kienet tgħid lil ħutha ta' barra. Mistoqsija għalfejn ma' kienitx tgħid lil ħutha ta' Għawdex ukoll bħal Carmen u Frankie tgħid li Carmen dak iż-żmien ma' kienitx tersaq l'hemm u Frankie kien iżomm ma' Grace.

Tgħid li ħuha Alfred kien jara b'għajnejh ukoll.

Tgħid li eventwalment hi ġabet *social worker*. Mistoqsija x'kienu qalu s-*social workers* tgħid li ma' tafx.

Tgħid li s-*social workers* mhux għal għarrieda kienu jmorru.

Taqbel li fl-2012, fuq rapport tagħhom lill-pulizija, ittieħdet azzjoni kriminali u nħattru s-*social workers*.

Mistoqsija tafx li s-*social workers* maħtura mill-Qorti iddikjaraw fil-Qorti li marru għal għarrieda, mhux b'mod pjanat, tgħid li r-raġel ta' oħtha Carmen, Peter Paul, u ħuha Frankie kienu ħaġa waħda u Frankie kien javżah li hemm is-*social workers*.

Mistoqsija dwar li qalet li hi kienet tmur tara għall-bżonnijiet ta' ommha erba' jew ħames darbiet fil-ġimgħa, fejn anke semmiet il-ġranet tal-Ħadd, it-Tnejn, l-Erbgha u l-Ġimgħa, u fejn qalet li kienet issib lill-ommha fi stat diżastruż u mhux imbiddla u, allura, minn kien jieħu ħsieb ta' ommha fil-ġranet l-oħrajn tgħid li ma' tafx minn.

Mistoqsija kienitx Grace li tagħmel tali xogħol tgħid li hi ma tafx għax ma' kienitx tkun hemm.

Mistoqsija kienitx tistaqsi minn ser jiehu ħsieb ta' ommha meta hi ma' tkunx ser tkun tista' tgħid li ma' kienitx.

Tgħid li Grace bdiet tqandel u taħsel lil ommhom biss wara li miet ħuhom Frankie. Iżżid li Grace kienet tgħid lil ommhom biex ma' tħalli lil ħadd jaħsilha.

Tgħid li kienet hi li tniżżel lil ommha mis-sodda għas-siġġu tar-roti u taħsilha. Iżżid li wara kien imur jgħina xi ħadd minn ħutha, Jack, Alfred, jew Grace sabiex ipoġġu l-ommhom fuq is-sufan.

Mistoqsija kemm kienet iddum fejn ommha tgħid forsi sagħtejn. Iżżid li kienet tkun hemm qisu bejn id-9am u l-11am.

Tiċħad li xi darba talbiet il-flus għal tal-linja li kienet taqbad biex tmur għand ommha mingħand ommha.

Tgħid li t-tisjir kienet tagħmlu Grace. Taqbel li Grace kienet issajjar kuljum, filgħodu u filgħaxija.

Taqbel li bintha għamlet erba' (4) snin taħdem fil-forn ma' Grace.

Mistoqsija għalfejn it-tbenġilha li semmiet fl-affidavit qatt ma' semmitha fil-proċeduri li kien hemm qabel u jekk qalitx lis-*social workers* biha tgħid li taħseb li s-*social workers* għalhekk marru.

Tgħid li lilha ċemplulha jgħidulha li ommha riditha u sabiex tmur id-dar u hi qaltilhom li kienet tibża minn Frankie. Tgħid li mbagħad qalulha li Frankie mhux ser imissha u bdiet tmur.

Taqbel li s-*social workers* daħlu fuq rapport tagħha. Tgħid li dakinhar lis-*social workers* ma' semmietilhom xejn dwar it-tbenġila għax kien għadhom ma' jafux bil-kuntratt.

Mistoqsija jekk sabiex ħadet informazzjoni mingħand ommhom qaditx tbeżżagħha bil-pulizija tgħid li le. Iżżid li dak li qalet lill-ommha kien li jekk ommha ma' kienitx ser tispjega mnejn ġiet it-tbenġilha li kellha fuq dirgħajja kien ser ikollhom idaħlu lill-pulizija.

Dwar id-diskors li tallega li sar minn Carmen, fejn qalet li Carmen kienet moħħha f'meta ser tmut ommhom sabiex jeħilsu minnha, tgħid li kienet ommha li qaltilha li Carmen kienet tgħid hekk. Mistoqsija iffaċjatx lil Carmen meta ommha qaltilha b'dan tgħid li le. Iżżid li dan stante li Carmen ma' baqgħatx tkellimha. Tgħid li Carmen ma' kelmithiex aktar għax għamlet kuntratt hi ukoll u ġiet ħaġa waħda ma' Grace. Tgħid li b'dak id-diskors qalet lil ħutha tal-Amerika. Iżżid li Alfred semgħa l-istess diskors ukoll.

Mistoqsija x'ghamel Alfred meta semgha tali diskors tgħid li ma' tafx għax ma' kienitx hemm.

**Dun Salv Pace** xehed[33] li Maria Attard kienet waħda mill-morda li kien iqarben f'darha. Iżid li kien dam snin iqarbinha. Jgħid li lir-raġel ta' Maria, Pawlu, jiftakru wkoll.

Jgħid li Maria ma' kienitx toħroġ mid-dar iżda hu mhux tabib u ma' jistgħax jispekula x'kellha.

Mistoqsi kemm kellha ulied din Maria jgħid li jaf żgur li kellha lil Rita, Alfred, u Frankie li miet. Iżid li Maria kellha ħafna tfal. Jgħid li lil Frankie li miet jiftakru jgħin. Isemmi wkoll lil Salvu li miet f'inċident b'karozza[34] u Alfred li kien jaħdem l-isptar.

Mistoqsi kif kienet ir-relazzjoni ta' Maria ma' uliedha jgħid li safejn jaf hu kienet tajba.

Mistoqsi jekk kienux Jack u Rita li kien jara għand Maria jgħid li iva, kien jarhom hemm. Iżid li Grace u John ukoll kienu jkunu hemm, bi Grace tkun hemm kuljum għax kienet tieħu ħsieb il-forn kif ukoll lil ommha Maria.

Jgħid li lil Jack ġieli rah għand Maria wkoll iżda mhux daqs kemm ra lil Grace.

Jgħid li sabiex iqarben lil Maria ġieli anke daħal mill-forn. Iżid li meta kien ikun hemm in-nies jixtru kien jidħol mill-intrata tad-dar, jibqa dieħel fil-kamra tat-taraġ u jsib lil Maria hemm, taħt it-taraġ, b'mejda quddiemha, tara t-televiżjoni.

Mistoqsi xi stat kienet fiha d-dar ta' Maria jgħid li kienet dar komuni. Mistoqsi x'kien jara fid-dar jgħid li kien hemm kċina aktar il-ġewwa, il-mejda u t-televiżjoni li semma, u ħafna statwi.

---

[33] Traskrizzjoni a fol 64 sa 72.

[34] Probabilment qiegħed jitkellem fuq ir-raġel ta' Maria iżda thawwad fl-isem stante l-korrezzjoni li jaghmel aktar il-quddiem fit-testimonjanza tieghu – ref.: pagna tat-traskrizzjoni a fol 69.

Jgħid li Grace kienet tgħid lil ommha ttih x'jixrob u Maria kienet tofrilu jixrob. Iżid li ġieli ha grokk u ġieli qal le. Iżid li Maria ġieli anke tagħtu xi flus sabiex jagħmel quddiesa għall-erwieh tagħhom.

Mistoqsi għal darb'oħra jekk id-dar ta' Maria kienitx lussuża jew sempliċi jgħid li kienet dar sempliċi, ta' familja li kienu, imexxu forn. Jgħid mhux xi dar bħal tan-Nadur kollhom irħamar u xort'oħra. Jgħid li kienu jaqilgħu ħobżhom mill-forn.

Mistoqsi jekk id-dar ta' Maria nbidlitx kemm damet ħajja Maria jgħid li safejn jaf hu le. Iżid li minkejja dan hu ma' kienx joqod jara x'hemm fid-dar iżda hu dejjem l-istess kien jaraha d-dar. Iżid li fis-sular ta' fuq ma' jafx x'kien hemm.

Jgħid li hu ma' jafx Maria kellix xi dejn.

Mistoqsi jekk il-flus li kienet ittih Maria għall-quddies kienux ikunu f'butha jew kienitx titlobhom lil ħaddiehor jgħid li ġieli kienu jkunu f'butha jew fuq il-mejda u ġieli talbithom lil Grace.

Jirrepeti li hu kien biss imur iqarar u jqarben u li l-aktar li kien jara hemm ma' Maria kien lil Grace iżda ġieli ra lill-oħrajn ukoll.

**In kontro-eżami**, xehed[35] li normalment lil Maria kien imur iqarbinha lejn il-ħdax ta' filgħodu jew nofsinhar. Iżid li kienu jgħidulu ma' jmurx qabel il-ħdax. Jgħid li ġieli anke mar filgħaxija jekk ma' kienx ilaħħaq iżda dan ma' kienx ikun ta' spiss.

Mistoqsi kemm kien idum f'dar Maria meta jmur iqarbinha jgħid kwistjoni ta' għaxar minuti. Jiċċara li lil Maria kien iqarbinha darba fil-ġimgħa.

Jgħid li hu lil Maria dejjem kurata sabha. Jaqbel li l-maġġoranza tad-drabi lil Grace kien isib iddur b'Maria. Iżid li dan għax Grace tkun fil-forn biswiet id-dar.

Jispjega kif bejn il-forn u d-dar hemm bieb mnejn Maria setgħet tgħajjat għal Grace u Grace tidħol tara x'kellha bżonn. Jgħid li d-distanza bejn l-

[35] Traskrizzjoni a fol 72 sa 77.

istess bieb u fejn kienet tkun Maria hija ta' anqas mill-awla iż-żgħira tal-Qorti ta' Għawdex.

**Coronato sive Cory Attard**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[36]

Jiddikjara li huwa jiġi iben Peter Paul u Maria Attard. Iżid li huwa ra l-affidavit to ħutu Jack u Rita u jaqbel perfettament mall-kontenut tagħhom.

Iżid li l-ġenituri tiegħu kienu nies sempliċi, bdiewa tar-raħal u ma' kienux jghixu jew jippretendu l-lussu. Jgħid li minkejja dan kienu jgħixu komdi.

Jgħid li missieru kellu r-raba' bis-siġar tal-frott u hu u ħutu s-subien kienu jkunu jgħinuh fir-raba' ta' kuljum wara l-iskola u s-Sibt ġurnata sħiħa.

Jgħid li ommu kienet tkun xogħol fil-forn il-ġurnata kollha. Iżid li missieru kien jagħmel l-ewwel fornata fit-tlieta ta' filgħodu sabiex mal-ħamsa u nofs, is-sitta, x'ħin in-nies joħorġu mill-quddiesa jsibu l-ħobz.

Jgħid li għall-ftajjar l-ingredjenti bħal ġobon, tadam, tursin, bajd, u basal kienu minn tagħhom. Jgħid li qatt ma' xtraw xejn għax kellhom in-nagħaġ u t-tiġieg. Iżid li kienu jixtru biss d-dqiq, żejt, u sardin li ma' setgħux jagħmlu huma. Jgħid li anqas l-injam ma' kienu jixtru għax dan kien jinġabar mingħand in-nies.

Jgħid li l-Ħadd kienu jiftħu biss għat-turtieri. Iżid li l-ġenituri tiegħu kienu tax-xogħol u qatt ma gergru. Iżid li qatt ma' marru mkien u dejjem għamlu sold u fadluh. Jgħid li l-flus kienu jżommuhom id-dar f'armarju f'ħajt. Iżid li l-armarju għadu hemm iżda l-flus ma' jaħsibx li għadhom hemm.

Jgħid li huwa jiftakar imur ma' missieru l-pitkalija kull sitt xhur bejn is-snin sebgħin u l-1981. Iżid li bħala dħul kienu jiġbru madwar Lm1,500 li dak iż-żmien kienu flus. Jgħid li missieru baqa għaddej f'dan ix-xogħol sa tlett snin qabel miet. Jiċċara li tali qliegħ kien mill-frott biss – tuffieħ, ħawħ, għajnbaqar, u tadam. Jgħid li l-flus tal-forn kienu apparti. Iżid li l-flus l-aktar li kienu jiġu kien mill-forn mhux mill-frott. Jgħid li l-ftira tal-Maxokk kienet u għadha magħrufa.

[36] Affidavit a fol 79 u 80. Ezebit ghal darb'oħra a fol 87, inkluz in verso pagina.

Jgħid li l-forn qatt ma' ingħalaq u x-xogħol baqa' dejjem għaddej tajjeb.

Jgħid li meta sar jaf bil-kuntratti inħasad. Iżid li ħassu misruq minn wirt ommu u missieru. Iżid li oħtu Grace m'għamlitx sew u ommu miskina biss tista' tgħidilha.

Jgħid li sakemm mietet, ommu dejjem insistiet li lil kulħadd tħobb l-istess.

Jgħid li huwa ċertissimu li flus li jissemmew fuq tali kuntratti m'għaddewx la dakinhar, la qabel, u anqas wara.

Jgħid li huwa persważ li ommu qatt ma' isselfet flus mingħand Grace. Iżid li dan stante li qatt ma' kienet fil-bżonn anzi, kellha lilhom tas-safar jibgħatu l-flus.

Jgħid li meta missieru mar sabiex jixtri l-post "Ta' Rendu" dan kien għoli u huwa dar fuq is-subien tal-Amerika għall-għajnuna sabiex jixtrih. Iżid li kienu hu, Anthony, Joseph, u Jack li bagħtu l-flus mill-Amerika sabiex jinxtara tali post. Jgħid li jaħseb li bagħtu erbat'elef Dollaru Amerikan kull wiehed. Iżid li dan għamluh minn qalbhom. Jgħid li dik kienet l-akbar spiża li qatt għamlu l-ġenituri tiegħu. Iżid li ċertament li ma' kienux ser jonfqu l-flus kbar li jissemmew fil-kuntratt ta' Grace.

Jiddikjara li wara li ommu kellha l-i*stroke* kienet bagħtuta u kellha bżonn kamra tal-banju isfel. Iżid li hu ried jagħmlilha tali kamra a spejjeż tiegħu iżda Grace ma' ħallietux għax taparsi kienet ser tieħu ħsieb hi. Iżid li l-kamra tal-banju qatt ma' saret.

Jgħid li kien hu li xtara u nstalla sistema tal-arja kondizzjonata għal ommu taht it-taraġ fejn kienet tkun kważi l-ħin kollu. Jgħid li minkejja li ommu kienet kuntenta b'dan, malli telaq minn Għawdex lura lejn l-Amerika oħtu Grace ma' ħallithiex tużah sabiex ma' taħlix dawl.

Jgħid li Grace mank kienet toħroġha lill-ommu, u anqas kienet tħalli lilhom joħorġuha.

Jgħid li meta miet missieru u l-forn daħar fuq oħtu Grace, dan kien bil-kundizzjoni li Grace ddur b'ommhom. Iżid li hu ma' jħossx li Grace dahret b'ommhom kif kien jixraq li jsir.

**In kontro-eżami**,[37] xehed li huwa ilu l-Amerika 42 sena. Jgħid li mis-sena 1996 niżel kull sena, darba fis-sena. Iżid li ilu l-aħħar 10 snin jinżel darbtejn fis-sena.

Jgħid li hu telaq lejn l-Amerika meta kellu 18-il sena u dak iż-żmien ommu u missieru kien għadhom mimlijin għomor u f'saħħithom. Jaqbel li kien għadhom ukoll jieħdu ħsieb ir-raba' u jmexxu l-forn.

Mistoqsi kif sar jaf bil-kuntratti jgħid li qalulu ħutu Jack u Rita. Iżid li qalulu li fil-kuntratti kien hemm ħafna gideb.

Jgħid li hu l-kuntratti rahom u qrahom.

Mistoqsi jagħti eżempju ta' gidba fil-kuntratti jgħid li fejn oħtu Grace iddikjarat li xtrat sehem ommhom mill-proprjeta' għax ommhom kienet debitriċi tagħha.

Jaqbel li missieru miet qabel ommu u ommu tagħtha *stroke*. Jaqbel għalhekk li ommu ma' setgħetx taħdem iżjed u kellha bżonn minn jgħina. Jaqbel ukoll li kienet tieħu ħsiebha Grace. Jgħid li għall-kura ta' ommhom Grace kienet titħallas bid-dħul li kellha ommhom. Jgħid li ommhom kellha pensjoni.

Jaqbel li ma' ommhom kien jgħix ħuhom Frankie. Jaqbel li Frankie ma' kienx jaħdem. Jgħid li għalhekk ommu kienet tagħti xi flus lil Frankie. Jaqbel li ommu lil Frankie kienet tagħtih xi flus mill-pensjoni u minn xi kont bankarju li kellha. Iżid li jaħseb li l-bank kien il-*Bank of Valletta*. Jgħid li l-ġenituri tiegħu kienu wkoll iżommu ħafna flus id-dar.

Mistoqsi jekk jaqbilx li kienet Grace li tagħti l-flus lil Frankie u mhux mill-pensjoni ta' ommhom iżda minn tagħha jgħid li lilu dejjem qalulu li ommu toħroġ l-ispejjeż kollha. Iżid li ommu kienet tgħidlu l-istess meta kien iżurha fis-sajf.

Mistoqsi jekk fil-verita' jistax jgħid x'kien qed jiġri bil-preċiż jgħid li hu ma' kienx magħhom. Iżid li minkejja dan ommu kienet tafdah għax kienu viċin ħafna.

[37] Traskrizzjoni a fol 521 sa 536.

Mistoqsi kif, ladarba jgħid li kien tant viċin ta' ommu, meta sar jaf bil-kuntratti ma' kellimhiex dwarhom jgħid li ma' setgħax għax magħha dejjem hemm Frankie lest biex jaqla l-inkwiet, jew Grace u l-oħrajn joqodu wara l-bieb jissemmgħu.

Jgħid li ommu tagħta l-i*stroke* fl-1995.

Mistoqsi għalfejn fl-affidavit qal li Grace ma' ħallitux jagħmel kamra tal-banju għal ommu fis-sular ta' isfel jgħid li għal fini ta' moħħa.

Jaqbel li Grace kienet tieħu ħsieb ta' ommu iżda jżid jgħid "sa ċertu punt". Mistoqsi xi jfisser b'"sa ċertu punt" jgħid li għax ommu, kull meta kien iżurha kienet dejjem tgħidlu li mhix kuntenta. Iżid li ommu kienet tidher li kellha xi ħaġa li riedet tgħidlu iżda ma' setgħetx għax l-oħrajn ikunu jissemmgħu. Iżid li forsi kienu jinsulentawha jew jedduha.

Mistoqsi huwiex jassumi li kien hemm xi ħaġa ddejjaq lill-ommu jgħid li le. Iżid li għajnejha kien jaqrahom u kienu jkunu mdawrin bid-dmugħ.

Mistoqsi għalfejn fl-affidavit jgħid li ommu ma' kienitx kurata kif xieraq u li batiet u soffriet jgħid li sabiex jitħadded il-verita', hu hemm preżenti ma' kienx ikun iżda dik id-daqxejn li kien imur jaraha kienet tidher qisha riedet toħroġ qalbha miegħu u ma' tistax titkellem. Jgħid li forsi kienet tibża li jekk tiftah qalbha miegħu u jisimgħuha wara jittrattawha ħażin.

Jaqbel li minkejja li ommu għamlet snin twal *bedridden,* l-isptar qatt ma' daħlet iżda baqgħat dejjem id-dar.

Jgħid li ma' jiftakarx li lura fl-2012 għamel kawża kontra ommu. Mistoqsi jistax ikun li ommu kienet tkun dispjaċuta għax għamel kawża kontriha jgħid li ma' kienx ser jagħmel kawża kontra ommu.

Mistoqsi jekk ladarba jgħid li ommu kienet maħqura kif meta kien ikun hawn qatt ma' għamel rapport dwar dan, jgħid li kien jgħid lill-ħutu Rita u Jack sabiex jaraw x'jista jsir. Iżid li dawn ħutu pruvaw iġibu lil min jgħin lil Grace iżda Grace ma' kienitx tħallihom jidħlu.

Jgħid li hu kien ikun Għawdex fuq vaganza ta' erba (4) gimgħat u għalhekk ma' kienx ikollu ħin jagħmel rapporti u akkużi. Iżid li kien iħalli f'idejn Rita u Jack.

Jgħid li lil Grace ġieli affaċjaha dwar l-istat li kienet fih ommhom. Jgħid li kienet kull darba tieklu. Jaqbel li beżgħa minn Grace u baqa' m'għamel xejn.

Mistoqsi minn allura kien jaqdi l-ommhom fil-bżonnijiet tagħha jgħid li Grace, Rita, u Jack. Iżid li Carmen dak iż-żmien ma' kienitx tersaq l-hemm għax kienet miksura ma' Grace.

Jaqbel li huwa kien iffirma sabiex il-liċenzja tal-forn tinqaleb fuq Grace. Jgħid li dan għamlu bil-patt li Grace tieħu ħsieb ta' ommhom. Mistoqsi jekk Grace ħaditx il-piż kollu tal-forn u ta' ommhom għax ħadd ma' ried jerfa' tali piż, jgħid li Jack il-forn riedu. Mistoqsi kif setgħa jieħu l-forn Jack meta kien l-Amerika jgħid li Jack ilu li ġie lura mill-Amerika.

Jaqbel li Jack kien ukoll iffirma sabiex il-forn jinqaleb fuq Grace u dan meta kien għadu jghix l-Amerika. Iżid li l-patt kien li Grace taħdem biss fil-forn u dan sabiex ma' jingħalaqx.

**In re-eżami**,[38] mistoqsi dwar il-kamra tal-banju li ried jagħmel għal ommu u s-sistema tal-arja kondizzjonata li għamlilha u mistoqsi għalfejn tali affarijiet m'għamlitohmx Grace jgħid li Grace qatt ma' kienet tonfoq flus għal ommu.

Jgħid li bil-kuntratti li ommu għamlet ma' Grace sar jaf mingħand Rita u Jack iżda ma' jiftakarx f'liema sena.

**L-Avukat Dr. Angele Formosa**, avukat difensur tal-atturi, xehdet[39] li hija kienet ġiet ikkuntatjata mill-familja Attard biex tkellem lill-mejta Maria Attard. Iżżid li kellha tmur id-dar tagħha hi peress li kienet limitata mill-mobilita' fiżika stante li kien kellha *stroke*.

Tgħid li kien importanti ħafna għal Maria li hija tmur meta bintha Grace u l-familja tagħha ma' jkunux id-dar. Iżżid li dan qaltulha Maria stess.

Tgħid li hi marret l-ewwel darba għand Maria nhar ta' Ħadd, f'San Koronatu filgħaxija. Tgħid li d-dar ta' Maria kienet antika u bażika ħafna.

---

[38] Traskrizzjoni a fol 536 sa 538.
[39] Traskrizzjoni a fol 81 sa 84.

Iżżid li kienet mudlama għax bozoz waħda jew tnejn miż-żgħar biss kien hemm. Tgħid li kien hemm riħa ta' xi ħadd marid.

Tgħid li dakinhar, meta tkellmet ma' Maria din kienet f'pultruna taħt taraġ. Iżżid li Maria kienet titkellem b'vuċi baxxa ħafna tant li kellek tersaq qrib tagħha sew sabiex tismagħha. Tgħid li Maria kienet tidher imwerwra li ser jidħol xi ħadd fuqhom.

Tgħid li dakinhar li marret għand Maria l-ewwel darba magħha kien hemm l-atturi Jack u Rita.

Tgħid li lil Maria ratha f'okkażżjoni oħra meta kienu ser jintavolaw kawża u hi marret flimkien man-Nutar Valeria Said u d-deputat reġistratur tal-Qorti Maureen Xuereb sabiex jingħata l-ġurament lil Maria fuq ir-rikors.

Tgħid li dakinhar, għal darb'oħra kien hemm l-istess riħa ta' mard. Tgħid li Maria kienet fuq l-istess pultruna u meta wasal il-mument għall-amministrazzjoni tal-ġurament daħlet Grace u b'rabja kbira ħatfet is-salib tal-ġurament. Iżżid li kulħadd twerwer tant li fuq il-post issejjħet il-pulizija. Tgħid li Grace anke imbuttat lil Maureen tant li spiċċaw il-Qorti fuq il-kwistjoni.

Tgħid li minn dakinhar ma' reġgħax kellha kuntatt ma' Maria sakemm dehru l-Qorti  fuq l-aggressjoni.

Tgħid li nvestiment f'xi proprjeta' fil-valur imsemmi fil-kuntratti in mertu żgur li ma' kienx hemm. Iżżid li fil-post anqas kien hemm kamra tal-banju sura tant li sabiex tinħasel Maria kienet tutilizza fliskatur li hi rat b'għajnejha.

Mistoqsija mill-Qorti kif taf li ma' kienx hemm kamra tal-banju u jekk daritx il-post kollu tgħid li kien jidher għax il-post żgħir ħafna u m'hemmx wisgħa fejn timrah. Tammetti li fis-sular ta' fuq ma' tafx x'kien hemm iżda isfel ratu kollu. Tgħid li ċiononostante, Maria ma' kienitx mobbli biżżejjed sabiex titla fuq.

Tgħid li d-dar kienet żvestita minn kull kumdita u jekk kien hemm pultruna ma' kienitx *recliner* u s-sodda ma' kienitx xi waħda minn dawn appożiti għall-anzjani li titla u tinżel.

Tgħid li kien ċar li Maria, fin-nuqqas ta' mobilita' fiżika tagħha, kienet konfinata għall-pultruna li d-darbtjen sabuha fiha.

**Silvana Mizzi**, bint l-attrici Rita Grech, xehdet permezz ta' affidavit.[40]

Tiddikjara li Maria Attard kienet in-nanna materna tagħha. Tgħid li hi taf sew kemm lil nannitha kif ukoll lil zijitha Grace stante li għal erba' snin, bejn l-2006 u l-2010, kienet taħdem fil-forn.

Tgħid li hi tiftakar lin-nannu matern tagħha ħaj. Iżżid li dan miet fl-2003 sa meta kien għadu jinżel il-forn jagħmel il-ħobż għalkemm in-negozju tal-forn kien diġa' f'idejn Grace. Iżżid li kienet Grace li tiġbor il-qliegħ kollu tal-forn.

Tgħid li tiftakar lir-raġel ta' Grace jibda jaħmi l-forn kmieni filgħodu waqt li Grace tmur tagħmel ix-xirja u għall-10 ta' filgħodu tniżżel lil Maria mis-sodda. Tgħid li għalhekk nannitha Maria li kellha limitazzjoni fil-mobilita' fiżika kien ikollha tistenna sal-għaxra qabel tinħareġ mis-sodda. Iżżid li meta ġara li hi waslet il-forn qabel Grace kienet tidħol fejn nannitha u tirranġaha kif tista' għaliex kienet issibha tokrob.

Tgħid li nannitha kienet inkontenenti u ma' ridietx ħrieqi allura kienet tkun ħażin filgħodu. Iżżid li skontha nannitha kellha titnaddaf fis-6 ta' filgħodu mhux fl-għaxra.

Tgħid li meta x-xogħol fil-forn kien ibatti kienet terġa tidħol għand nannitha tagħmlilha faċenda. Tgħid li dan kienet tagħmlu minn jedda u ma' kien jikkmandaha ħadd. Iżżid li tat-tali xogħol anqas ma' kienet titħallas.

Tgħid li għal xogħolha fil-forn hi ma' kienitx titħallas paga fis-siegħa iżda skond xi jkun il-qliegħ fl-aħħar tal-ġurnata.

Tgħid li d-dar ta' nannitha ma' kellha ebda kumditajiet. Tgħid li *shower* isfel ma' kienx hemm. Iżżid li l-istess dar hi ta' żewġ sulari iżda mhijiex kbira. Tgħid li t-tromba tat-taraġ tieħu ħafna mill-ispazju. Iżżid li fuq kien hemm kamra ta' zijuha Frankie u kamra tal-banju. Tgħid li għamara ftit li

---

[40] Affidavit a fol 90 sa 92.

xejn kien hemm u li kien hemm kienet sempliċi. Tgħid li nannitha la salotti u anqas linef ma' kellha.

Tgħid li jekk nannitha tat xi flus kienu għal xi quddiesa l'hawn u l'hemm.

Tgħid li bil-kuntratti in mertu saret taf mingħand nannitha stess. Iżżid li meta qaltilha bihom nannitha bdiet tibki u tgħidilha ma' tgħid xejn lil ommha dwarhom għax tibża minn Grace u r-raġel tagħha. Iżżid li nannitha qaltilha li kienet rieqda u f'daqqa waħda sabet ħafna nies madwarha. Tgħid li dakinhar tal-kuntratti hi ma kienitx il-forn u jista' jkun li dan kien nhar ta' Tlieta meta hi ma kienitx taħdem.

Tgħid li Grace kienet taħsel lil nannitha. Iżżid li Grace kienet ukoll tiġbor u tamministra l-pensjoni ta' nannitha. Iżżid li flus f'idejha nannitha ammonti zghar kien ikollha.

Tgħid li l-forn ġieli kien impenjattiv ħafna u f'tali ġranet Grace ma' kienitx tidħol fejn nannitha. Iżżid li bejn tisma lil nannitha tgħajjat u bejn qed jippruvaw jaqdu lin-nies kienu jinfixxlu. Iżżid li ġieli seħħ li nannitha baqgħat sal-11, anke nofsinhar ma' tniżżlitx mis-sodda.

Tgħid li meta Grace saret taf li ommha saret taf bil-kuntratti hi ma baqgħetx tmur il-forn. Iżżid li dakinhar li nannitha kienet ser tiftaħ il-kawża kontra Grace hi kienet diġa' waqfet mill-forn.

Tgħid li wara li telqet mill-forn ma' setgħetx tidħol aktar għand nannitha liberament. Iżżid li dan għaliex Grace kienet dejjem għassa jew kienet tħalli lil Frankie għassa biex jara x'qiegħed jintqal u jsir.

Tgħid li wara li miet Frankie kienu jmorru nhar ta' Ħadd u lil nannitha kienu jsibuha taħt it-taraġ bi Grace għassa.

Tgħid li zitha l-oħra, Carmen, kienet ilha nieqsa mid-dar ta' nannitha. Iżżid li kemm damet taħdem il-forn hi Carmen qatt ma' ressqet lejn dar nannitha. Tgħid li Carmen reġgħet biss daħlet hemm meta hi kienet diġa' telqet mill-forn u dan bi sforz ta' ommha – omm ix-xhud. Iżżid li minfuq issa Carmen ma' tkellimx lill-ommha – omm ix-xhud – u daret ma' Grace fejn qabel qass biss kienu jitkellmu.

**In kontro-eżami**, xehdet[41] li hija ħadmet fil-forn ma Grace bejn l-2006 u l-2010. Tgħid li hija kienet taħdem fil-forn mit-Tnejn sal-Ġimgħa, tibda lejn l-10am u tispiċċa ħinijiet differenti. Tgħid li fix-xitwa kienet tispiċċa lejn il-5pm jew is-6pm u fis-sajf kienu jdumu aktar.

Mistoqsija jekk kienitx involuta fl-amministrazzjoni tal-forn tgħid li le. Mistoqsija kif allura xehdet li Grace kienet tieħu l-profitti kollha tgħid għax kollox kien f'idejha. Tgħid li din li Grace kienet tieħu l-profitti kollha kienet konklużjoni tagħha.

Taqbel li ma' tafx x'kien hemm fil-kotba tal-forn u din tal-profitti kienet assunzjoni tagħha.

Mistoqsija tistax tgħid x'kien jiġri qabel l-10 dment li xehdet li kienet tidħol għall-10am tgħid li ġieli daħlet qabel. Iżżid li lil Grace ġieli sabitha hemm u ġieli le. Mistoqsija jekk meta ma' sabithix hemm tistax tgħid li kienet hemm qabel u telqet tgħid li le.

Dwar li qalet fl-affidavit li kienet tasal il-forn, tidħol fejn nannitha, u ssibha għadha mhix imbiddli, mistoqsija kif tista tgħid hekk meta hi kienet tasal għall-10am, tgħid li ġieli sabet lil nannitha fis-sodda.

Mistoqsija jekk allura hijiex tgħid li Grace ma' kienet tagħmilha xejn lill-ommha tgħid li le. Iżżid li Grace kienet tniżżilha mis-sodda. Tgħid ukoll li ġieli Grace kienet tagħmel il-qadi ta' ommha – in-nanna tax-xhud – bħal tmur l-ispizerija. Tgid li għalhekk x'ħin hi – ix-xhud – kienet tasal il-forn ġieli sabet li Grace tkun għadha ma' qajmitx lil ommha mis-sodda u ma' bidlitilhix. Tgħid li tassumi hekk għax meta Grace kienet tnaddaf u tlesti lil nannitha kienu jniżluha mis-sodda.

Tgħid li hi pruvat tniżżel lil nannitha xi darbtejn jew tlieta iżda din kienet "ġennata".

Tgħid li hi fil-forn mhux paga fissa kellha iżda kienet titħallas skond ix-xogħol. Taqbel li Grace kienet ġeneruża magħha u qatt ma' qagħdet lura.

Tgħid li nannitha kienet toqod attenta xi tgħid. Iżżid li nannitha anqas kienet xi waħda tberbaq il-flus.

[41] Traskrizzjoni a fol 515a sa 515v.

Mistoqsija jekk nannitha kienitx titkellem magħha fuq affarijiet personali tagħha tgħid li hi kienet viċin ħafna ta' nannitha.

Mistoqsija fuq il-kuntratti u kif ġie d-diskors ma' nannitha dwar l-istess tgħid li darba fost l-oħrajn daħlet xogħol u nannitha bdiet tibki. Iżżid li hawn qaltilha naqra fuq, fuq. Iżżid li ma' tiftakarax eżatt dakinhar x'qaltilha. Tgħid li tiftakarha biss tgħid "x'għamluli, x'għamluli".

Mistoqsija jekk komplitx tistaqsiha ladarba qaltilha "x'għamluli, x'għamluli" tgħid li mbagħad qaltilha li ġabulha nutar u daqshekk. Iżżid li hi mbagħad ma' staqsitha xejn aktar. Tgħid li nannitha la qaltilha minn kien in-nutar u anqas minn ġabilha lin-nutar u hi ma' staqsithix.

Mistoqsija mill-Qorti għalfejn ma' staqsitihix minn kien in-nutar tgħid li għax ma' riditx tidħol f'dawk l-affarijiet.

Tgħid li ommha saret taf bil-kuntratti mingħand zijuha Anthony. Mistoqsija kif sar jaf zijuha Anthony tgħid li ma' tafx. Iżżid li hi lill-ommha ma' kienitx qaltilha.

Taqbel li x-xogħol ta' tqandil ta' nannitha kienet tagħmlu zijitha Grace waħedha, u dan għal sebgħat' ijiem fil-ġimgħa. Taqbel li dan kien xogħol impenjattiv ħafna. Tgħid li nannitha kienet mara kbira u mixħutha f'sodda – ma' kinietx tqum fuq saqajha.

Mistoqsija jekk nannitha baqetx sal-aħħar id-dar tgħid li l-aħħar jumejn biss għamlet l-isptar. Tgħid li nannitha għamlet sbatax (17)-il sena *bedridden* wara l-i*stroke*.

Taqbel li f'tali sbatax (17)-il sena nannitha kienet l-isptar biss l-aħħar jumejn ta' ħajjitha.

Tgħid li kollox zijitha Grace kienet toħdilha ħsieb iżda ommha, l-attriċi Rita, kienet titla tagħti daqqa t'id darba fil-ġimgħa.

Taqbel li minkejja li hi kienet qrib ħafna ta' nannitha, meta ommha saret taf bil-kuntratti hi ma' ħassitiex komda tkompli tmur xogħol il-forn u għalhekk qatgħat. Tgħid li Grace qatt ma' qaltilha li ma' tistax tmur tara lil nannitha.

Tgħid li hija waqfet taħdem il-forn għax zijuha Frankie beda jgħid li kienet hi li kienet qed tgħid lil ommha b'kull ma' kien jiġri għand nannitha. Iżżid li hi ma' kienet qed twassal ebda messaġġi.

Tgħid li la zijuha Frankie, la zitha Grace, u anqas nannitha ma' qalula xejn.

Taqbel li l-forn kien ikun hemm Grace, hi, u iben Grace, Christopher.

Taqbel li Grace kienet tkun dieħla u ħierġa mill-forn sabiex taqdi il-bżonnijiet ta' ommha anke waqt ix-xogħol. Taqbel għalhekk li Grace kienet tlaħħaq mall-forn u ma' nannitha – omm Grace, Maria.

Mistoqsija jekk ladarba kienet titlaq mil-forn lejn is-6pm, tistax fil-fatt tgħid x'kien jiġri wara s-6pm, u, speċifikatament, jekk kienitx titla zijitha Carmen Cauchi sabiex tgħin b'nannitha, tgħid li fiż-żmien li kienet taħdem il-forn hi Carmen u Grace ma' kienux jitkellmu. Iżżid li Grace u Carmen reġgħu bdew jitkellmu wara li telqet hi mill-forn. Iżżid li kienet ommha li qalet lil Carmen terġa tkellem lil ommhom u minn hemm, Carmen u Grace – li huma tewmin – bdew jitkellmu wkoll.

Tgħid li kemm damet il-forn hi nannitha ġieli għajtitilha sabiex tagħmlilha xi qadja u hi kienet tgħinha. Ma' tiċħadx li ġieli 'qabżitilha' għax kienu jkunu mħabbtin fil-forn.

**Mario Galea**, in rappreżentanza tal-*HSBC Bank (Malta) p.l.c.*, xehed[42] li fuq John u Grace Farrugia ma' sab ebda kontijiet bankarji. Iżid li fuq Maria Attard ma' ntalab jagħmel ebda riċerka.

**Saviour sive Alvin Scicluna**, in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, xehed[43] li Maria Attard magħhom kellha *term account* li tiegħu jeżebixxi rendikont għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu, 2003 sat-8 ta' Mejju, 2006.[44]

Dwar il-konjuġi John u Grace Farrugia jeżebixxi rendikontijiet ta' erba' (4) kontijiet bankarji.[45]

---

[42] Traskrizzjoni a fol 101 u 102.
[43] Traskrizzjoni a fol 103 sa 105.
[44] Rendikont a fol 106 sa 118.
[45] F'envelop ta' lewn kannella a fol 119.

Jgħid li l-kont ta' Maria Attard kien amministrat bi prokura rilaxxata lil Grace Farrugia. Jgħid li d-data fuq il-prokura hija dik tat-2 ta' Awwissu, 2003. Jeżebixxi kopja tal-prokura.[46]

**In-Nutar Dr. Maria Vella Magro** xehdet[47] li sabiex saru l-kuntratti tas-26 u tad-29 ta' April, 2010 bejn Maria Attard u Grace u John konjuġi Farrugia kienet marret tkellimha Grace Farrugia.

Tgħid li Grace spjegatilha x'riedu li jsir. Iżżid li lil Grace hi qaltilha li l-ewwel nett tkun trid tkellem lil Maria Attard sabiex taċċerta ruħha li dawn kienu tassew ix-xewqat tagħha.

Tgħid li hi kienet ivverifikat billi tkellmet ma' Maria Attard fit-tul inkluż fuq flus li kienet ħarġet tul iż-żmien Grace. Iżżid li Grace kienet ilha żmien twil tieħu ħsieb kemm ta' Maria kif ukoll ta' Frankie. Tgħid li lil Frankie, Grace kienet tagħtih x'jonfoq ta' kuljum, b'nhar ta' Ħadd tagħtih tikka iżjed.

Tgħid li Maria Attard speċifikatilha li Grace kienet toħroġ il-flus kemm għalija – għal Maria – kif ukoll għal Frankie minn butha.

Tgħid li bħala mnejn kienet iġġib il-flus Grace hi provi m'għandix u dakinhar ma' kienitx marbuta tistaqsi bħal ma' hi llum bir-regoli tal-ħasil tal-flus.

Mistoqsija jekk indagatx dwar il-pensjoni ta' Maria Attard tgħid li le. Iżżid li dak li tista tgħid hi huwa li l-ispejjeż kollha ta' Maria u Frankie Attard kienet tkoprihom Grace Farrugia.

Tirreferi għal ġurament li tat lil Maria Attard fis-26 ta' April, 2010 ossia dikjarazzjoni ta' Maria Attard magħmulha quddiemha li, *inter alia*, tikkonferma li meta hi – Maria Attard – inxteħtet fis-sodda bintha Grace ħadet ħsieb ta' kollox fid-dar – ħasil, tisjir – kemm għalija kif ukoll għal binha Frankie. L-istess dikjarazzjoni titkellem dwar mediċini u kontijiet tal-utilitajiet fejn tgħid li dawn kienu jitħallsu minn Maria Attard stess.

[46] Kopja tal-prokura a fol 120.
[47] Traskrizzjoni a fol 121 sa 147.

Tgħid li għalhekk fid-dikjarazzjoni kienu ddistingwew bejn xi tħallas Grace u xi tħallas Maria stess kif ukoll x'tieħu ħsieb Grace.

Teżebixxi kopja tad-dikjarazzjoni.[48]

Mistoqsija x'taf iżda dwar in-natura tal-ħlasijiet magħmulha versu bżonnijiet ta' Maria u Frankie Attard minn Grace u jekk dawn sarux f'forma ta' self, tgħid li hi taf li Maria Attard riedet tbiegħ il-post lil Grace sabiex tagħmel bħal *set-off*. Tgħid li Maria Attard riedet għalhekk li l-post jgħaddi għand Grace għall-ispejjeż magħmulha minnha matul iz-żmien.

Tikkonferma li Maria Attard stess qaltilha li riedet tbiegħ il-post lil bintha Grace tal-ispejjeż kollha li Grace kienet għamlet u qed tagħmel għalija. Iżżid li lil Maria Attard hi spjegatilha d-differenza bejn donazzjoni u bejgħ. Tgħid li hi kienet konsapevoli ta' x'kienet qiegħda tagħmel Maria Attard u għaliex kienet qed tagħmel hekk.

Mistoqsija dwar il-valur ta' EUR 70,000 attribwit lill-proprjeta' u kif Maria Attard kienet tant ċara f'moħħha dwar dan tgħid li taħseb li tkellmu fuq liri Maltin mhux Euros.

Tgħid li hi kienet qadgħet taħdem xi somom ma' Maria Attard.

Tgħid li Maria Attard riedet li Grace tieħu l-post bħala ħlas lura ta' dak li kien ilha tħallas favur Maria Attard u Frankie Attard tul il-bosta snin.

Tgħid li Maria Attard kienet konsapevoli tal-qliegħ li Grace kienet tagħmel mill-forn li kien għadu tagħha – ta' Maria. Iżżid li taf ukoll li kienet saret distinzjoni bejn meta missier Grace kien għadu ħaj fejn kollox kien qisu f'idejh.

Mistoqsija jekk il-ġwież li jissemmew fid-dikjarazzjoni ta' Maria u li għalihom kellha tħallas Grace kienux sabiex bihom jiġu mitmugħa minn ħu Grace, Alfred, annimali li l-prodott tagħhom jintuża fil-ftajjar tal-forn tgħid li iva. Tgħid li lil Maria dwar dan ma staqsitihiex fid-dettal.

Tgħid li hi fehmet li l-ispejjeż tal-forn anqas kellhom x'jaqsmu mas-somma għaliex kienu saru minn Grace.

[48] Affidavit a fol 148, inkluz in verso pagina. Ezebit ghal darb'oħra, u fil-forma oriġinal tieghu, a fol 434 u 435.

Tgħid li Maria Attard ma' qaltilhiex li jrid isir xi tip ta' *profit and loss*. Tgħid li d-dikjarazzjoni hija stat ta' fatt li Maria ma' kienitx toħroġ spejjeż dwar il-forn. Iżżid li għalhekk ma' taħsibx li dawn ġew inklużi fis-somma li Maria kellha għalhekk tagħti lura lil Grace.

Mistoqsija ratx xi rendikont bil-miktub dwar flejjas allegatament magħmulha minn Grace a favur ta' ommha Maria Attard tgħid li le. Iżżid li saru tip ta' *workings* minnha stess x'ħin bdew jgħidulha l-infieq li sar minn Grace. Iżżid li ma' tiftakarx li kien jinżamm xi ktieb mill-partijiet.

Tgħid li safejn tiftakar hi, waqt li kienet qiegħda tkellem lil Maria Attard, lil Grace qaltilha titlaq mill-kamra. Iżżid li dan seħħ kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni kuntratt u hi damet ħafna tispjega lil Maria Attard u tikkonferma magħha. Iżżid li wara dan reġgħet tkellmet fit-tul ma' Maria Attard anke fil-preżenza tax-xhieda.

Taqbel ma' suġġeriment tal-Qorti li hija qagħdet ħafna attenta dwar x'riedet tagħmel eżatt Maria Attard. Iżżid li f'dan il-każ aktar minn każijiet oħra peress li hemm ħafna aħwa u kienet taf li tista tiġi fl-inkwiet tant li lilha anke għeddewha u għajruha.

Mistoqsija mill-Qorti jekk aċċertatx ruħha sa barra li Maria Attard riedet tassew tagħmel bejgħ favur bintha Grace tgħid li ċċekjat magħha u damet ħafna titkellem magħha b'dan li assigurat ruħha li kien tassew bejgħ li riedet tagħmel. Iżżid li tagħmel differenza bejn donazzjoni u bejgħ.

Tgħid li Maria Attard kienet ċara li din ma' kienitx donazzjoni iżda bejgħ.

Tgħid li hi skritturi ta' self ma' ratx iżda tkelmet ma Maria Attard li kkonfermat li saru spejjeż minn bintha Grace għal liema riedet tikkumpensaha.

Tgħid li hi kkunsidrat l-ispejjeż inkorsi u hawn ħadmet somma li ġiet teċċedi l-EUR 70,000 attribwiti bħala valur lill-proprjeta' li minnha Maria Attard biegħet sehemha lil Grace.

Tgħid li kienet hi stess li aċċertat ruħha dwar dak li riedet Maria Attard u m'għamlitx dan bl-assistenza ta' xi avukati jew qassisin iżda billi kellmet lil Maria personalment u fit-tul. Tgħid li hi la tkellmet ma' avukat għal

Maria u anqas għal konjuġi Grace u John Farrugia. Iżżid li anqas ħadet l-impresjsoni li dawn kienu qed jiġu diretti minn xi avukat.

Tgħid li apparti għall-pagamenti li Grace kienet tagħmel ta' kuljum lil Frankie u għall-ispiża tal-ixkejjer tal-ġwież, Maria Attard riedet tikkumpensa lil Grace ta' kemm kien ilha tieħu ħsiebha. Tgħid li Maria riedet tikkumpensa lil Grace bi flus iżda flus ma' kienx baqa' u għalhekk kitbitilha l-post.

Tgħid li hi la taf kemm kellha flus Maria Attard u anqas staqsietha dwar hekk.

Tgħid li meta sar t-tieni kuntratt – tad-29 ta' April, 2010 – hi reġgħet marret għand Maria Attard personalment fejn kienet fehmet li kien ser isir trasferiment ta' nofs il-proprjeta' "Ta' Rendu". Tgħid li hawn Attard ikkoreġietha li hi nofs tan-nofs biss kienet ser tgħaddi lil Grace.

Tgħid li meta sar l-ewwel kuntartt Maria Attard kienet diġa' tagħta ħjiel dwar il-proprjeta' "Ta' Rendu". Iżżid li imbagħad reġgħu sejħulha fejn Maria stess għamlitilha ċar li nofs tan-nofs kienet ser tgħaddi lil Grace.

Tgħid li hawn qagħdet terġa' tispjega lil Maria Attard.

Tgħid li dwar is-somma ta' EUR 220,000 tkellmet fit-tul ma' Maria Attard u vverifikat magħha. Tgħid li s-somma ntleħqet meta għoddew l-ispejjeż li semmew lilha. Iżżid li kemm Maria kif ukoll Grace kienu semmewlha l-ispejjeż li saru u hi għoddithom flimkien.

Tgħid li anke hawnhekk l-ewwel tkellmet ma' Maria waħedha u fit-tul imbagħad, sintendi, daħlet Grace għall-iffirmar tal-kuntratt.

Tgħid li ħadd ma' qalilha li kien hemm EUR 220,000 spejjeż iżda lilha semmewlha l-ispejjeż u hi għoddithom flimkien.

Tgħid li hi fehemet li Grace kienet tieħu ħsieb id-dar a spejjeż tagħha, tara li ma' jonqos xejn u tħallas kollox hi – għajr għall-affarijiet elenkati speċifikatament fid-dikjarazzjoni li ħadet hi mingħand Attard.

Tgħid li fis-26 ta' April, 2010, meta sar l-ewwel kuntratt, is-somma dovuta minn Maria favur Grace kienet diġa' eċċediet l-EUR 70,000 attribwiti lis-

sehem tal-proprjeta'. Iżżid li fid-29 ta' April, meta sar it-tieni kuntratt, din is-somma kienet kapitalizzata għal EUR 220,000. Tgħid għalhekk li l-EUR 220,000 huma s-somma kollha li nħareġt tul iż-żmien bl-ewwel kuntratt fejn dan jgħid biss "flus mislufa lilha jissuperaw u jeċċedu bi kbir" il-valur attribwit lill-proprjeta' kien qiegħed għalhekk jirreferi għal dawn l-EUR 220,000 msemmija fit-tieni kuntratt.

Tgħid li t-tieni kuntratt jgħid li l-imsemmi self ma' jkoprix il-valur ta' kuri, serviġi u assistenzi reżi stante li Maria Attard kienet konxja ħafna li kieku kellha tħallas għal tali serviġi s-somma kienet tkun anke akbar.

Tgħid li Maria Attard lilha qaltilha li ma' Grace lilha qatt ma' naqasha xejn. Iżżid li magħha Maria dejjem dwar Grace u l-flus li nefqet għalija Grace tkellmet.

Tgħid li Maria Attard fuq id-dokumenti għamlet salib stante li ma' kienitx taf tiffirma. Iżżid li s-salib sar quddiem ix-xhieda u hi dejjem ukoll spjegat quddiem ix-xhieda u qatt quddiem Grace.

Tgħid li hi tirrepeti ħafna ruħha u tibqa' tistaqsi l-istess affarijiet anke b'mod differenti apposta sabiex tkun ċerta li dak li jkun ikun qiegħed jifhem u tivverifika l-volonta' vera tiegħu.

**Xehdet ulterjorment**,[49] li bħala affidavits għandha saru tnejn minn Maria Attard, wieħed minn Frankie Attard, u tnejn minn Grace Attard.

Tgħid li ta' Maria Attard wieħed huwa datat is-26 ta' April, 2010 u ieħor id-29 ta' April, 2010. Teżebixxi l-oriġinal tagħhom.[50] Iżżid li l-affidavit ta' Maria Attard sar f'darha stess. Tispjega li hi marret għand Maria u hemm sar l-affidavit tagħha.

Tispjega li qabel ħadet l-affidavit ta' Maria l-ewwel qadet titkellem magħha u tistaqsiha l-mistoqsijiet. Tgħid li għal bidu staqsitha mistoqsijiet normali, bħal kemm għandha tfal, mhux fuq li kien hemm bżonn jinkiteb. Iżżid li dan sabiex rat li Maria kienet f'sensija.

---

[49] Traskrizzjoni a fol 416 sa 420.
[50] Affidavits ta' Maria Attard, it-tnejn fil-verzjoni oriġinali taghhom, wiehed mehud nhar is-26 ta' April, 2010 a fol 434 u 435, b'certifikat mediku ukoll oriġinali a fol 436 u iehor mehud nhar id-29 ta' April, 2010 a fol 437.

Tgħid li Maria kienet ċara fuq li bdit tgħid fuq bintha, fuq dak li tagħmel magħha l-istess bintha, u fuq kif tiġġestixxi kollox u tieħu ħsiebha tali bintha.

Tgħid li l-kitba bl-id fl-affidavit ta' Maria hija dik tagħha – tan-nutar. Iżżid li l-kitba saret dak il-ħin stess waqt li Maria kienet qed tgħidilha.

Tgħid li mbagħad ħadet l-affidavit ta' bint Maria, Grace, u wara li qrat tali affidavit lil Frankie, ħu Grace, dan qalilha li jaqbel kollox ma' oħtu Grace. Teżebixxi l-oriġinali tal-affidavits meħduha lil Grace Farrugia u Frankie Attard.[51]

Iżżid li għalhekk staqsit lil Frankie jekk kienx veru li Grace tagħtih il-flus u x'tagħmel Grace ma' ommhom u dan qalilha li jaqbel ma' li qalet Grace. Tgħid li għalhekk hi annettiet kopja tal-affidavit ta' Grace ma' dak ta' Frankie.

Tagħraf kopja fotostatika ta' affidavit ta' Joseph Attard datat it-3 ta' Mejju, 2012 bħala dak meħud minnha.[52] Tobbliga ruħha li teżebixxi l-oriġinal tal-istess.

**In kontro-eżami**, xehdet[53] li l-affidavit ta' Maria Attard ħaditu minn jedda mhux għax talbitħa tagħmel hekk Maria Attard. Tgħid li dan għamlitu stante t-trasferiment li Maria kienet ser tagħmel lil bintha Grace u għax taf li għandha tfal oħra.[54] Iżżid li hi riedet tkun taf għalfejn Maria kienet qed tagħmel hekk ma' din bintha waħda fost ħafna.

Tgħid li flok toqod tidħol f'ħafna dettal fil-kuntratt proprju tippreferi li jkollha affidavit spjegattiv.

Tirrepeti li qabel xejn hija kienet qadet titkellem ma' Maria Attard sabiex tara li l-istess Maria kienet qed tifhem x'ser isir u kienet ċara f'li riedet u għalfejn riedet hekk.

---

[51] Affidavit tat-22 ta' April, 2010 rilaxxat minn Grace Farrugia a fol 442 u 443. Affidavit tad-29 ta' April, 2010 rilaxxat minn Grace Farrugia a fol 441. Affidavit ta' Frankie Attard rilaxxat nhar it-22 ta' April, 2010 a fol 438.

[52] Kopja fotostatika a fol 444.

[53] Traskrizzjoni a fol 420 sa 431.

[54] In-nutar hawn tkellemt fuq "donazzjoni" mentri huwa ċar mill-atti u mix-xhieda precedenti tagħha li hawn mhux donazzjonijiet saru iżda kuntratti ta' bejgħ.

Mistoqsija meta kien li ħadet l-affidavits ta' Maria Attard tgħid li solitament tieħu affidavit bħal dak dakinhar stess li jkun ser isir il-kuntratt.

Tgħid li Frankie dakinhar li saru l-kuntratti seta' daħal f'dar ommu pero' ma' qadtx ħin kollu ħdejhom. Tgħid li lil Frankie spjegatlu waħdu fl-uffiċju tagħha meta qalilha li jaqbel mal-affidavit ta' oħtu Grace.

Mistqosija jekk Frankie kienx mentalment limitat tgħid li kien *happy go lucky* u kuntent li jirċievi l-*pocket money* iżda kieku ma' kienx jifhem x'qed isir ma' kienitx teħodlu affidavit. Tgħid li ma' Frankie tkellmet diversi drabi, inkluż fuq min jieħu ħsieb lil ommu, u ma' ħaditx l-impressjoni li ma' kienx jaf fuq xiex kien qiegħed jitkellem.

Tgħid li l-*pocket money* ta' Frankie kien jiġi mingħand oħtu Grace. Tgħid li fuq il-pensjoni tal-wens li kien jirċievi sabiex jieħu ħsieb lil ommu ma kellimhix. Tgħid li hi ma' daħlitx fil-mertu ta' jekk Frankie kellux xi sors ta' dħul ieħor iżda rat biss li qabel li hu kien jieħu l-*pocket money* mingħand oħtu Grace.

Tgħid li hi kienet konċernata b'dak li tagħmel Grace ma' ommha u minn dak li tħallas Grace fid-dar.

Tgħid li Frankie nsista magħha li Grace kienet tieħu ħsieb ta' kollox. Tgħid li hi mbagħad elenkatlu dak li ntqal minn Grace u staqsitu jikkonferma u hu kkonferma. Tgħid li kieku ma' kienx hekk ma' kienitx tannetti l-affidavit.

Mistoqsija għalfejn ma' ħaditx affidavit lill-aħwa l-oħra tgħid li l-kwistjoni kienet tikkonċerna lil Maria li kienet ser tgħaddi proprjeta' lil Grace, lil Frankie li kien qed jitħallas ammont ġornaljer mingħand Grace, u lil Grace li kienet ser tirċievi mingħand ommha.

Tgħid li jekk aktar tard Maria Attard qalet li ma' tafx li għamlet dawn il-kuntratti, mela allura għandha d-dementia għax hi damet ħafna magħha, titkellem u tispjega. Tispjega li dakinhar tal-kuntratti Maria kienet ċarissima f'li qaltilha, anke wara li reġgħet spjegatilha. Iżżid li Maria saħansitra kkoreġitha meta hi – in-nutar – kienet fehmet ħażin dwar l-ishma tal-proprjeta' l-oħra li riedet tittrasferixxi.

Tgħid li ma' Maria ma' tkelmitx bi kliem tqil iżda bi kliem *colloqual* li jifhem kullħadd.

Tgħid li Maria kienet ċarissima, inkluż meta qaltilha li trid tagħti nofs dak li kien tagħha, mhux in-nofs tagħha.

Tinsisti li Maria Attard kienet ċarissima fi kliemha u taf x'qiegħda tgħid. Tgħid li taraha stramba ferm li wara Maria Attard setgħet qalet li ma tafx x'għamlet. Iżżid li jekk kellha xi ripentiment setgħet reġgħet bagħtet għalija – għan-nutar.

Tammetti li kienet Grace li ċemplitilha iżda iżżid li hi marret għand Maria u tkellmet direttament magħha.

Mistoqsija jistax jagħti l-każ li Maria kien mingħalija li dakinhar kien qiegħed isir biss testment tgħid li le. Iżżid li l-kliem sar ċar u hi għamlet ċar li l-kuntratt kien wieħed irrevokabbli. Tgħid li Maria dehret moħħha mistrieħ li lil Grace tatha.

Mistoqsija xi tgħid dwar id-dejn kapitalizzat fil-kuntratti meta Maria xehdet quddiem Qorti oħra li dejn ma' kellhiex, tgħid li bħal f'każijiet oħra fejn tiġi trasferita proprjeta' mingħajr ma' jsir ħlas, dak mhux neċessarjament ifisser li kien hemm dejn għax it-trasferent ikun issellef xi flus. Iżżid li tali trasferimenti jsiru għax persuna tkun għamlet ħwejjeġ ta' xi xorta ma' oħra, u l-oħra tkun trid tikkumpensaha. Tgħid li qisu kien hemm obbligazzjoni, jew dejn metaforiku.

Taqbel li fil-kuntratt ġie dikjarat li l-valur li ngħata lill-obbligu li Maria ħasset li kellha versu bintha Grace ma' kellux x'jaqsam ma' kuri, serviġi, u assistenzi reżi minn Grace. Tgħid li saret tali differenza stante li ma' saritx kwantifikazzjoni tal-fatt li Grace kienet qed tieħu ħsieb lil Maria.

**In re-eżami**, xehdet[55] li l-kwistjoni tan-"nofs tan-nofs" li speċifikat Maria Attard stess kienet meta sar it-tieni kuntratt.

Tgħid li fl-istadju tat-tieni kuntratt hi kienet fehmet li Maria Attard riedet tagħti lill-bintha Grace Farrugia nofs il-proprjeta' l-oħra ossia, sehemha mill-prorpjeta' l-oħra li hemm faċċata tad-dar numru 20 u tal-forn. Tgħid

[55] Traskrizzjoni a fol 431 sa 433.

li għalhekk hija lestiet kuntratt b'tali mod iżda meta marret għand Maria u bdiet taqrahulha din qaltilha *"le, jien nofs tan-nofs ta' sehemi rrid naghtiha, mhux sehemi kollu"*.

Tgħid li għalhekk tinsisti li Attard kienet speċifika ħafna dwar dak li riedet tagħmel. Iżżid li Maria għamlet ċar dak li riedet tant li waqfitha meta hi – in-nutar – ma' kienitx fehmet sew.

**In-Nutar Dr. Christian Zammit** xehed[56] li huwa rriċerka l-atti tiegħu iżda ma' jiftakarx x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-kuntratt ta' *datio in solutum* li sar bejn Maria Attard u l-konjuġi Carmen u Peter Paul Cauchi. Iżid li anqas biss jiftakar li kien mar f'post in-Nadur sabiex jagħmel it-tali kuntratt jew lil Maria Attard għalkemm għandu ideja ta' Carmen Cauchi.

Jikkonferma iżda li l-att huwa wieħed tiegħu.

**Xehed ulterjorment[57]** billi muri sett ta' seba' (7) affidavits[58] maħlufa quddiemu, ikkonferma l-firma u t-timbru tiegħu fuq l-istess.

**Carmela sive Carmen Muscat**, li dehret bħala xhud kemm fuq il-kuntratt tas-26 ta' April, 2010, kemm fuq dak tad-29 ta' April, 2010, kif ukoll fuq dak tat-2 ta' April, 2012, xehdet[59] li lill-partijiet kontendenti hija tafhom. Iżżid li lil ommhom Maria Attard kienet tafha wkoll. Iżżid li dan peress li hija kienet tmur toqgħod fejn Maria Attard stante li toqod fil-qrib ta' fejn kienet toqgħod hi. Iżżid li hi ma' tiġix minnhom.

Tgħid li hi kienet xhud fuq kuntratti li għamlet Maria Attard skond il-pjaċir li kellha. Iżżid li Maria riedet tikteb kollox lil Grace u kellha pjaċir tagħmel hekk.

Mistoqsija jekk Maria kienitx qed tikteb lil Grace b'testment, donazzjoni, jew xiri tgħid li kienet qed tiktbilha b'bejgħ. Iżżid li l-valur m'għadix tiftakru. Tgħid iżda li ammont issemma. Tgħid li anqas liema proprjeta' kienet qiegħda tinbiegħ ma' żammet amment.

---

[56] Traskrizzjoni a fol 150 sa 153.
[57] Traskrizzjoni a fol 480 u 481.
[58] Affidavits a fol 471 sa 479 rilaxxati minn Grace Farrugia, Frankie Attard, Carmen Muscat, u Maria Attard, ezebiti permezz ta' nota tal-konvenuti tal-20 ta' Jannar, 2021 – nota a fol 470.
[59] Traskrizzjoni a fol 154 sa 169.

Tgħid li l-kuntratt sar fid-dar ta' Maria Attard stess. Iżżid li kien hemm hi, oħra mejta – ċerta Rosa, Maria, u n-Nutar Maria Vella Magro. Tgħid li kien hemm ukoll in-Nutar Christian Zammit u Grace.

Mistoqsija x'għamlu dakinhar tgħid li kitbu dak li kien hemm bżonn. Iżżid li dak li qalet Maria kitbuh. Tgħid li hi fehmet li kien qed jinqara testment. Tgħid li hi darba biss dehret bħala xhud.

Tgħid li hi dakinhar fehmet x'kien qiegħed jingħad u jiġri iżda issa insiet. Tgħid li ma' tafx li ssemmew flus. Iżżid li forsi ssemmew xi flus u ma' semgħetx sew.

Tgħid li llum ma' tiftakarx eżatt Maria x'riedet tħalli lil Grace. Iżżid li Maria kienet qiegħda tgħid lin-nutar u n-nutar kienet qiegħda tikteb.

Tgħid li hi llum anqas tagħha ma' tiftakar aħseb u ara ta' ħaddiehor.

Taqbel li hi għamlet ukoll xhud għall-firma stante li Maria ffirmat b'salib. Tgħid li Maria ffirmat darbtejn.

Tgħid li hi ma' marritx xhud sabiex titħallas u ma' ħallsuha xejn. Iżżid li Maria talbitha toqdilha xhud u hi marret bi pjaċir lejn Maria.

**In kontro-eżami** xehdet[60] li lil Maria Attard kien ilha tafha mindu kienet għadha żgħira. Tgħid li llum għandha 65 sena – qed tixhed fl-2018. Iżżid li qabel marret toqodilha xhud kien ilha żmien tmur toqod fejn Maria u titkellem magħha.

Tgħid li hi marret toqod xhud tas-salib li kienet tagħmel Maria sabiex tiffirma.

Mistoqsija jekk in-Nutara Maria Vella Magro u n-Nutar Christian Zammit kienux hemm fl-istess jum jew fi ġranet differenti tgħid li kienu hemm fi ġranet differenti. Iżżid li hi kienet hemm id-darbtejn.

[60] Traskrizzjoni a fol 169 sa 174.

Tgħid li jista' jkun li għand Maria Attard, man-Nutar Maria Vella Magro ltaqgħu darbtejn, f'April, 2010, bi ftit jiem bejn l-ewwel u t-tieni appuntament.

Mistoqsija tiċċara kif fil-bidu semmiet li Maria kienet għamlet bejgħ imbagħad qalet li kien sar testment tgħid li kuntratti ta' bejgħ saru mhux testment.

Mistoqsija jekk kienux jidħlu u sempliċiment jiffirmaw jew jekk in-Nutar Maria Vella Magro kienitx toqod tispjega qabel jiffirmaw tgħid li kienet toqod tispjega. Iżżid li anke n-Nutar Zammit kien spjega x'kien ser isir.

Mistoqsija jekk x'ħin kienet tasal hi kienitx issib lin-nutara diġa' għand Maria tgħid li le. Iżżid li l-ewwel kienu jkunu hi u Maria imbagħad kienet tiġi n-nutara. Tgħid li x'ħin tasal in-nutara kienet tistaqsi lil Maria xi tridha tikteb u hi kienet tikteb dak il-ħin. Tgħid li ma tafx jekk in-nutara kienx ikollha kompjuter magħha.

**B'affidavit ulterjuri**,[61] xehdet li lil Grace Farrugia ilha tafha minn tfulitha stante li kienu anke studenti flimkien.

Tiddikjara li lil Grace dejjem tafha tgħin u tassisti lil ommha, Maria Attard, f'kull ma' teħtieġ, u tieħu wkoll ħsieb il-ħtiġijiet ta' ħuha, Frankie Attard. Iżżid li taf ukoll li ċerti spejjeż kemm ta' Maria Attard kif ukoll ta' Frankie Attard tħallashom Grace Farrugia minn butha.

**B'affidavit ulterjuri**,[62] xehdet li meta saru l-kuntratti ta' April, 2010 hi kienet dehret fuqhom bħala xhud peress li Maria Attard ma' kienitx taf tikteb. Iżżid li għal dan l-għan kienet bagħtet għalija l-istess Maria Attard stante li kien ilhom snin ħbieb.

Tgħid li x'ħin marret fir-residenza ta' Maria Attard sabet lin-Nutar Maria Vella Magro. Iżżid li tiftakar sew li l-kuntratti ġew moqrija u spjegati mill-istess nutara, bl-ammonti li hemm mfissra fihom ġew ukoll spjegati.

Tgħid li dakinhar Maria Attard għamlet kollox skond ir-rieda tagħha u ma' kien hemm ebda pressjoni fuqha.

---

[61] Affidavit a fol 473.
[62] Affidavit a fol 474.

**B'affidavit ulterjuri**,[63] xehdet li nhar il-11 ta' Mejju, 2011 kienet tiknes quddiem ir-residenza tagħha fl-istess triq ta' dik ta' Maria Attard – Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex. Iżżid li dlonk tfaċċa iben Maria, Jack Attard, li ridha tgħidlu x'kien hemm fil-kuntratti magħmula minn ommu Maria Attard ma' oħtu Grace Farrugia f'April, 2010, stante li kien jaf li dehret fuqhom bħala xhud. Iżżid li hi qaltlu li ma' kienx għalija tagħtih tali nformazzjoni.

Tgħid li Jack hawn provokaha, qalilha li xorta kien jaf x'fihom il-kuntratti għax kien ġab kopja tagħhom, u staqsiha tħallsitx talli dehret xhud. Iżżid li hi njoratu.

Tgħid li Jack qalilha li hu u ħutu m'għadhomx jistgħu jidħlu għand ommhom Maria minħabba li oħthom Grace bidlet is-serratura. Iżżid li safejn taf hi dan m'għandux mis-sewwa.

Tgħid li Jack heddidha u qalilha li tagħha u tan-Nutar Vella Magro għadha ġejja.

**B'affidavit ulterjuri**,[64] xehdet li hi kien ilha snin twal ħabiba ma' Maria Attard u kienet spiss tmur għandha. Iżżid li minn meta tagħta l-*istroke* Maria dejjem id-dar kienet tkun. Tgħid li fejn Maria kienet tmur xi darbtejn fil-ġimgħa.

Tgħid li l-forn biswit id-dar ta' Maria li qabel kien jtmexxa minn Maria u żewġha issa jitmexxa minn bint Maria, Grace Farrugia. Tgħid li lil Grace tafha sew ukoll għax hija tal-eta' tagħha u kienu l-iskola flimkien.

Tiddikjara li meta mardet Maria l-piż tax-xogħol waqa' fuq Grace li kienet iddur kemm b'familtha u bil-forn kif ukoll b'ommha. Iżżid li dan Grace dejjem għamlitu b'dedikazzjoni kbira.

Tgħid li Maria kienet tiddependi għal kollox fuq ħaddiehor u kienet bintha Grace li tieħu ħsieb kollox. Iżżid li kemm-il darba laħqet lil Grace titma lil Maria waqt li hi tkun f'dar Maria tinvistaha. Iżżid li kien hemm anke drabi fejn inzertat lil Grace tqajjem lill-ommha mis-sodda, bl-għajnuna ta' ħuha Frankie.

---

[63] Affidavit a fol 475.
[64] Affidavit a fol 476 u 477.

Tgħid li milli taf mingħand Maria stess, u anke mingħand Grace, ċerti spejjeż ta' Maria kienet tħallashom Garce. Iżżid li ġieli anke kienet fl-istess ħanut ma' Grace waqt li tkun tixtri għal ommha.

Tiddikjara li f'April 2010 bagħtet għalija Maria sabiex toqdilha xhud fuq xi kuntratti. Tgħid li marret għand Maria u sabet lin-Nutar Maria Vella Magro. Iżżid li ftit wara li wasslet hi u x-xhud l-oħra Rose Falzon, in-nutara qrat u spjegat il-kuntratt bil-mod u fehmet tajjeb lil Maria dak li kien hemm miktub.

Tgħid li jekk tiftakar sew saru żewġ kuntratti għal żewġ postijiet separati; wieħed fuq sehem Maria Attard mid-dar ta' residenza tagħha u ieħor fuq sehem l-istess Maria minn post differenti. Iżżid li Maria Attard kienet issegwi dak li kien qiegħed isir u hi – ix-xhud – ma' innutat xejn li setgħa jagħti x'jifhem li Maria Attard kienet taħt xi pressjoni sabiex isiru l-kuntratti.

Terġa tirrakkonta l-ġrajja tal-11 ta' Mejju, 2011 meta waqt li kienet tiknes quddiem darha tfaċċa Jack Attard. Iżżid biss li minkejja l-kliem ta' theddid ta' Jack Attard fil-konfront tagħha hi ma' ħaditx passi.

**In kontro-eżami**,[65] tikkonferma li hija għamlet erba' affidavits. Tgħid li hi kienet xhud għal Maria Attard u dan għax Maria ma' kienitx taf tikteb isimha. Taqbel li dakinhar tal-kuntratti n-nutara qagħdet taqra l-istess kuntratti ftit, ftit, b'kull ftit kliem tieqaf tispjega.

Tgħid li x'ħin marret hi l-kuntratt kien lest.

Tgħid li kuntratti kien hemm tnejn. Iżżid li ma sarux fl-istess ġurnata. Tgħid li taħseb li kien hemm jumejn bejn kuntratt u ieħor.

Tgħid li xhud magħha kien hemm Rosa.

Tgħid li hi marret u rat lil Maria tagħmel salib bħala firma tagħha. Tgħid li n-nutar bdiet taqra l-kuntratt x'ħin daħlet hi.

[65] Traskrizzjoni a fol 638 sa 646.

Tikkonferma li ħadd ma' għamel xi tip ta' pressjoni fuq Maria u Maria kienet qed tagħmel kif riedet. Iżżid li dak li għamlet Maria għamlitu minn jedda.

Tgħid li waqt il-qari tal-kuntratt, Maria kienet ċerta u kienet qed tikkonferma mhux kienet qed tgħid issa naħsibha.

Tgħid li Maria kienet konxja li dak li kien qiegħed isir kien kuntratt mhux xi testment.

Tgħid li lil Grace Farrugia tafha sew għax ta' l-eta' tagħha u kienu l-iskola flimkien.

Tgħid li bħala xirjiet ta' kuljum Grace kienet tieħu ħsieb għax hi biss kienet ħin kollu ma Maria.

Mistoqsija kif taf li Grace kienet qed tagħmel ix-xiri minn butha jew jekk kienitx qed tuża l-pensjoni ta' Maria stess tgħid li dik mhix affari tagħha.

Mistoqsija kienitx tara lil ħadd ieħor jagħmel il-faċedni għand Maria apparti lil Grace tgħid li kienet tara lil Carmen. Iżżid li rigward faċendi lil Grace u lil Carmen biss kienet tara jagħmluhom.

Mistoqsija jekk tafx kif waslu għaċ-cifri msemmija fil-kuntratt ta' bejn Maria u Grace tgħid li le. Iżżid li quddiemha ma sarx diskors dwar kif wasslu għall-istess. Iżżid li quddiemha nqara l-kuntratt, Maria ffirmat b'salib, u hi għamlet xhud tal-firma tagħha.

**In re-eżami,**[66] xehdet li bi frekwenza, għand Maria kienet tara lil Alfred, Carmen, u Grace. Iżżid li Grace dejjem ma' Maria kienet.

**Sean Apap Meli**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, xehed[67] li l-benefiċċji mħallsa lil Frankie Attard fil-bidu kienu jitħallsu permezz ta' ċekk imbagħad bdew jitħallsu b'*driect bank transfer*. Jgħid li l-benefiċċji mħallsa lil Maria Attard dejjem tħallsu b'ċekk.

[66] Traskrizzjoni a fol 646 u 647.
[67] Traskrizzjoni a fol 180 sa 186.

Jeżebixxi dokument li juri xi tħallas Frankie Attard sena b'sena bħala pensjoni tal-wens stante li kien jieħu ħsieb lil ommu Maria Attard.[68] Jgħid li l-bżonn ta' *ċarer* għal Maria Attard nibet meta Maria ġarrbet *stroke* – fl-1995 – kif ċertifikat mit-tabib John Xuereb Dingli.

Jgħid li Frankie baqa' jieħu din il-pensjoni sal-2013.

Dwar Maria Attard jeżebixxi dokumenti li juru t-total li ħadet mill-2003 sal-2015 meta mietet.[69]

Jgħid li kien hemm prokura rreġistrata mad-Dipartiment li tindika bħala benefiċċjarja lil Maria Attard u aġenta lil Grace Farrugia. Jgħid li Maria kellha aġent mindu bdiet tieħu l-pensjoni tar-romol u allura mill-2003.

Jgħid li Maria Attard ħadet il-5/6 tal-pensjoni li kellu żewġha flimkien ma' għajnuna supplimentari wara li sar test tal-mezzi.

Jgħid li ma' jistax jirrispondi hu dwar jekk Maria Attard kienitx intitolata għal mediċina b'xejn. Iżid li dwar dan jirrispondi l-Uffiċjal Mediku tal-Gvern.

**Mark Rapa**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Kummerċ, xehed[70] li l-liċenzji tal-kummerċ bħal ma kien hemm fuq il-forn bin-numru 21 fi Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex spiċċaw fl-2017. Jgħid li dak li sab fuq tali forn huwa fuq Grace Farrugia u huwa permess għall-manifatturar ta' prodotti tal-ikel u x-xorb.

Jgħid li tali permess l-ewwel kien fuq Paul Attard u nqaleb fuq Grace Farrugia fit-12 ta' Novembru, 2003.

**Alfred Attard**, konvenut, xehed[71] li huwa wieħed mill-aħwa ġermani Attard, ulied Maria Attard. Jgħid li hu għandu relazzjoni tajba ma' ħutu kollha.

---

[68] Dokumenti a fol 187 sa 194, inkluz in verso pagina.
[69] Dokumenti a fol 195 sa 201, inkluz in verso pagina.
[70] Traskrizzjoni a fol 202 sa 204.
[71] Traskrizzjoni a fol 205 sa 232.

Jgħid li hu kull filghodu għas-6:30 kien imur għand ommu u l-ewwel li jagħmel jagħmlilha kafe u jlestilha l-pilloli. Jgħid li mbagħad kien imur jagħlef il-bhejjem li kellu fil-bitħa ta' ommu. Iżżid li kellu xi żewġ mogħżiet, tlett nagħġiet, u xi erbgħin tiġiega. Iżid li ġieli kellu anqas.

Jgħid li fil-frattemp, għal xit-8:30 kienet tasal oħtu Grace u flimkien kienu jniżżlu lill-ommu mis-sodda għall-pultruna li kellha.

Jgħid li mbagħad kien jitlaq u jerga' jmur għand ommu filgħaxija għal xil-5pm sabiex ibiddlu lil ommhom jew lejn nofsinhar jekk jissejjaħ għall-għajnuna minn Grace.

Jgħid li ommhom kellhom ibiddlulha xi tlett darbiet jew aktar kuljum matul il-ġurnata. Iżid li hu ma' kienx ikun hemm għal kull tibdilha.

Jgħid li oħtu kienet iċċempillu skond il-bżonn iżda ommu ma' kienitx iċċempel.

Jgħid li ħuh Frankie kien jghix ma' ommhom.

Jiċċara li hu u oħtu Grace lil ommhom kienu jibdlulha flimkien xi tlett darbiet kuljum; filgħodu, lejn nofsinhar, u filgħaxija. Jgħid li ġieli anke bidlulha aktar.

Jispjega li meta jgħid li kienu ibiddlu lil ommhom ifisser li kienu jibdlulha l-ħrieqi. Jiċċara li l-ħarqa ma' kienitx tintlibes iżda kienet minn dawk li tinfirex fuq is-sodda. Jgħid li ommu ma' kienitx għadha timxi.

Jgħid li matul il-lejl ma' ommhom kien ikun hemm ħuh Frankie.

Jgħid li bħala prodott tal-bhejjem tiegħu ġieli biegħ xi ftit imma mhux lill-oħtu Grace għall-forn. Jgħid li oħtu kienet tixtri li jkollha bżonn. Iżid li dan iż-żmien forsi jagħti xi bajd lill-oħtu iżda ġobon tixtrih hi mingħand ċertu Frans, min-Nadur.

Jgħid li bħala għalf oħtu kienet tħallaslu xkora waħda fil-ġimgħa żur. Jgħid li dan stante li kien jgħin b'ommhom.

Jgħid li bħala bhejjem illum tiġieġ biss baqalu. Jgħid li għalhekk jagħti xi bajd lill-oħtu għall-forn u hi tpattielu mod ieħor.

Jgħid li apparti Grace u t-tewmija magħha - Carmen, ħutu li qiegħdin Għawdex, Jack u Rita lil ommhom jarawha nhar ta' Ħadd. Iżid li ħutu l-oħrajn imsiefrin.

Jgħid li t-tifla ta' oħtu Rita kienet tkun hemm stante li kienet taħdem il-forn magħhom. Jiċċara li lit-tifla ta' Rita l-forn kien jaraha mhux għand ommu – nannitha. Jgħid li dan ma' jfissirx li jaf x'kienet tagħmel jekk tgħajtilha ommu għax matul il-ġurnata ma' kienx ikun hemm.

Jgħid li ommu qatt ma' kellmitu dwar proprjeta' u wirt. Iżid li anqas irid ikun jaf. Jgħid li hu għadu sallum jixtieq li l-aħwa jiftiehmu.

Jgħid li bħala kuntratti magħmulha minn ommu ma jaf b'xejn u anqas jindaħal. Jgħid li ma' jiftakarx li xi darba ra nutara għand ommu meta kien jagħlef il-bhejjem filgħaxija.

Jgħid li ommu ma' kienitx taf li missieru kien miet. Iżid li anqas li miet ħuh Frankie ma' kienu qalulha. Jgħid li ommu kien għadha mingħalija li missieru kien għadu ħaj anke meta l-forn inqaleb fuq isem Grace. Iżid li ommu baqgħet dejjem mingħalija li missieru kien għadu l-isptar. Jgħid li kemm missieru kif ukoll ħuh Frankie mietu l-isptar b'ommu dejjem baqgħet mingħalija li qiegħdin l-isptar. Jgħid li dan kienu għamluh sabiex ma' jinkwetawx lil ommhom.

Mistoqsi jekk ommu kienitx taf li l-forn inqaleb fuq oħtu Grace jew kienx mingħalija li għadu f'idejha u f'idejn żewġha jgħid li hekk ma' jafx. Iżid li huma lill-oħtu kienu ffirmawla sabiex tieħu l-forn. Jgħid li ma jafx ommu kienitx taf li ffirmawla. Iżid li kienet taf iżda li kienet oħtu Grace li tieħu ħsieb il-forn.

Jgħid li l-bhejjem li kellu hu wkoll kienu ta' missieru oriġinarjament. Jgħid li jista jkun li missieru kien juża l-prodott tal-bhejjem għall-ftajjar li kienu jinbiegħu mill-forn fi żmienu.

Jgħid li flus ommu kienu f'idejn oħtu għax hi kienet tkun magħha u tieħu ħsieb.

Jgħid li ommu kienet tghix ħajja normali ħafna u ma' jafx li kellha xi dejn. Iżid li ommu qatt ma' talbet flus mingħand ħadd. Jgħid li anqas missieru ma jaf li kellu problemi ta' flus.

Jgħid li bħala familja mhumiex sinjuri imma komdi.

**In kontro-eżami**, xehed[72] li ommu damet fuq 20 sena fis-sodda. Iżid li hi ma' kienet tbagħti minn xejn iżda mbagħad għaddietha, għamlet xi tlett ġimgħat l-isptar, imbagħad għamlet xi 20 sena id-dar, fis-sodda jew fil-pultruna, dipendenti minnhom. Jgħid li minkejja dan ommu baqgħet f'sensija, taf x'qed jiġri madwarha, u tagħraf lil kullħadd, sa ma mietet iżda kellha mobilita' fiżika limitata.

Jgħid li fl-20 sena li għamlet fis-sodda l-kura prinċipali ta' ommu kienet f'idejn oħtu Grace. Iżid li Grace u hu kienu joħorġu l-ommhom mis-sodda filgħodu, jniżżluha fil-pultruna, imbagħad Grace tibdlilha u tagħmel kull ma kien hemm bżonn u hu jgħina. Iżid li filgħaxija huma l-istess – hu u Grace – kienu jerġgħu jdaħħlu l-ommhom fis-sodda.

Jgħid li l-irfih u tqandil Grace kienet tagħmlu. Jispjega li hu kien jgħin biss.

Jgħid li wara li mardet ommu tqalet ħafna għax ma' kienitx għadha tiċċaqlaq. Jgħid li Grace kienet l-unika waħda mill-aħwa li kienet tbiddel lil ommhom. Jgħid li oħtu l-oħra, Carmen, kienet tmur taħsel l-art u l-ħwejjeġ. Iżid li t-tisjir kienet tieħu ħsiebu Grace ukoll u lil ommhom kienet issajrilha darbtejn kuljum.

Jgħid li jaħseb l-ispejjeż tal-ikel kienu jinħarġu miċ-ċekk ta' ommhom. Jgħid li ma' jafx kienux iservu l-flus ta' ommu. Iżid li ma' kienx jindaħal dwar hekk.

Jgħid li ħuh Frankie ma' kienx jaħdem. Iżid li Frankie kien jirċievi xi pagamenti talli baqa' ma' ommu. Iżid li ma' jafx jekk oħtu Grace kienitx tagħti xi flus lil Frankie iżda jaf li kienet issajjarlu u taħsillu.

Jgħid li meta miet Frankie ma' ommu kienu jmorru jorqdu ħutu Grace u Carmen. Iżid li dawn baqgħu jorqdu ma' ommhom sakemm din iddaħlet l-isptar u mietet l-għada.

[72] Traskrizzjoni a fol 232 sa 245.

Jgħid li l-għalf tal-bhejjem kien imur għalih hu għand "Zimek" tad-Nadur. Jgħid li hu kien imur jiġbor l-għalf u dan kien jgħidlu li l-għalf kien imħallas minn oħtu Grace. Jgħid li xkejjer għalf kien juża aktar minn waħda fil-ġimgħa. Iżid li waħda kienet tkun dejjem mħallsa.

Jgħid li hu u oħtu kienu jistennew lill-ommhom tgħidilhom li trid tidħol fis-sodda jew li ser torqod fil-pultruna. Jgħid li ommhom ma' kellhiex ħin fis u ġieli damet anke sal-11 ta' filgħaxija tara t-televiżjoni. Iżid li ma' ridietx minn jissikkaha sabiex tidħol torqod. Jgħid li l-biċċa l-kbira kien hu li jkun hemm jistenna li tgħidlu x'ser tagħmel. Jgħid li jekk kien ikun mar sad-dar kienet iċċempel Grace tgħidlu jmur jgħinha għax ommhom riedet tidħol fis-sodda. Jgħid li Grace kienet terfgha lill-ommhom minn taħt idejha u hu jirranġaha fis-sodda.

Jgħid li ommu ftit kienet iżżomm fuq saqajha u lejn l-aħħar xejn.

Jgħid li l-proċess tas-sodda kien isir filgħodu x'ħin ommu tqum, dejjem bih u Grace, u filgħaxija, x'ħin tidħol torqod.

**In re-eżami**, xehed[73] li ma jafx fejn ommu kienet iżżomm il-pensjoni u flus tagħha. Mistqosi minn fejn kienet iġġib il-flus ommu meta kien ikollha bżonn ta' flus f'idejha, jgħid li mill-pesnjoni tagħha. Iżid li fuq flus dejjem oħtu ħadet ħsieb u hu m'għandux x'jaqsam.

Jaqbel li l-flus li kien ikollha f'idejha ommu, li kienet tagħtihomla Grace, kienu jiġu mill-pensjoni tagħha stess.

Jgħid li fil-ħasil ta' ommhom huwa qatt ma' ipparteċipa. Iżid li huwa fl-irfiegħ mis-sodda u għal ġos-sodda biss kien jgħin. Jgħid li lil ommhom dejjem Grace ħaslitha. Jgħid li lil ommhom kienet taħsilha kuljum, ġeneralment filgħodu. Fuq mistoqsija tal-Qorti jgħid li Grace kienet tkun waħedha taħsel lil ommhom.

Jgħid li bħala ħasil ta' ħwejjeġ dejjem ħutu Grace u Carmen ħadu ħsieb, iżda l-aktar Carmen.

[73] Traskrizzjoni a fol 245 sa 248.

**It-Tabib Dr. John Xuereb**, xehed[74] li lil Maria Attard għamel snin jinvistaha, dejjem f'darha stante n-nuqqas ta' mobilita' fiżika tagħha. Jgħid li huwa għamel xi tmien (8) snin jaraha f'darha.

Jgħid li Maria bilkemm kienet tqum bilwieqfa. Iżid li kien dejjem isibha bilqiegħda. Jgħid li kien jinvistaha qisu kull xahrejn. Jgħid li kien jaraha tant regolari minħabba l-eta' avvanzata tagħha. Iżid li ma' kellha xejn serju tant li anqas qatt ma' jaf li bagħtha l-isptar.

Jgħid li l-aħħar li ra lil Maria kien xi ħames (5) jew tmien (8) snin qabel – qiegħed jixhed fl-2018.

Jgħid li qabel mietet Maria kien ilu ma' jaraha. Iżid li fil-fatt anqas kien jaf li mietet.

Mistoqsi minn kien jibgħat għalih sabiex jinvista lil Maria jgħid li dik li taħdem fil-forn. Jgħid li jaħseb li jisimha Grace. Mistoqsi lil minn kien isib id-dar ma' Maria jgħid li normalment lil Grace. Iżid li ma' jiftakarx li wieħed minn ulied Maria kien jgħix magħha. Jgħid li hu kien jasal, jgħidilhom li wasal, u jibqa' dieħel fejn Maria li kienet tkun f'pultruna jew f'siġġu tar-roti qrib it-taraġ, fil-ġenb tal-forn. Iżid li drabi kien isib lil Maria waħedha u drabi kien ikun hemm Grace magħha.

Mistoqsi s-sodda ta' Maria fejn kienet jgħid li ma' jiftakarx li qatt sabha f'sodda u li dejjem bilqiegħda kif qal sabha.

Mistoqsi kif jiddeskrivi d-dar ta' Maria jgħid li hija dar komuni, iżid li ma jaħsibx li kien hemm nuqqasijiet imma tas-soltu, affarijiet antiki. Mistoqsi fuq skala ta' rikezza minn wiehed (1) sa għaxra (10) kif jikkwalifika d-dar ta' Maria jgħid *"about four (4), three (3), four (4)"*.[75] Iżid li l-kejl tiegħu ma jfisser xejn dment li hi kienet komda u kuntenta.

Jgħid li Maria qatt ma' qaltlu li kienet imdejqa b'darha jew xi ħaġa hekk.

Mistoqsi kif kienu l-affarijiet li kien hemm madwar Maria f'darha jgħid li kienu sempliċi. Jaqbel li kienet dar normali ta' Għawdxin mhux imdorrijin b'oġġetti lussużi.

[74] Traskrizzjoni a fol 254 sa 259.
[75] Citazz mill-pagna tat-traskrizzjoni a fol 258.

**In kontro-eżami**, xehed[76] li sabiex jinvista lil Maria kienet tibgħat għalih Grace. Jgħid li Grace kienet iċċempillu u l-biċċa l-kbira kien isib lil Grace fuq il-post meta jasal.

Jerġa' jgħid li lil Maria dejjem sabha bilqiegħda jiġifieri qatt ma ra lil ħadd iqandilha mis-sodda għall-pultruna jew viċe versa.

Mistoqsi jekk Maria kienitx tqum minn bilqiegħda għall-eżami mediku jgħid li le. Iżid li bħala mobilita' ftit li xejn kellha. Jgħid li huwa ċert li Maria kienet dipendenti sew. Jaqbel li Maria kellha dipendenza assoluta, mhux kwistjoni ta' ftit siegħat għajnuna kuljum.

Jgħid li bħala livell ta' iġene u kif kienet miżmuma Maria dawn kienu *average*. Iżid li kienet ikkuratha sew. Jgħid li lilu qatt ma' semmietlu li kienet imdejqa minn ta' madwarha jew minn min kien jieħu ħsiebha. Iżid li Maria kienet kwieta u kalma u tieħu ġost titkellem magħha.

Jgħid li mentalment Maria baqgħet tajba sal-aħħar. Iżid li kienet luċida u taf x'qiegħed jiġri madwarha.

**Brian Montebello**, Direttur tad-Dipartiment tal-Kummerċ, xehed[77] li l-fajl dwar il-forn "Tal-Maxokk" fi Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex imur lura għall-2003. Jgħid li qabel tali data kienu jieħdu ħsieb il-pulizija.

Jgħid li min-numru ta' referenza li ngħata jista' jgħid li l-liċenzja nħarġet l-ewwel darba fl-1982. Iżid li dwar hekk jistgħu jikkonfermaw il-pulizija. Jgħid li n-numru ta' referenza ta' żmien il-pulizija kien 175984/82.

Jgħid li l-ewwel liċenzja kienet fuq Paul Attard. Jeżebixxi kopja tal-ewwel liċenzja – dik tal-pulizija.[78]

Jgħid li liċenzja ta' dak iż-żmien setgħet tiġi trasferita bil-mewt ta' dak li minnu kienet miżmuma. Iżid li f'dan il-każ, id-dipartiment irċieva applikazzjoni għat-trasferiment datata d-19 ta' Settembru, 2003. Jgħid li oltre l-applikazzjoni, fl-inkartament kien hemm dikjarazzjoni magħmulha

[76] Traskrizzjoni a fol 259 sa 263.
[77] Traskrizzjoni a fol 264 sa
[78] Kopja ta' liċenzja numru 023545, referenza tal-pulizija 175984/82, mahruga mill-pulizija lill Paul Attard, iben Joseph, ta' 20, Triq San Gakbu, in-Nadur, Ghawdex ghal *"bakehouse"*- a fol 273.

min-Nutar Enzo Dimech. Jeżebixxi kopja tal-applikazjzoni u d-dikjarazzjoni.[79]

Jgħid li d-dikjarazzjoni tindika l-persuna li mietet u hemm imbagħad numru ta' dixxendenti[80] tal-istess li taw il-kunsens tagħhom sabiex il-liċenzja tgħaddi fuq persuna waħda; Grace Farrugia.

Mistoqsi jekk fost l-ismijiet u firem tal-eredi li taw il-kunsens għat-trasferiment jistax jara l-isem Maria Attard jgħid li mhumiex kollha leġġibbli.

**In kontro-eżami**, xehed[81] li ladarba it-trasferiment sar, il-probabbilita' hi li kull minn kellu jiffirma kien iffirma.

Mistoqsi jekk mal-applikazzjoni kienux ukoll ġew sottomessi riċerki testamentarji u testment jgħid li dak iż-żmien ma' kienx hemm dik in-necessita'. Iżid li r-responsabbilita' taqa' fuq in-nutar li jiċċertifika, bid-dipartiment jistrieh fuq id-dikjarazzjoni tan-nutar. Jgħid li għalhekk jekk hemm xi eredi ieħor li ma ssemmiex fid-dikjarazzjoni huma ma jkollhomx mezz li jsiru jafu bih.

Jeżebixxi dokumenti addizzjonali mil-fajl relattiv inkluż iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Pietro Paolo Attard.[82]

Jgħid li finalment kienet ħarġet ittra ta' rikonoxximent lil Grace Farrugia fejn din ġiet rikonoxxuta bħala l-*liċence holder*. Jeżebixxi kopja tal-ittra ta' rikonoxximent kif ukoll taċ-ċertifikat tal-*food safety*.[83]

Jgħid minn dakinhar li sar ir-rikonoxximent il-liċenzja dejjem baqgħet fuq Grace Farrugia.

Jeżebixxi rendikont tal-liċenzja tul is-snin li juri dan flimkien ma l-aħħar kopja tal-liċenzja.[84]

---

[79] Applikazzjoni ghal-trasferiment maghmulha mad-Diviżjoni tal-Kummerc minn Grace Farrugia a fol 274 sa 281. Dikjarazzjoni maghmulha min-Nutar Enzo Dimech u datata t-12 ta' Settembru, 2003 u taqra li l-ahwa germani Attard, ulied Peter Paul Attard u Maria nee' Farrugia, *"ma jsibux oggezzjoni sabiex il-liċenzja numru ref. 175984/82 tal-forn f'numru 20A, Triq San Gakbu, Nadur Għawdex, li kienet registrata fuq missierhom Peter Paul Attard iddur ghal fuq oħthom Grace Farrugia"* - a fol 282.

[80] Il-partijiet kontendenti kollha għajr il-konvenuta Grace Farrugia, li fuqha daret il-liċenzja, u l-irgiel tal-ahwa germani Attard, Grace u Carmen, ossia John Farrugia u Peter Paul Cauchi.

[81] Traskrizzjoni a fol 267 sa 270.

[82] Certifikat tal-mewt numru 101/2003 li jindika li Pietro Paolo Attard miet nhar l-10 ta' April, 2003 a fol 288. Ref. ukoll: ricerka testamentarja fuq Pietro Paolo Attard a fol 293 u 294.

[83] Ittra ta' rikonoxximent datata d-29 ta' Ottubru, 2003 a fol 289. *Food handling certificate* a fol 290 sa 292.

[84] Dokumenti a fol 295 sa 299.

**In re-eżami**, mistoqsi jekk tul il-proċess kollu, mill-liċenzja l-oriġinali tal-pulizija sat-trasferiment, Maria Attard, li kienet mart il-mejjet, kienitx parti mill-proċess ta' trasferiment, xehed[85] li lil Maria Attard mhux jaraha bħala waħda mill-firmatarji u l-anqas hija msemmija bħala mart Peter Paul Attard. Iżid li m'hemm ebda dokument li fih qiegħed jara firma ta' Maria Attard.

Jgħid li Maria Attard nee' Farrugia tissemma iżda fl-ittra, fejn hemm l-elenku tal-aħwa msemmija bħala ulied Peter Paul Attard u Maria nee' Farrugia.

Jgħid li għalhekk Maria ssemmiet biss sabiex ġew identifikati l-aħwa mhux għax għamlet xi dikjarazzjoni hi.

Jgħid li l-ħlas għall-estensjoni tal-liċenzja jidher li dejjem sar fi flus kontanti fil-Kunsill Lokali relattiv.

**Grace Farrugia**, konvenuta, in subizzjoni, xehdet[86] li l-forn u d-dar huma konnessi ma' arloġġ tad-dawl wieħed li jinsab fil-forn. Iżżid li l-arloġġ huwa wiehed kummerċjali, mhux domestiku.

Tgħid li l-arloġġ tal-ilma ukoll fil-forn qiegħed. Iżżid li anke dan huwa wieħed kummerċjali, mhux domestiku.

Tgħid li tali arloġġi minn dejjem kummerċjli kienu.

Taqbel li linja tat-telefon waħda, u numru tat-telefon wieħed hemm u huma kemm għad-dar kif ukoll għall-forn.

**Xehdet ulterjorment, permezz ta' affidavit**.[87] Tiddikjara li hija waħda mill-ulied ta' Peter Paul u Maria Attard u sa minn ċkunitha hija dejjem kienet fil-forn magħhom. Iżżid li hi biss baqgħet mal-ġenituri għaliex ħutha kollha siefru lejn l-Amerika.

[85] Traskrizzjoni a fol 270 sa 272.
[86] Traskrizzjoni a fol 300 sa 304.
[87] Affidavit a fol 490 sa 493.

Tgħid li meta żżewġet u kellha t-tfal xorta baqgħet tmur il-forn. Tgħid li dakinhar ommha ma' kellhiex flus biex tħallasha u kienet minflok tagħtiha xi ħaxix jew frott.

Tgħid li ħadet ħsieb ta' ommha sa mill-1994 meta għaddietha, allura 'l fuq minn ghoxrin (20) sena – qed tixhed fl-2021.

Tgħid li wara l-i*stroke* ommha nxteħtet f'sodda u ma' setgħetx tibqa' taħdem fil-forn ma' żewġha. Iżżid li missierha ried li l-forn jibqa' miftuħ u hi biss setgħet tgħinu. Tgħid li dan stante li ħutha kienu lkoll imsiefrin.

Tgħid li missierha kien jagħmel il-hobż u jbiegħu, bid-dħul minnu jżommu hu waqt li d-dqiq kienet tħallsu hi mill-qliegħ tal-ftajjar. Tgħid li l-flus mill-bejgħ tal-ftajjar kienet iżżommhom hi. Tgħid li dak iż-żmien kienet tħallas nofs il-kontijiet tal-utilitajiet kif ukoll l-ingredjenti kollha għall-ftajjar u l-ispejjeż tal-forn. Tgħid li kienet tieħu ħsieb ukoll il-ġbir tal-injam għall-ħami tal-forn u għalhekk tħallas lil min jiġbru.

Tgħid li kellhom ukoll il-bhejjem u dak iż-żmien kienet diġa' tħallas l-għalf għalihom hi. Iżżid li anke tilqim u mediċini kienet tħallas għalihom hi.

Tgħid li meta kien ikun hawn ħutha minn barra hi qatt ma' żammitilhom flus.

Tgħid li ħuha Frankie, li kien ġuvni u baqa' ma' ommhom, ma' kienx jaħdem. Iżżid li ommha kienet obbligata tagħtih Lm 5 kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u Lm 10 kull nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd. Iżżid li meta Malta qalbet għall-Euro kienet tagħtih EUR 20 u EUR 30. Tgħid li ġieli tagħtu aktar u huwa qatt ma' beżgħa għall-flus.

Tgħid li lil Frankie kienet tqiesu bħal tifel tagħha u kienet tixtrilu kull ma' jkollu bżonn, issajjarlu, taħsillu, u titimgħu. Iżżid li hekk baqgħat tagħmel sa ma' miet.

Tgħid li l-ġurnata tagħha kienet tikkonsisti f'li tqum u tmur il-ħanut tixtri l-bżonnijiet ta' ommha, inkluż mill-ispiżerija, wara tmur is-*supermarket* tixtri x'issajjar għalihom u l-bżonnijiet tad-dar, mad-9am jew qabel tkun il-forn u tidħol fejn ommha li tkun diġa' ħadet kafe' li jagħmillha Alfred – hu x-xhud. Iżżid li kienet tniżżel lil ommha mis-sodda u tpoġġiha fis-

siġġu tar-roti, taħsilha, tlibbisha, u toħrogħa fil-kamra tat-taraġ fejn tpoġġiha f'pultruna quddiem televiżjoni. Iżżid li kienet tħallilha frotta jew xi ħaġa xi tnaqqar u hi tmur fil-forn u tibda l-ġurnata tax-xogħol.

Tgħid li ommha kien ikollha ħafna viżitaturi, fosthom ħbieb antiki u Dun Salv, u hi kienet tieħu pjaċir bihom.

Tgħid li mal-11:30am jew nofsinhar kienet titma lil ommha u tlestilha l-pilloli. Iżżid li t-tisjir kien f'idejha. Tgħid li ħuha Frankie kien jiekol ma' ommhom. Iżżid li x'ħin ilestu kienet tiġbor il-platti u tkompli fil-forn.

Tgħid li għall-16:00 ommha kienet tqum min-nagħsa u hi tagħmlilha kafe. Iżżid li ġieli kienet tqajjimha sabiex tuża *toilet* u terġa tpoġġiha fil-pultruna. Iżżid li ġieli kellha minn jgħina iżda ħafna drabi kienet tagħmel dan waħedha.

Tgħid li għas-18:00 tħejji l-ikla ta' filagħaxija għal ommha u għal ħuha Alfred li kien armel b'żewġt'itfal. Iżżid li kienet titma l-ommha u tkompli fil-forn.

Tgħid li fis-sajf ommha kienet tkun trid toqod fuq siġġu fil-forn fejnha u hi tikkuntentaha. Tgħid li ġieli damu fil-forn sal-11 ta' filgħaxija jew nofsillejl. Tgħid li ġieli damu anke iżjed jekk ommha kien jinvistaha xi ħadd. Tgħid li għalhekk hi kienet iġġib is-siegħa ta' filgħodu sabiex tinġabar f'darha.

Tgħid li fix-xitwa ommha kienet toqod ġewwa b'*heater* maġenbha, tara t-televiżjoni. Iżżid li għalhekk kienu jinġabru aktar kmieni.

Tgħid li meta miet ħuha Frankie, ommha ġiet waħedha u għalhekk hi u oħta Carmen kienu jorqdu ma' ommhom kif baqgħu jagħmlu sakemm ġiet nieqsa hi ukoll, madwar sena u tmien xhur wara. Iżżid li ommha kienet spiss tqajjimha matul il-lejl.

Tgħid li f'ħajjet ommha oħta Carmen kienet tmur tagħti daqqa t'id bil-faċendi tad-dar u tgħina b'ommhom. Iżżid li Carmen kienet tibqa' magħha sa filgħaxija sakemm tiġbor l-ommhom fis-sodda. Iżżid li biex ittellgħa l-ommha fis-sodda kien jgħina ħuha Alfred.

Tgħid li kemm damet f'sodda wara l-i*stroke* omma qatt ma' iddaħlet id-dar b'xi feriti tas-sodda. Iżżid li hi għamlet minn kollox sabiex tikkuraha tajjeb.

Tgħid li hi kellha l-prokura ta' ommha għalhekk il-pensjoni tagħha kienet issarrafilha hi. Tgħid li din kienet tgħaddiha lill-ommha mill-ewwel u qatt ma' ħaditilha xejn minnha. Iżżid li taf li ommha kienet tagħti xi flus lill-qassis talli jqarbinha, tixtri x-xemgħa u l-ward għall-knisja tal-Qala u tan-Nadur, u tagħti xi ħaġa lin-neputijiet f'għeluq żmienhom u fil-Milied u l-Istrina.

Tgħid li meta kienu jiġu ħutha mis-safar ommha kienet anke tixtrilhom xi ġojjellerija. Iżżid li ommha kienet ħallset ukoll l-ispejjeż ta' kawża li kellha l-Qorti li kienu telgħu mhux ftit b'dawk tal-perit tal-Qorti biss telgħu xi EUR 2,000.

Tgħid li darba kellhom problema bid-drenaġġ u għalkemm il-biċċa l-kbira tal-ispejjeż kienet tħallashom hi – ix-xhud – dakinhar kienet ħallset ommha.

Tgħid li għal xi żmien in-neputija tagħha, bint oħta l-attriċi Rita, ossia Silvana, kienet taħdem magħha fil-forn. Tgħid li kienet tagħtiha paga fissa u ġieli anke tagħta żżejjed. Iżżid li meta ma' kienx ikun hemm xogħol ġieli qabditha tagħmel faċenda għand nannitha – omm ix-xhud, Maria Attard. Iżżid li ta' dan kienet mħallsa. Iżżid li lil Silvana u l-għarus tagħha dejjem temgħathom u qatt ma' fittxet magħhom.

Tgħid li fl-2010 ommha trasferitilha xi proprjeta' b'żewġ kuntratti sabiex tħallasha ta' kemm flus ħarġet għall-bżonnijiet tagħha tul is-snin. Tgħid li tali ħlas ommha għamlitu għax riedet u kienet taf sewwa x'inhi tagħmel. Iżżid li n-Nutar Maria Vella Magro fiż-żewġ okkazzjonijiet damet ħafna tispjegalha eżatt x'qed isir sabiex tkun ċerta li l-kuntratti kienu skond ir-rieda tagħha.

**In kontro-eżami**,[88] xehdet li l-affidavit li rrilaxxat lin-Nutar Maria Vella Magro fl-2010 sar għax ommha riedet tagħtiha sehemha mill-proprjeta' minħabba li hi kienet qiegħda tbagħti tgħinha. Tgħid li ommha qaltilha li riedet tpattilha.

[88] Traskrizzjoni a fol 554 sa 582.

Mistoqsija għalfejn għamlet affidavit ma' kuntratt u mhux f'kuntest ta' kawża tgħid li għax suppost kellu jsir.

Tgħid li meta miet missierha huwa kellu 72 sena u kien jirċievi pensjoni tal-bolla. Taqbel li wara li miet missierha tali flus marru għand ommha.

Tgħid li missiera kien marad u ma' baqax imur il-forn. Iżżid li kien jgħid lilha toqod fil-forn. Tgħid li hi baqgħet fil-forn minn dakinhar sal-preżent.

Taqbel li ommha tagħtha l-i*stroke* qabel miet missierha.

Tiċċara li ommha u missierha pensjoni waħda bejniethom kellhom. Tgħid li x'ħin daħlet fil-forn hi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma bdew jinqasmu bejnha u bejn missierha. Iżżid li hi kienet imbagħad tagħmel ix-xiri neċessarju, issajrilhom, u taħslilhom. Tgħid li l-qligħ tal-forn kienet tixtri minnu għax dak iż-żmien ma' kellhomx xogħol kbir.

Taqbel li meta waqaf mill-forn missierha l-qligħ tal-forn kien kollu f'idejha. Iżżid li minnu kienet tħallas.

Tgħid li hi kellha prokura tal-ġenituri tagħha. Iżżid li bil-prokura kienet tiġbor il-pensjoni tal-ġenituri tagħha. Tgħid li tali pensjoni kienet tagħhom u hi ma' kienet tmiss xejn minnha.

Mistoqsija jekk bħala spejjeż kellix ħafna stante li l-istil ta' ħajja tal-ġenituri tagħha kien sempliċi u ma' kellhomx djun tgħid li huma dejjem kienu jaqlawha u jiekluha.

Taqbel li l-ġenituri tagħha kienu bilgħaqal u ma' jberbqux. Taqbel li l-ġenituri tagħha qatt ma' kellhom djun. Taqbel ukoll li d-dar tal-ġenituri tagħha kienet komda iżda mhux lussuża. Taqbel li kamra tal-banju waħda fuq kien hemm.

Tgħid li bħala, ħuha Alfred dejjem baqa' Għawdex. Taqbel li għalkemm kien jaħdem mall-Gvern daqqa t'id id-dar kien jagħtiha, speċjalment fejn jidħlu bhejjem u l-ħarsien tagħhom. Tgħid li prodotti għall-forn ma' jiġux mingħand Alfred għalkemm taqbel li kien hemm żmien fejn jekk kien ikun hemm ftit żejjed minn tal-bhejjem tagħhom kienu jużawh fil-forn.

Mistoqsija dwar ix-xiri tad-dqiq u jekk ladarba l-introjtu tal-forn kien tagħha l-istess spiża kienitx a benefiċċju tagħha tgħid li d-dqiq kienet tixtrih għal kulħadd. Iżżid li tgħid hekk għax kull min minn ħutha jmur il-forn jiekol u hi ma' titlobx ħlas.

Mistoqsija fejn marret il-pensjoni ta' ommha ladarba ix-xhud tal-bank qal li flus il-bank ommha ma' kellhiex tgħid li l-pensjoni lil ommha kienet tagħtihila f'idejha. Iżżid li ommha għamlet bi flusha dak li riedet.

Tgħid li hi kienet issarraf il-pensjoni ta' ommha, tagħtiha l-flus li kienet iżżomm f'portmoni li dejjem kellha f'kexxun u li ġieli kienet issakkar, imbagħad x'ħin ommha kien ikollha xi bżonn kienet tgħidilha tmur iġġibilha l-portmoni biex tagħti lin-neputijiet jew lill-qassis, jew tixtri xi ħaġa tad-deheb lill-uliedha li jiġu mis-safar u xi ward. Tgħid li lill-ommha ma' kontx tindaħlilha x'tagħmel bi flusha.

Tgħid li ommha ġieli ħallset għal xi xogħol fid-dar. Iżżid li anke ħallset kont tal-Qorti fejn intalbet EUR 2,000.

Mistoqsija mnejn kienet toħroġ tali flus ommha u jekk kienitx tibgħata l-bank tgħid li le. Iżżid li kienet toħroġhom mill-kexxun. Iżżid li hi ġieli għinitha fil-ħlasijiet.

Tgħid li ħsarat fil-forn ta' ġod-dar kienet tieħu ħsieb hi, tirranġa sakemm tista imbagħad tibdel. Mistoqsija kif tgħid hekk meta ommha ma' kienitx issajjar tgħid li kienet issajjar hi, kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija.

Moqrija lilha l-parti tal-ewwel kuntratt ta' April, 2010 fejn ġie dikjarat il-prezz tal-bejgħ u ġie magħdud li tali prezz kien diġa' mħallas stante flus mislufa minnha lil ommha tul is-snin li jeċċedu bil-kbir il-prezz konvenut, u mistoqsija jekk kienx għalhekk li sar l-affidavit tagħha tat-22 ta' April, 2010; tgħid li hi kienet tgħin lil ommha minn filgħodu sa filgħaxija. Iżżid li ommha kienet tgħidilha li tat-tbattija u tal-għajnuna kienet ser tpattilha. Tgħid li għalhekk ommha wasslet għamlet li għamlet.

Tgħid li ħutha kollha kienu msiefrin. Tgħid li hi biss kien hemm, u Alfred jgħina.

Fuq suġġeriment tal-Qorti taqbel li hi lil ommha ma' tagħtix l-EUR 70,000 li jissemmew f'dak il-kuntratt iżda tagħthomla f'servizzi għax kienet tgħina.

Mistoqsija jekk ladarba tali kuntratt sar sabiex tpattilha tas-servizzi reżi, allura għalfejn imbagħad fit-tieni kuntratt – tad-29 ta' April, 2010 – fejn ingħatat kwart – ¼ - mid-dar "Ta' Rendu" ġie wkoll dikjarat li l-prezz konvenut għal tali bejgħ kien diġa' mħallas minnha billi jifforma parti minn ammont akbar li hi għaddiet lil ommha jew f'isem ommha lil terzi u li jammonta għal EUR 220,000; tgħid li ommha riedet tpattilha għax damet fuq 20 sena terfagħha lejl u nhar.

Mistoqsija jekk għalhekk tali EUR 220,000, skond hi, humiex talli daret b'ommha tgħid li iva. Iżżid li jkopru wkoll l-ispejjeż li għamlet għal ħuha Frankie.

Mistoqsija għaliex allura fit-tieni kuntratt komplew sabiex eskludew l-kuri, serviġi, u assistenzi reżi, tgħid li ommha għamlet il-kuntratti għaliex hi prestatilha għajnuna u riedet tpattilha.

Mistoqsija għalfejn allura ssemmew terzi bħala kredituri ta' ommha koperti mis-somma ta' EUR 220,000 tgħid li ommha riedet biss tpattilha tal-għajnuna li prestatilha tul is-snin. Tgħid li dan ma' kienx self dirett bi flus. Tgħid li hi kienet tgħin lil ommha, tħallas ix-xirjiet, tħallas il-kontijiet, u tieħu ħsieb ta ħuha Frankie nkluż billi tagħtih il-flus ta' kuljum kif obbligata ommha.

Mistoqsija jekk il-ħlasijiet li għamlet lil ħuh Frankie kienux kundizzjoni sabiex hi ħadet il-forn, kif iddikjarat fl-affidavit li għamlet hi stess fil-kuntest tal-kuntratti, mhux tal-kawża, tgħid li hi ftehmet ma' ommha li hi tibqa' tagħti l-flus ta' kuljum lil Frankie kif kienet tagħmel qabel ommha. Tgħid li meta ommha għaddietha u ma' setgħetx tibqa' tagħti tali flus lil Frankie obbligat lilha sabiex tagħmel hekk.

Tgħid li hi ma tafx x'inkiteb fil-kuntratti iżda d-diskors hekk kien.

Taqbel li ommha ma' kelliex assi oħra għajr iż-żewġ proprjetajiet li minnhom tagħat sehemha kollu lilha u lil oħtha, il-konvenuta Carmen. Taqbel li ommha ma' kienitx taf tiffirma iżda iżżid li kienet tagħmel salib.

Mistoqsija allura għalfejn saru ż-żewġ kuntratti favur tagħha tgħid li ħuha Jack kien qalilha li minn hemm ikeċċiha. Iżżid li dan għax hi neħħiet tank tal-ilma li kien iqattar bl-ilma kien qiegħed jiskula għal ġol-forn u jagħmlilha l-ħsara. Tgħid li malli neħħiet it-tank u ħarġitu barra Jack mar għalija u qalilha li hemm mhux tagħha u ma' tagħmilx li trid hi. Iżżid li hi qaltlu li hi taf x'hemm bżonn fil-forn u qalet lil ommha x'kien ġara. Tgħid li ommha hawn qaltilha mela issa naraw x'nagħmlu. Iżżid li għalhekk imbagħad ommha għamlet dawk il-kuntratti.

Tgħid li l-ewwel sar kuntratt wieħed, dan ma' kienx biżżejjed, imbagħad sar it-tieni kuntratt.

Mistoqsija għalfejn allura sar bejgħ u mhux donazzjoni tgħid li sar hekk kontra l-flus li kienet toħroġ għal ommha.

Tinsisti li lil ommha kienet tixtrilha minn flusha – flus ix-xhud – mhux mill-pensjoni tagħha – tal-omm. Iżżid li meta kien jiġi kont kbir ġieli qasmuh.

Suġġerit lilha li meta ommha xehdet qalet ma' kienitx taf bin-natura tal-kuntratti li saru tgħid li dan mhux minnu. Iżżid li ommha baqgħet f'sensijha sal-aħħar nett. Tgħid li tant hu hekk li ommha kienet tikkmandaha x'issajrilha u x'tagħmel u ma' tagħmilx.

Taqbel li minkejja li kienet tagħta *stroke* ommha kellha sodda normali u ma' kienitx tilbes ħrieqi. Mistoqsija jekk ommha kienitx mara wikkiela tgħid li kienet tkun trid il-borma filgħodu u filgħaxija. Tgħid li hi kienet tħejjilha anke jekk kienet tħalli nofsu ġol-platt.

Dwar il-permess tal-forn tgħid li meta miet missierha kulħadd ried li l-forn jibqa' miftuħ. Tgħid li ħutha kienu kollha Għawdex mis-safar. Tgħid li kien ħuha Joseph li kien ġie mis-safar li dahar lill-aħwa kollha sabiex jara min ried il-forn u kulħadd qal le u qabel li għax hi kien ilha fil-forn kellhom jiffirmaw sabiex jinqaleb fuqha.

Tiċħad li hi rrikattat lil ħutha li jew idawwru l-forn fuqha jew hi ma tieħux ħsieb ta' ommhom.

Tgħid li mill-aħwa, illum hi, Carmen, Alfred, Jack, u Rita jgħixu Għawdex. Tgħid li Rita wkoll dejjem baqgħat Għawdex. Iżid li Rita kienet titla tara lil ommha darba fil-ġimgħa, nhar ta' Ħadd, flimkien ma' Jack.

Dwar Silvana, bint Rita, tgħid li kienet taħdem magħha fil-forn. Iżżid li meta x-xogħol fil-forn kien jikwieta ġieli daħlet fejn ommha u għamlet xi faċenda. Iżżid li dan kien isir matul il-ħin tax-xogħol tagħha fil-forn u għalhekk kien imħallas minnha – mix-xhud.

Tgħid li sakemm dam ħaj Frankie matul il-lejl kien ikun hemm hu ma' ommhom. Iżżid li wara li miet Frankie kienu jinqasmu hi u oħthom Carmen.

Tgħid li l-unika raġuni għalfejn kellha l-ħaddiema magħha fil-forn kienet għaliex hi riedet tkun dieħla u ħierġa fejn ommha.

Taqbel li jista' jagħti l-każ li ommha kienet iddum tajtilha biex tidħol tgħina b'xi ħaġa. Iżżid li dan meta kienu jinqabdu bil-forn.

Tgħid li hi bdiet tħallas nofs il-kont tal-utilitajiet stante li arloġġi tad-dawl u l-ilma hemm sett wieħed biss u qiegħdin fil-forn u kummerċjali mhux residenzjali. Iżżid li dan għadu kif kienu għamluh il-ġenituri tagħha bil-kont jiġi għoli.

**In re-eżami**,[89] xehdet li bħala faċilitajiet sanitarji fid-dar ta' ommha isfel *toilet* biss kien hemm mentri fuq kien hemm kamra tal-banju.

Tgħid li ommha kienet inkontenenti iżda qatt ma' riedet ħrieqi. Iżżid li kienu jagħmlulha l-*absorbing pads* taħt il-lożor u fuq il-pultruna. Tgħid li minkejja dan kienet ixxarbilhom ħafna. Tgħid li l-ħasla tal-ħwejjeġ kienet tagħmilha hi u ġieli kellha tlett *loads* f'jum.

Tiċċara li meta tgħid li l-forn dar fuqha, dak li dar fuqha mhux il-bini iżda il-permess. Iżżid li dan għaliex ħadd ma' ried jintriga bil-forn u dawwruh fuqha.

**Rita Farrugia**, oħt Maria Attard, xehdet permezz ta' affidavit.[90]

---

[89] Traskrizzjoni a fol 582 sa 588.
[90] Affidavit a fol 359 u 360.

Tiddikjara li hija tiġi oħt Maria Attard, omm Grace Farrugia, allura zija ta' Grace. Iżżid li hija kellha relazzjoni tajba ħafna ma' oħta Maria u kienet tmur għandha ta' spiss, kemm biex tagħti daqqa t'id fil-forn kif ukoll biex tara lill-oħtha u tqatta ftit tal-ħin magħha. Tgħid li kienet tkun il-forn kull filgħaxija u waqfet tmur biss meta mietet oħta.

Tiddikjara li kienet tmur għaliex Grace ma' setgħetx tlaħħaq mal-forn u ma' ommha. Tgħid li kienet tibdel lil Grace fil-forn sakemm Grace tidħol tara l-bżonnijiet ta' ommha.

Tgħid li oħta kienet miżmuma tajjeb ħafna u qatt ma' kienet nieqsa minn xejn. Iżżid li Grace kienet ħin kollu warajha. Tgħid li Grace kienet kuljum tqandel lil ommha mis-sodda għal gol-pulturna u mill-pultruna lura għal ġos-sodda. Iżżid li oħtha kienet mara kbira u tqila b'dan kien skariġġ diffiċli ferm.

Tgħid li minkejja li oħta spiċċat f'sodda qatt ma' ġie li kellha bżonn tidħol l-isptar, u anqas kellha feriti tas-sodda. Iżżid li dan għaliex Grace kienet iddur biha sew.

Tgħid li dan kienet tarah b'għajnejha stess.

Tiddikjara li tisjir u ħasil tal-persuna ta' ommha kien kollu jsir minn Grace. Tgħid li Alfred kien aktar jiehu ħsieb lill-annimali mentri Carmen kienet tmur filgħaxijiet u xogħolha kien li tieħu ħsieb it-tindif tad-dar u l-hasil tal-ħwejjeġ. Tgħid li kien ikun hemm volum ta' ħwejjeġ għall-ħasil ta' kuljum peress li Maria ma' setgħetx tuża l-kamra tal-banju u l-ħarqa kienet iddejjaqha.

Tgħid li Grace lil ommha – oħt ix-xhud – qatt ma' ħallitha nieqsa minn xejn. Iżżid li kienet tkun Maria stess li tgħid lil Grace dak li riedet tiekol u Grace kienet tipprova tikkuntentaha. Iżżid li anke fejn jidħol tabib kienet Grace li tieħu ħsieb.

Tgħid li hi kienet iddum għand oħta Maria sal-għaxra (10) ta' bil-lejl jew anqas. Iżżid li meta kienet tiġi biex titlaq, Grace kienet tkun għadha hemm m'ommha.

Tgħid li meta kien ikun hawn ħut Grace mis-safar dawn kienu jmorru jaraw lil ommhom Maria. Iżżid li Grace kienet issajjar għalihom ukoll, fuq xewqa ta' ommha.

Tgħid li meta ġie nieqes Frankie, Grace bdiet anke torqod m'ommha, kif baqgħet tagħmel sal-mewt tal-istess ommha.

**Concetta Buttiġieg**, oħt Maria Attard, xehdet permezz ta' affidavit.[91]

Tiddikjara li hi kienet tmur għand oħta Maria xi tlett jew erba' darbiet fil-ġimgħa, b'mod partikolari meta Maria spiċċat f'sodda.

Tgħid li kull meta kienet għand oħta Maria dejjem Grace kien ikun hemm iddur biha. Iżżid li Grace kienet tkun trid tlaħħaq mal-forn u m'ommha.

Tgħid li fil-bidu Rita, oħt Grace, kienet twassal lil ommha għat-terapija iżda mbagħad qatgħat u lil Maria bdiet teħodha għat-terapija hi. Iżżid li Rita kienet iċċemplilha u tgħidilha teħodha hi għax il-karozza kienet qed tagħmlilha d-deni.

Tgħid li lil Maria kollox Grace kienet tagħmlilha, minn ħasil tal-persuna tagħha sa tisjir u affarijiet relatati mas-saħħa.

Tgħid li qatt ma' taf li Grace ħalliet lil ommha – oħt ix-xhud – nieqsa minn xi ħaġa. Tgħid li kienet oħta Maria stess li teddeċiedi xi tkun trid tiekol u Grace kienet tikkuntentaha.

Tgid li għand oħta Maria l-iktar li kien ikun hemm kienu Carmen, li tmur tnaddaf u taħsel il-ħwejjeġ, Alfred li kien jieħu ħsieb l-annimali, u Grace. Tgħid li Jack u Rita l-aktar li kienu jmorru kien ikun nhar ta' Ħadd. Iżżid li Frankie kien jorqod ma' ommu filgħaxijiet.

Tgħid li minkejja li oħta kellha stroke dejjem baqgħet id-dar u qatt ma' iddaħlet l-isptar. Iżżid li dan għaliex Grace kienet tikkuraha tajjeb. Iżżid li qatt ma' taf li kellha feriti tas-sodda.

[91] Affidavit a fol 361.

Tgħid li meta miet Frankie, Grace bdiet anke tibqa' l-lejl hi ma' ommha u dan baqgħet tagħmlu sakemm l-istess ommha mietet.

**Theresa Goodall**, ħabiba ta' Maria Attard u xhud fuq kuntratt redatt minnha, xehdet permezz ta' affidavit.[92]

Tiddikjara li lil Maria Attard u lill-familja tagħha ilha snin tafhom u anke għamlet snin taħdem magħhom fil-forn. Iżżid li ma' kienitx taħdem b'mod regolari iżda kienet tmur meta titlobha l-għajnuna Grace. Tgħid li kull meta kienet tkun tgħin fil-forn kienet tidħol tara lil Maria li kienet tkun fil-pultruna tagħha.

Tgħid li Maria dejjem kienet tkun nadifa xummiema bil-frott u l-ilma fuq il-mejda quddiemha. Tgħid li Grace kienet ħin kollu dieħla u ħierġa fejna biex tara li ma' jonqosha xejn.

Tgħid li hi ġieli għamlet xi massaġġi lil Maria kif kienet rat u tgħalmet mingħand Grace.

Tgħid li kull ma kienet tkun trid Maria, Grace kienet tagħtiha. Iżżid li kienet ukoll Grace li tqandel lil Maria mis-sodda għal pultruna u viċe versa.

Tgħid li tant Grace kienet dedikata għal ommha li Maria qass qatt ma' kellha feriti tas-sodda.

Tgħid li filgħaxijiet kien ikun hemm ukoll Carmen, oħt Grace, li kienet tkun tnaddaf u taħsel il-ħwejjeġ għand Maria. Iżżid li kien ikun hemm ħafna ħwejjeġ għall-ħasil minħabba l-inkontinenza ta' Maria.

Tgħid li meta miet iben Maria, Frankie, Grace bdiet anke tqatta' l-lejl ma' Maria.

Tgħid li hi kienet ukoll xhud fuq kuntratti li saru minn Maria.  Iżżid li hawn kienet tkun preżenti mill-bidu sal-aħħar stante li Maria ma' kienitx taf tikteb isimha u kienet tiffirma b'salib. Iżżid li għalkemm Maria kienet f'sodda moħħa kien għadu tajjeb u kienet taf u tifhem x'ikun qiegħed isir.

[92] Affidavit a fol 362.

Tgħid li hi qatt ma ħadet l-impressjoni li Maria ma' kienitx taf x'inhu jsir jew li kienet mġiegħla tagħmel xi ħaġa. Iżżid li anzi, Maria kienet titkellem fejn jintqal diskors li ma' tkunx trid.

Tgħid li hi kienet xhud fuq kuntratt redatt minn nutar raġel u ieħor redatt minn nutar mara. Iżżid li ż-żewġ nutara kienu qraw il-kuntratti u sjegawhom sew lil Maria. Tgħid li Maria fl-ebda ħin ma' tat l-impressjoni li mhijiex tifhem. Iżżid li għal kull ħaġa li n-nutara staqsew, Maria irrispondiet u ndikat eżatt x'riedet.[93]

**Christopher Farrugia**, iben il-konvenuta Grace Farrugia, xehed permezz ta' affidavit.[94]

Jiddikjara li huwa ilu jaħdem fil-forn diversi snin u għadu hekk jaħdem sal-lum. Iżid li fil-forn normalment hu l-ewwel li jasal, kmieni filgħodu, u jibda jaħmi l-forn. Iżid li llum l-forn imexxuh hu u ommu biss. Jgħid li fiż-żmien meta n-nanna Maria kien għadha ħajja kien ikollhom bżonn l-għajnuna sabiex ommu tlaħħaq magħha u mal-forn. Iżid li għalhekk kien hemm żmien fejn magħhom ħadmet kuġintu Silvana. Jgħid li ommu kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha ta' nanntu u kienet ħin kollu dieħla u ħierġa fejnha.

Jgħid li ommu kienet tasal fil-forn warajh, għal xit-8:30am jew id-9am, imma qatt aktar tard mill-10am. Iżid li nanntu Maria kienet iddum biex tqum filgħodu għax filgħaxija kienet iddum imqajma. Jgħid li Maria kienet tgħajjat lil ommu għal xi l-10am sabiex tniżżilha mis-sodda u taħsilha. Jgħid li kuġintu Silvana kienet tasal ferm wara ommu l-forn tant li ommu ġieli ċemplitilha sabiex tara kienitx dieħla xogħol. Iżid li kienu jinfixlu jekk nanntu tgħajjat lil ommu qabel Silvana tkun waslet il-forn.

Jgħid li ommu għal nanntu kienet tieħu ħsieb ta' kollox; iġjene personali, tisjir, u tqandil mis-sodda u lura. Iżid li jekk nanntu kienet tkun ma' tiflħax kienet ommu li ssejjaħ għat-tabib u tixtrilha l-mediċini li jippreskrivi. Jgħid li dan jixhdu għax kemm-il darba ra li ommu kellha titlaq mill-forn biex tmur l-ispiżerija.

[93] Fil-verita', mill-atti jirrizulta li din ix-xhud dehret bħala xhud biss fil-kuntratt tat-2 ta' April, 2012 redatt minn Nutar Christian Zammit.
[94] Affidavit a fol 363 u 364.

Jgħid li tant ommu kienet wara ommha li nanntu qatt ma' iddaħlet l-isptar imqar b'ferita tas-sodda.

Jgħid li meta fil-forn kien ibatti x-xogħol, kuġintu Silvana kienet tmur tnaddaf lill-qtates li kien hemm fid-dar ta' nanntu. Jgħid li mhux darba semgħa' lill-nanntu tgħajjat lil Silvana għal xi ħaġa u Silvana ma taqdihiex. Iżid li Silvana kienet tgerger ma nanntu b'ċerta herra u ssikkieta. Jgħid li dan rah u semgħu personalment.

Jgħid li ommu kienet tieħu ħsieb issarraf iċ-ċekkijiet tal-pensjoni ta' nanntu. Iżid li l-flus kienet tgħaddihom lil nanntu b'nanntu tindikalha f'liema portmoni kellha tagħmilhomla u xi tqassam għall-quddiesa, rigali lid-diversi neputijiet tagħha, jew rigali għal xi okkażżjonijiet speċjali.

Jgħid li ommu kienet tibqa' d-dar ta' nanntu sa tard filgħaxija għaliex nanntu kienet iddum ma' tinġabar għax kienet toqod tara t-televiżjoni. Iżid li meta miet zijuh Frankie ommu bdiet anke torqod il-lejl ma' ommha.

Jgħid li zitu Carmen ukoll kienet tmur għand nanntu, partikolarment filgħaxija sabiex tagħmel xogħol ta' tindif u ħasil tal-ħwejjeġ. Iżid li ħwejjeġ dejjem kien ikun hemm ħafna minħabba l-inkontinenza ta' nanntu.

**Carmen Cauchi**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[95]

Tiddikjara li hija waħda minn ulied Maria Attard. Iżżid li fl-1977 hija żżewġet u marret l-Amerika. Tgħid li ġiet lura Għawdex meta ommha tagħta *stroke* iżda marret lura lejn l-Amerika meta ommha qalbet għall-aħjar.

Tgħid li wara dan ġiet lura Għawdex għal kollox fl-1996 u dan stante li ħasset li kellha tkun qrib ta' ommha. Iżżid li minn dakinhar bdiet iżżur lill-ommha kuljum u tagħti daqqa t'id b'li jkun hemm bżonn.

Tgħid li wara l-i*stroke* ta' ommha kienet oħtha Grace li bdiet tieħu ħsieb il-forn kif ukoll lill-ġenituri tagħhom. Iżżid li ommhom kienet żammet lil

[95] Affidavit a fol 494 sa 496.

Grace milli tmur l-Amerika bħal ħutha għax dejjem riditha magħhom fil-forn.

Tgħid li fl-istat li kienet ommha kellha bżonn ta' ħafna għajnuna. Iżżid li ommha dejjem kielet tajjeb u li riedet, kellha aċċess għal tabib meta riedet, u kienet miżmuma tajjeb tant li qatt ma' iddaħlet l-isptar, imqar b'feriti tas-sodda. Iżżid li oħtha Grace kienet tieħu ħsieb sew ta' ommhom, inkluż billi tieħu ħsieb tax-xiri li kien hemm bżonn.

Tgħid li ħuha Frankie kemm dam ħaj baqa' ġuvni, ma' jaħdimx, u jgħix m'ommhom. Iżżid li mindu mardet, ommhom kienet ġiegħlet lil Grace tagħtih flus ta' kuljum. Iżżid li l-flus qatt ma' beża' għalihom.

Tgħid li għal xi żmien ma' kienitx baqgħet tmur il-forn filgħaxijiet u dan peress li kellha xi tgħid ma' oħtha Grace. Iżżid li dan kien riżultat ta' invenzjoni ta' ħuhom Jack. Tgħid li tul dan iż-żmien xorta baqgħat tmur fejn ommha iżda biss filgħodu. Tgħid li kellha ċavetta sabiex tidħol għand ommha bħalma kellhom l-aħwa kollha. Tgħid li qatt ma' sabet xkiel sabiex tidħol ħdejn ommha.

Tgħid li dak iż-żmien kienet tmur fejn ommha bejn is-7 u t-8 ta' filgħodu u ssibha diġa' ħadet il-kafe li jkun għamlilha Alfred – hu x-xhud. Iżżid li dak il-ħin ommha kienet tkun għadha fis-sodda mbagħad għad-9am kienet tasal Grace u tniżżilha u tippreparaha. Tgħid li malli tasal Grace hi kienet tmur lejn darha.

Tgħid li ommha kien ikollha ħafna viżitaturi fosthom ħbieb antiki u anke lil Dun Salv.

Tgħid li meta wara żmien indunat li bejnha u bejn oħtha Grace kien hemm l-indħil ta' ħuhom Jack, hi u oħtha rranġaw u hi reġgħet bdiet tmur ta' kuljum filgħaxijiet tgħin lil ommhom bid-dlik tal-ingwent, ħasil tal-ħwejjeġ, ħasil tal-art, tindif u li jkun hemm bżonn sabiex tgħin lil ommha u lil oħtha Grace ukoll.

Tgħid li bżonn ta' tindif kien hemm ħin kollu għax għand ommha kienu ħin kollu bin-nies deħlin u ħerġin, kemm ħutha stess kif ukoll nies li jżuru lil ommha. Iżżid li ġieli anke sejħitilha Grace sabiex ittiha daqqa t'id fil-forn. Tgħid li filgħaxija kienet tkun hemm minn six-18 'il quddiem.

Tgħid li taf li n-neputija tagħha Silvana għamlet xi żmien taħdem fil-forn ma' Grace iżda qatt ma' ltaqgħat magħha hemm għax kienet tkun hemm ħinijiet differenti.

Tgħid li oħtha Grace kienet tipprepara l-ikel lill-ommhom u lill-ħuthom Frankie u Alfred. Iżżid li meta kien ikun hemm ħuthom l-oħra mis-safar kienet ukoll Grace li ssajrilhom.

Tgħid li fis-sajf il-ġurnata kienet twila u ommha kienet tkun trid toqod fejnhom fil-forn fejn kienet iddum anke sal-11pm jew nofsillejl. Iżżid li ġieli damu sas-siegħa ta' filgħodu biex ġabruha.

Tgħid li fix-xitwa ommha kienet tibqa' ġewwa fil-pultruna b'*heater* mixgħul quddiem it-televiżjoni. Iżżid li f'dan iż-żmien kienu jiġbruha aktar kmieni.

Tgħid li lill-ommha qatt ma' ħallewha nieqsa jew bagħtutha. Iżżid li meta miet ħuha Frankie hi u Grace bdew jorqdu għand ommhom. Tgħid li baqgħu jagħmlu hekk sa' ma' mietet, madwar sena u tmien xhur wara. Tgħid li matul il-lejl ommha kienet tqajjimhom kemm il-darba.

Tgħid li testment ta' kemm ħadu ħsieb ta' ommhom huwa l-fatt li kemm damet f'sodda qatt ma' kellha bżonn tidħol sptar, mank b'xi feriti tas-sodda.

Tgħid li ommha kienet tħobb tagħti xi ħaġa tal-flus lin-neputijiet f'għeluq żmienhom, fil-Milied, u fl-Istrina. Iżżid li meta ħutha kienu jiġu mis-safar ommhom kienet tagħtihom xi ħaġa tad-deheb.

Tgħid li għadha tiftakar meta ommha sejħitilha u qaltilha li l-parti minn sehemha li kien fadal mid-dar "Ta' Rendu" riedet tagħtiha lilha u lil ħuha Alfred. Iżżid li ħuha Alfred irrifjuta għax beża' mill-inkwiet. Tgħid li ommha tagħtha sehemha mid-dar "Ta' Rendu" għax xtaqet tpattilha ta' kemm kienet għamlet magħha, u tal-kura u l-għajnuna li prestatilha. Iżżid li hi aċċettat għax li għamlet għamlitu minn qalbha.

Tgħid li ommha baqgħat f'sensijha sal-aħħar nifsu li ħadet u kienet taf x'inhi tagħmel meta għadditilha sehemha.

**In kontro-eżami,**[96] xehdet li dwar xi flus kellha ommha hi ma' tafx għax hi ma' kienitx tkun magħha ġurnata sħiħa.

Taqbel li kien hemm żmien qasir fejn hi ma' kienitx qed tmur għand ommha. Tgħid li dak kien meta kellha xi tgħid ma' oħtha. Iżżid li ma' tafx eżatt kemm damet ma' tmurx għand ommha. Tgħid li forsi għamlet fuq sena. Iżżid li ma' damitx ħafna.

Taqbel li hi għamlet żmien fl-esteru. Tgħid li dan kien bejn is-snin 1977 u 1996. Tgħid li s-sena li għamlet ma' tmurx għand ommha kien wara li ommha kellha l-i*stroke*.

Tispjega li hi lil ommha xorta kienet tmur taraha għax hi ċavetta tad-dar t'ommha dejjem kellha. Tgħid li hi ma' oħtha Grace ma' kienitx titkellem. Iżżid li bejn is-7am u t-8am kienet tkun fejn ommha xorta. Tgħid li dak il-ħin kien ikun hemm ħuha Alfred ma' ommha. Tgħid li meta kienet tasal oħtha Grace hi kienet titlaq. Taqbel mal-Qorti li hi riedet tara lil ommha imma ma' rieditx tiltaqa ma' oħtha Grace.

Tgħid li ommha ma' uliehda kollha kienet sewwa. Iżżid li lil kulħadd kienet tqies xorta. Tgħid li ħutha kollha kienu jidħlu d-dar.

Taqbel li l-ahwa tas-safar fil-Milied kienu jibgħatu xi ħaġa tal-flus lill-ommhom, kull sena. Tgħid li ma' tafx x'kien jibgħat ħaddiehor. Iżżid li hi ma' kienitx tibgħat ħafna. Iżżid li ommha kienet tibgħat xi ħaġa tad-deheb lin-neptuijiet tagħha kull Milied mentri f'għeluq żmienhom kienet tibgħat xi ħaġa tal-flus. Mistoqsija kemm kienet tibgħatilhom flus tgħid forsi xi Lm10, darba fis-sena, lil kull neputi/neputija f'għeluq żmienhom.

Tgħid li lil-ommhom huma kienu jagħtuha u hi kienet tpattilhom.

Tgħid li kull meta kienu jkunu Għawdex vaganza wkoll kienet tagħtihom xi ħaġa.

Mistoqsija jekk ir-rigali li tagħat ommha f'ħajjitha telgħux għal valur tal-pensjoni kollha tagħha tgħid li hekk ma' tafx.

[96] Traskrizzjoni a fol 606 sa 627.

Mistoqsija kemm hemm aħwa barra minn Malta tgħid li hemm Coronato, Anthony, u Joseph. Tgħid li dawn ilhom jiġu darba fis-sena. Iżżid li kienu jiġu kull sena anke meta kienet ħajja ommhom.

Mistoqsija jekk ħuha Frankie kellux pensjoni tgħid li iva. Mistoqsija jekk ħalliex ġid warajh wara mewtu tgħid li le. Tgħid li dak li kellu kien jonfqu mal-ħbieb. Iżżid li anzi anqas kienu jservuh għax kien jgħid lil oħtha tisilfu.

Mistoqsija jekk ommha kellix bżonn ta' prodotti tal-iġjene personali speċjali jew kienitx tuża prodotti regolari tgħid li taħseb li regolari kienu. Tgħid li hi ma tafx għax dawn ma' kienux affarijiet li tieħu ħsieb hi. Iżżid li Grace kienet tieħu ħsieb ix-xiri.

Tgħid li Grace kienet tkun hemm il-ġurnata kollha mentri hi kienet tkun hemm filgħaxija biss.

Dwar il-kuntratt li sar minn ommha magħha tgħid li hi kienet tkun tgħin lil ommha sakemm darba ommha qaltilha li riedet tpattilha. Iżżid li hawn qaltilha li kien baqa' mandra minn "Ta' Rendu" li riedet ittiha lilha u lil ħuha. Iżżid li hawn, ommha għajtet lil Alfred u dan ma aċċettax. Tgħid li għalhekk tagħtha kollha lilha bħala rikonoxximent ta' kemm għamlet magħha.

Mistoqsija minn iddeċiedha li jsir kuntratt tgħid li ddeċidiet ommha. Iżżid li mbagħad ommha qaltilha ġġib nutar.

Tgħid li n-nutar mar għand ommha u l-kuntratt inkiteb dak il-ħin stess.

Tgħid li ommha tagħha l-i*stroke* fl-1994 mentri missierha miet fl-2003.

Dwar jekk il-ġenituri tagħha kellhomx pensjoni kull wieħed jew waħda bejniethom tgħid li ma tafx. Iżżid li dawk il-kwistjonijiet ma' kienux f'idejha.

Tgħid li ommha d-dar kellha l-flus li kienet iddaħħal kull xahar bħala pensjoni. Iżżid li dawn kienet iżommhom f'kexxun jissakkar b'ċavetta. Tgħid li ma tafx x'kien hemm fil-kexxun meta mietet ommha. Tgħid li hi dan il-kexxun qatt ma' ratu miftuħ.

Tiċħad li tkellmet ma ħuha Jack u qaltlu li qabel miet missierha l-kexxun kien mimli flus u wara mewtu ratu vojt. Suġġerit lilha li l-flus kienu f'kexxun ta' gradenza maġenb il-kamra tal-banju ta' fuq tgħid li hi isfel tafhom u li qed titħawwad. Iżżid li fuq ma' tafx li kien hemm flus.

Tgħid li ma tafx jekk missierha kellux dejn. Iżżid li anqas ommha, ma tafx jekk kellhiex dejn. Tgħid li jekk ommha kellha xi dejn dan kien ma' oħtha Grace biss. Iżżid li aktar minn dejn dan kien għax oħtha kienet tgħin lil ommha u ommha kellha obbligu lejha.

Tgħid li ma tafx jekk Grace kienitx tħallas kera tal-forn lill-ġenituri tagħha. Iżżid li anqas taf xi qliegħ kienet tieħu mill-forn. Terġa' tgħid li hi ma kienitx tidħol fi kwistjonijiet finanzjarji.

Taqbel li ħuha Alfred kien jieħu ħsieb il-bhejjem tad-dar. Mistoqsija jekk Alfred kienx jikkontribwixxi lejn il-forn bil-prodott tal-bhejjem tgħid li hi ma kienitx involuta fil-forn u ma taf xejn fuq hekk.

**In re-eżami**,[97] xehdet li meta qalet li meta kienu jiġu mis-safar ommha kienet ittihom xi ħaġa tad-deheb kienet qed titkellem kemm dwarha kif ukoll dwar ħutha. Iżżid li ommha kienet tixtri xi ħaġa tad-deheb lill-ulied uliedha, in-neputijiet. Iżżid li hi għandha tlett' ulied u ommha kienet tixtri biċċa tad-deheb lil kull wieħed minnhom. Tgħid li ħutha ta' barra wieħed għandu żewġt' ulied u l-ieħor tlieta.

Tgħid li għal ħutha s-subien kienet tixtri kemm għan-nisa tagħhom kif ukoll għal uliedhom.

Tgħid li ħuha Frankie ma' kienx jaħdem. Tgħid li l-flus li qalet li ma' kienux iservuh kienu l-flus li jirċievi mingħand il-Gvern kull xahar. Tgħid li apparti hekk oħtha kienet tagħtih xi ħaġa tal-flus kuljum u ġieli silfitu wkoll.

**Bernardette Gatt**, bint il-konvenuta Grace Farrugia, xehdet permezz ta' affidavit.[98]

[97] Traskrizzjoni a fol 627 sa 632.
[98] Affidavit a fol 497 sa 500.

Tiddikjara li mindu kienet żgħira ommha dejjem il-forn tgħin lil ommha – in-nanna tax-xhud, Maria Attard. Iżżid li hi u ħuha Christopher hemm trabbew.

Tgħid li d-dar ta' nannitha kienet sempliċi u nannitha qatt ma' kellha rikkezzi. Iżżid li kellha ħafna tfal u rabbewhom kif setgħu.

Tgħid li ommha kienet tkun il-forn minn filgħodu sa filgħaxija, fil-bidu tgħin lill-ġenituri tagħha mingħajr ħlas għajr xi frott u ħaxix mill-għelieqi ta' missierha.

Tgħid li ommha biss kienet il-forn għax ħutha l-oħra kienu tellqu lkoll lejn l-Amerika u qatt ma' ħadmu fil-forn.

Tgħid li meta nannitha għaddietha, fl-1994, ommha kompliet fil-forn ma' nannuha – missier ommha. Iżżid li dak iż-żmien nannuha kien jagħmel il-ħobż mal-lejl u ommha tagħmel il-ftajjar mal-jum. Iżżid li dak iż-żmien ommha kienet fil-forn u tieħu ħsieb lil ommha u missierha. Tgħid li nannuha ried minn issajjarlu, jaħsillu ħwejjġu, jnaddaflu, u jagħmillu x-xiri.

Tgħid li mid-dħul tal-forn ommha kienet tmantni lill-ġenituri tagħha u tkopri l-ispejjeż tal-forn. Iżżid li l-kont tad-dawl u l-ilma kien jinqasam bejn ommha u nannuha. Tgħid li ommha kienet tħallas għad-dqiq. Iżżid li qatt ma' rat lil nannuha jagħti xi flus lil ommha. Tgħid li dejjem lil ommha rat tħallas għall-bżonnijiet.

Tgħid li ommha kienet tagħmel ħafna spejjeż għal nannitha. Iżżid li minkejja li nannitha kellha l-pensjoni ommha qatt ma' talbitha flus għal bżonnijiet. Iżżid li nannitiha kienet tqassam flusha lin-neputijiet fil-festi, tagħti lill-qassis għall-quddiesa, u tixtri rigali lil uliedha u n-neputijiet li jiġu mis-safar.

Tgħid li billi ommha kellha l-prokura ta' nannitha kienet issarfilha ċ-ċekk tal-pensjoni hi iżda kienet tagħtiha flusha sabiex tużhom kif trid.

Tgħid li zijuha Frankie baqa' ġuvni, ma' jaħdimx, u jgħix ma' nannitha. Tgħid li nannitha kienet tagħtih xi flus u meta għaddietha obbligat lil ommha tibqa' tagħmel l-istess. Tispjega xi flus kienu jingħataw lil Frankie.

Iżżid li lil Frankie ommha kienet tħallilu l-flus f'vażett sabiex jiġborhom qabel joħroġ u hi, ta' kurjuża li kienet, kienet tara kemm ħallietlu.

Tgħid li ommha lil huha Frankie qatt ma' ħallietu nieqes u kienet anke issajjarlu, taħsillu ħwejġu, u tieħu ħsiebu daqslikieku kien binha.

Tgħid li ommha kienet tmur sewwa ma' kullħadd u meta kienu jiġu ħutha mis-safar kienet issajrilhom u ddur bihom. Tgħid li dan tafu għax fis-sajf kienet tagħti daqqa t'id lill-ommha fil-forn u ratu b'għajnejha.

Tgħid li meta miet nannuha Pawlu fl-10 ta' April, 2003 il-forn għaddha f'idejn ommha għax ħadd minn ħutha ma' ried iżommu. Tgħid li tiftakar lil zijuha Joseph jgħid li ħadd ma' ried jintriga bil-forn. Tgħid li dan kien xieraq għax min ħutha kollha ommha biss baqgħet tgħin lill-ġenituri tagħha fil-forn.

Tgħid li ħuha Christopher jaħdem ma' ommha fil-forn u hi kienet tgħinhom fis-sajf. Iżżid li għal xi żmien kien hemm ukoll kuġintha Silvana tgħin fil-forn. Iżżid li ommha qatt ma' fittxet ma' Silvana. Tgħid li ommha ġieli qabdet lil Silvana tagħmel xi faċenda fid-dar ta' nannithom.

Tgħid li meta nannitha trasferit sehemha mill-postijiet ta' Triq San Gakbu, in-Nadur lil ommha sabiex tħallasha tal-flus kollha li ħarġitilha tul is-snin, hi kienet preżenti. Tgħid li tiftakar lin-Nutar Maria Vella Magro titkellem ma' nannitha u tispjegalha kull ma' kien ser isir. Iżżid illi li kieku nannitha ma' ħassithiex komda żgur li ma' kienitx tmur kontra r-rieda tagħha.

Tgħid li nannitha għamlet żewġ kuntratti; wieħed tal-forn u ieħor "Ta' Rendu". Iżżid li tiftakar lil nannitha twaqqaf lin-nutar fil-kuntratt "Ta' Rendu" għax in-nutar kienet fehemet ħażin dwar x'porzjon riedet titrasferixxi. Tgħid li min tali post nannitha riedet tgħaddi biss kwart lil ommha għax riedet iżżomm il-kwart l-ieħor għal min minn uliedha jgħina. Tgħid li din hija konferma ta' kemm tassew nannitha kienet taf x'inhu jiġri.

Tgħid li n-Nutar Vella Magro għamlet xogħolha sew u bir-reqqa. Iżżid li lil nannitha spjegatilha darbtejn, tlieta dak li kien qiegħed isir u n-nanna ma' oġġezzjonatx anzi, kollox sar skond ir-rieda tagħha.

Tgħid li meta miet zijuha Frankie ommha bdiet torqod għand nannitha. Iżżid li kienu jitqassmu hi u zitha Carmen u damu jagħmlu hekk sa' ma' mietet ommhom.

Tgħid li nannitha mank *bedsore* qatt ma' kellha u dan huwa testment ta' kemm ommha daret biha tajjeb.

Tgħid li z-zijiet tagħha Jack u Rita kienu jkunu fejn nannitha nhar ta' Ħadd. Iżżid li bdew jiġu biss meta saru jafu bil-kuntratti. Tgħid li kienu jagħmlu siegħa u jitilqu.

Tgħid li zitha Carmen Cauchi, li hija tewmijja ma' ommha, kienet l-ewwel waħda li ġiet lura mill-Amerika u dlonk marret tgħin l-ommha fil-forn u b'ommhom.

Tgħid li ommha mara ġenwina u sempliċi dejjem fil-forn tgħin lill-ġenituri tagħha li żgur li qatt ma' ħallithom nieqsin minn xejn. Iżżid li hi u ħuha bagħtew għax kienu nieqsin mill-ħin ma' ommhom iżda llum jifhmu li għamlet hekk għax kellha rispett kbir lejn il-ġenituri tagħha.

**In kontro-eżami**,[99] xehdet li nannuha miet fl-2003 meta hi kellha 20 sena. tgħid li għalhekk tiftakru sew.

Taqbel li meta miet nannuha lil nannitha ma' qalulix u dan fuq ordni tat-tabib għax beżgħu li teħodha bi kbira ħafna. Iżżid li nannitha kien mingħalija li żewġha – in-nannu tax-xhud – qiegħed l-isptar.

Taqbel li ommha u ommha biss kellha prokura ta' nannitha. Tgħid li ommha kienet tmur il-bank u lil nannitha ġġibilha il-flus li jkollha bżonn. Tgħid li hi ma' kienitx tmur ma' ommha l-bank.

Tgħid li quddiemha stess nannitha kienet tgħid lil ommha li l-pensjoni wasslet u kemm kellha ddaħħal. Iżżid li kienet tkun taf id-data meta tidħol il-pensjoni u l-ammont tal-istess pensjoni. Tgħid li hi dejjem rat l-ommha tagħti l-flus tal-pensjoni lil nannitha.

Mistoqsija kif nannitha ma' tantx kellha flus il-bank meta mietet tgħid li nannitha kull ma kien ikollha dejjem tqassmu lil ħaddiehor. Tgħid li fil-

[99] Traskrizzjoni a fol 590 sa 604.

Milied lilha stess ġieli qabditha tixtri xi rigali u tiktbilha l-kartolini lil kull neputi/neputija. Iżżid li huma qiegħdin xi għoxrin kuġini u nannitha kollha kienet tibgħatilhom il-flus kemm fil-Milied u kemm f'kull okkażżjoni oħra. Iżżid li meta kienu jiġu ta' barra mis-safar ġieli qabditha tixtri, ittiha l-flus u tibgħata tixtri xi ħaġa sabiħa jew tad-deheb.

Tgħid li nannitha anke għal Dun Salv dejjem kellha xi ħaġa lesta. Iżżid li lilha kienet titlobha tixtrilha l-envelopes ħalli jkollha ġo xiex tagħtih.

Taqbel mal-Qorti li nannitha kienet ġeneruża.

Mistoqsija jekk il-Knisja qattx tawha riċevuta lil nannitha tgħid li dak iż-żmien ma' kienux jaħdmu bl-irċevuti mhux bħal-lum. Iżżid li hi riċevuta qatt ma' rat.

Taqbel li hi għandha z-zijiet jgħixu barra. Suġġerit lilha li dawn kienu jibgħatu flus sostanzjali kull sena tgħid li hi ma' tiftakarx flus sostanzjali. Tgħid li taf li nannitha kienet tirċievi xi flus iżda kienet tibgħathom lura. Tiċċara li l-flus li kienet tibgħat nannitha kienu jaqbżu bil-kbir dawk li kienet tirċievi.

Mistoqsija jekk nannitha kienitx titlob il-qliegħ tal-forn mingħand ommha tgħid li mil-qliegħ tal-forn ommha kienet tgħajjex lill-familja kollha. Mistoqsija jekk nannitha qattx kellha xi tgħid ma' ommha dwar il-qliegħ tal-forn tgħid li le. Iżżid li dak li taf hu li nannitha kienet titlob lil ommha tixtrilha ħafna affarijiet bħal mediċini, *bed liners*, u ngwenti.

Tgħid li nannitha qatt ma talbet mil-qligħ tal-forn direttament iżda kienet tilob dak li jkollha bżonn.

Tgħid li ma tafx kemm kellha pensjoni nannitha.

Suġġerit lilha li la taf kemm kellha pensjoni u anqas kemm kienet tagħti f'atti ta' karita' tgħid li nannitha kienet f'sensijha u taf bizzejjed. Iżżid li kieku ommha kellha ttiha n-nieqes kienet tgħidilha.

Mistoqsija jekk nannitha kienitx ħalja tgħid li kienet ġeneruza, mhux ħalja.

Mistoqsija jekk nannitha qattx żammet xejn għalija tgħid li kien ikollha xi ftit imwarrab għax kienet taħseb għal quddiem. Mistoqsija jekk il-pensjoni kienitx tamministraha nannitha tgħid li iva, żgur li hekk.

Taqbel mal-Qorti li nanntiha kienet tirċievi l-pensjoni mingħand ommha imbagħad tqassamha kif jidher lilha f'rigali u ħlasijiet oħra bħal lill-qassis.

Tinsisti li nannitha kellha l-pensjoni tagħha f'idha u tqassamha kif jidher lilha filwaqt li ommha kienet tixtrilha l-bżonnijiet tagħha ta' kuljum. Iżżid li dan tafu għax kemm il-darba kienet tkun tixtri għal nannitha ma' ommha.

Tiċħad li kienet ommha li tamministra l-pensjoni ta' nannitha u tixtrilha l-bżonnijiet tagħha minn hemm imbagħad ittiha xi ħaġa tal-flus sabiex ikollha mnejn tagħti rigal.

Tinsisti li ommha lil nannitha dejjem il-pensjoni sħiħa tagħta għax kieku ma' kienx hekk, nannitha kienet titkellem għax f'sensija kienet.

Suġġerit lilha li hi fil-forn kienet tkun mhux fejn nannitha tiddeskrivi li l-forn żgħir, daqs nofs l-awla tal-Qorti, u huwa interkonness mad-dar ta' nannitha b'mod li jekk nannitha tajtilhom jisimgħuha. Iżżid li għalhekk jekk kont qiegħed fil-forn qiegħed fejn in-nanna.

Tgħid li ommha u z-zijiet tagħha Alfred u Rita dejjem Għawdex baqgħu, qatt ma' kienu s-safar. Iżżid li l-oħrajn kollha kienu jew għadhom imsiefrin. Tgħid li Jack u Carmen ġew lura għal kollox. Tgħid li minn ommha u ħutha kollha ommha kienet kuljum il-forn, minn tfulita 'il quddiem, u minn filgħodu sa filgħaxija, Alfred kien ikun hemm, mentri l-oħrajn ġieli jkunu hemm u ġieli le filwaqt li tas-safar jidhru biss fis-sajf.

Taqbel li zijuha Alfred kien ikun għand ommu xi tlett darbiet kuljum, jgħin lill-ommha.

Tgħid li waqt li kienu jsiru l-kuntratti għand nannitha hi kienet fil-forn. Iżżid li għalhekk setgħet tisma x'qed jiġri. Mistoqsija jekk il-kuntratti kienux diġa' miktubin jew inkitbux dak il-ħin tgħid li f'ħin minnhom taf li rat lin-nutara tikteb bil-pinna jiġifieri kien hemm xi korrezzjoni żgur. Iżżid li taf li nkitbu xi affarijiet dak il-ħin iżda ma' tafx eżatt għax ma' kienitx parti u ma' setgħetx toqod preżenti ħin kollu.

Mistoqsija kienitx hemm għal kull kuntratt tgħid li hi dejjem il-forn kienet. Mistoqsija kemm damet għand nannitha n-nutar tgħid li ma' daħlitx u ħarġet għax damet tispjega u semgħata tispjega hi stess.

Mistoqsija meta, skond hi, nannitha ddeċidiet li tippreferi bejn uliedha tgħid li dak ma' tistax tgħidu.

**In re-eżami**,[100] xehdet li fi żmien nannuha l-qliegħ mill-forn kien iżommu hu. Iżżid li dan tafu għax kienet tarah jiġbor il-qliegħ.

Tgħid li nannitha kienet tiġbor il-pensjoni f'portmoni li kienet issakkar fi gradenza.

**Joseph Grech**, in rappreżentanza tad-Direttur Ġenerali tal-Qorti ta' Għawdex, xehed[101] billi eżebixxa kopja vera tal-atti proċedurali tal-kawża ***Il-Pulizija vs John Farrugia et***, każ numru 591/2011.[102]

Dawn l-atti proċesswali juru li ttieħdet azzjoni kriminali fil-konfront tal-konvenuti odjerni John Farrugia u Grace konjuġi Farrugia kif ukoll ta' ċerti Francis sive Frankie Attard[103] u Christopher Attard[104] li ġew akkużati, *inter alia*, talli heddew u qalu kliem oxxen lil varji persuni – familjari tagħhom – kif ukoll fil-każ ta' Frankie u Grace, aħwa ġermani Attard, li trattaw b'moħqrija lil ommhom Maria Attard.[105]

Fl-atti proċesswali tinsab kwerela ffirmata mill-Avukat Dr. A. Formosa u magħmulha għan-nom ta' Rita Grech, bintha Silvana, u ħuha Coronato Attard fejn dawn l-istess irrapportaw li Grace u John konjuġi Farrugia flimkien ma' binhom Christopher Farrugia, kif ukoll Frankie Attard heddewhom meta marru għand Maria Attard sabiex jarawha fuq insistenza tagħha stess. L-istess kwerelanti rrapportaw ukoll li Frankie Attard u Grace Farrugia, aħwa ġermani Attard, trattaw b'moħqrija lil

[100] Traskrizzjoni a fol 604 u 605.
[101] Traskrizzjoni a fol 365 u 366.
[102] Kopja tal-atti processwali tal-kawza kriminali a fol 367 sa 415.
[103] Jirrizulta li dan huwa iehor mill-ahwa germani Attard, ulied Pietro Paolo Attard u Maria nee' Farrugia, li miet qabel ġew intavolati l-proceduri odjerni.
[104] L-istess Christopher Farrugia li xehed f'dawn il-proceduri u li jigi iben il-konvenuti Grace u John konjuġi Farrugia.
[105] Kopja tal-kap tal-akkuza a fol 367 u 368 tal-process ta' din l-istanza.

ommhom Maria Attard. Din hija l-kwerela li wasslet għall-proċeduri kriminali fil-każ numru 591/2011.[106]

F'udjenza tat-2 ta' Settembru, 2011, il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ordnat li jinżamm aċċess fid-dar ta' Maria Attard sabiex tittieħed ix-xhieda tagħha.[107]

Maria Attard xehdet quddiem l-imsemmija Qorti Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2011:[108]

*Inter alia*, qalet li dment li kien hemm hi preżenti f'darha ma' kienx hemm ġlied bejn uliedha Coronato u Rita fuq naħa u Frankie kif ukoll Grace u żewġha John, flimkien ma' binhom Christopher, fuq oħra. Mistoqsija jekk kienx hemm minn uliedha li nsulentaw lil uliedha oħrajn qalet li kienu jitkellmu. Mistoqsija kienux jgħajtu qalet li minnhom jgħajtu. Żiedet tgħid li ma tiftakarx xi bdew jgħidu lil xulxin. Mistoqsija hi kif kienet miżmuma f'darha rrispondiet li kienet miżmuma sewwa ħafna. Żiedet tgħid li hi tqatta l-ġurnata bilqiegħda sakemm bintha Grace tqajjimha għal xi kafe jew għall-ikel u sakemm imbagħad iddaħħalha torqod. Mistoqsija mill-Qorti dwar minn jaħsilha irrispondiet li taħsilha bintha Grace, u Grace biss. Żiedet tgħid li Grace tieħu ħsiebha, taħsilha, taħslilha ħwejjiġha, issajrilha, tbiddilha u ttellagħha torqod. Żiedet tgħid li Grace ilha tieħu ħsiebha kemm ilha marida u anqas tiftakar kemm ilha li mardet iżda taħseb li ilha sittax (16)-il sena marida. Qalet ukoll li jekk ikollha bżonn ta' tabib tkun Grace li ċċempel għalih. Żiedet tgħid li anke jekk ikollha bżonn tixtri xi ħaġa tkun Grace li toħdilha ħsieb. Insistit li f'darha hija tinsab kuntenta u ma' jonqosha xejn. Qalet li bintha Rita qabel kienet tmur taħsilha l-ħwejjeġ iżda kien ilha ma' tmur. Żiedet li ma tafx għalfejn Rita ma' baqgħatx tmur għandha u li tixtieq tkellimha. Staqsiet jekk lil Rita għamluliex xi ħaġa biex ma baqgħatx tmur għandha. Mistoqsija meta l-aħħar li rat lil Rita qalet li kienet marret għandha ma' Carmen u Coronato iżda ma damux għax illatikaw. Mistoqsija ma' minn illatikaw qalet Carmen u Coronato bejniethom. Mistqosija kienx hemm xi ħadd ieħor li ġġieled magħhom qalet li ma tafx li kien hemm ħaddiehor. Mistqosija Grace kienitx hemm waqt l-inċident qalet li Grace dejjem hemm tkun. Qalet li ma tafx jekk Grace, Coronato, u Rita kellhomx xi jgħidu ma' xulxin. Żiedet tgħid li quddiemha qatt ma' kellhom xi jgħidu. Mistoqsija

[106] Kopja tal-kwerela datata l-1 ta' Settembru, 2011 tinsab a fol 369 sa 371 tal-process ta' din l-istanza.
[107] Verbal a fol 373 tal-process ta' din l-istanza..
[108] Traskrizzjoni tax-xhieda a fol 376 sa 393 tal-process ta' din l-istanza.

Frankie kienx hemm dakinhar tal-inċident irrispondiet li iva. Żiedet li kien mindud imbagħad beda jitħadded jgħajjat. Żiedet li ma taxf x'kien qiegħed jgħid Frankie tul dan l-inċident, minkejja li kien qiegħed jitkellem jgħajjat. Qalet li kienu jitħadtu b'naqra rabja ta' aħwa li huma. Żiedet tgħid li minn dakinhar Rita u Carmen ma' reġgħux marru għandha. Qalet li kienu jgħajtu għax minnhom jgħajtu mhux għax kienu qiegħdin jiġġieldu.

F'udjenza tat-8 ta' Novembru, 2011, l-istess Qorti Kriminali ħatret lis-*social worker* Peter Paul Portelli *"sabiex ikun jista jiehu konjizzjoni tas-sitwazzjoni u tal-mod kif l-istess Maria Attard qiegħda tigi miżmuma"* u *"jipprezenta rapport lill din il-Qorti* […] *fir-rapport għandu jinkludi wkoll kwalunkwe' rakkomandazzjoni li jhoss necessarja sabiex is-sinjura Attard tinzamm b'mod xieraq u adegwat"*.[109]

Ir-rapport tas-*social worker* ġie debitament eżebit fl-atti proċesswali tal-kawża kriminali nhar l-20 ta' Jannar, 2012.[110]

Fl-istess, is-*social worker*, wara li ta' informazjoni ġenerali dwar Maria Attard, inkluż li madwar għoxrin (20) sena qabel hija soffriet *stroke* li wassal għal-limitazzjonijiet fil-mobilita' tagħha, irrelata li waqt *surpise home visit* Maria Attard kienet indisposta milli titkellem magħhom minħabba li, skond bintha Grace, kienet qed tiġi mgħajjuna tinħasel. Żied li siegħa wara, meta mar lura f'dar Maria Attard, deher ċar li Maria xtaqet il-paci bejn uliedha. Maria nfurmatu wkoll li lilha ma' jonqosha xejn u li kull ma' tixtieq hu li jkun hemm il-paċi.

Irrelata wkoll li nnota li l-kundizzjonijiet fid-dar ta' Maria huma aċċettabbli għalkemm hemm lok għal titjib inkluż billi m'hemmx kamra tal-banju fis-sular ta' isfel u s-sodda tagħha mhijiex munita bl-apparat biex jgħina tqum mis-sodda mingħajr għajnuna, b'dan li għal tali għan tiddependi fuq uliedha. Żied iżda li Maria għamlet ċar li hija kuntenta f'darha u ma' tixtieqx tmur f'xi dar tal-anzjani.

Finalment, is-*social worker* ta' rendikont ta' intervisti li żamm ma' ulied Maria Attard ossia, Grace, Alfred, Rita, Jack, Carmen, u Frankie.[111]

Għadda mbagħad sabiex ikkonkluda li huwa ċar li Maria Attard:

---

[109] Verbal a fol 396 tal-process ta' din l-istanza.
[110] Kopja tar-rapport a fol 398 sa 402 tal-process ta' din l-istanza.
[111] Ref.: traskrizzjonijiet tal-intervisti mat-tali persuni fil-pagni tar-rapport li jinsabu a fol 399 sa 401 tal-process ta' din l-istanza.

- tixtieq ħafna li ma jkunx hemm inkwiet bejn uliedha;
- mentalment tinstab tajba ħafna, tirraġuna u kapaċi żżomm konversazzjoni;
- fiżikament ma' ilmentat dwar xejn, anzi kkonfermat li għandha aċċess għat-tabib tal-familja kull meta thoss il-bżonn;
- ix-xewqa tagħha hi lu uliedha lkoll iżuruha u tippreferi hekk milli jkelmuha bit-telefon;
- fl-ebda mument ma' kienet tidher imdejqa bl-ambjent tagħha li jidher li ilu snin ma' jinbidel.

Irrakomanda għalhekk li:

- jiġu utilizzati s-servizzi kollha a dispozizzjoni bħal *home help* u *telecare* sabiex il-ħajja ta' Maria Attard tkun aktar komda u sigura;
- jinxtara siġġu tar-roti adegwat;
- issir *shower* adegwata fis-sular ta' isfel tal-abitazzjoni;
- jitwaħħal apparat mas-sodda li jgħin lil Maria tiċċaqlaq u tqum b'mod aktar faċli u ndipendenti, u;
- Maria tibqa' tiġi segwita minn *social worker*.

B'rapport ulterjuri datat il-25 ta' Settembru, 2012,[112] is-*social worker* irrelata li wara diversi visti fid-dar ta' Maria Attard, b'uħud mit-tali visti kienu *surprise visits*:

- dejjem sabu lil Maria Attard f'kundizzjoni ta' ndafa personali tajba;
- id-dar dejjem kienet nadifa;
- Marija ġiet mitkellma waħedha u dejjem espremiet bil-liberta' kollha dak li xtaqet u ċioe, li uliedha lkoll imorru għandha sabiex iżuruha;
- is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar ta' Maria ma' nbidlitx u kull wieħed/waħda mill-aħwa ġermani Attard għandu/għandha ċavetta u l-liberta' li jaċċedi/taċċedi fid-dar ta' l-omm, Maria;
- Maria tiġi provduta b'ikel tajjeb servut fil-ħin;
- ġie provdut apparat sabiex Maria tista tiċċaqlaq b'aktar faċilita' waqt li tkun fis-sodda;
- Maria kompliet issostni li hija kuntenta ħafna f'darha u ma' tixtieqx tinġabar ġo dar tal-anzjani.

[112] Kopja tar-rapport a fol 410 u 411 tal-process ta' din l-istanza.

Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħatat nhar it-12 ta' Ottubru, 2012.[113]

Fl-istess, il-Qorti Kriminali, *inter alia*, iddeċidiet li l-akkuża ta' moħqrija fuq il-persuna ta' Maria Attard miġjuba fil-konfront ta' Frankie u Grace aħwa ġermani Attard ma' irriżultatx u għalhekk, illiberat lill tali imputati minnha.

**Din il-Qorti rat ukoll** il-verżjonijiet oriġinali tal-affidavits ta': [**i**] Maria Attard, datat is-26 ta' April, 2010;[114] [**ii**] Maria Attard, datat id-29 ta' April, 2010;[115] [**iii**] Grace Farrugia, datat it-22 ta' April, 2010;[116] [**iv**] Grace Farrugia, datat id-29 ta' April, 2010,[117] u; [**v**] Frankie Attard, datat it-22 ta' April, 2010;[118] ilkoll eżebiti min-Nutar Maria Vella Magro waqt ix-xhieda tagħha mogħtija fil-proċeduri ta' din l-istanza nhar is-7 ta' Marzu, 2019.[119]

**Fl-affidavit tagħha tat-22 ta' April, 2010, il-konvenuta Grace Farrugia** ddikjarat li:

- ommha Maria Attard ilha fis-sodda mil-1994 u min dakinhar hi bdiet tieħu ħsieb it-tmexxija tal-forn numru 21, Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex li huwa anness mad-dar ta' ommha numru 20;
- it-tmexxija tal-forn ħaditha bil-patt u l-kundizzjoni li tagħti lil ħuha Frankie Attard, li baqa' ġuvni, is-somma ta' Lm5 kuljum mit-Tnejn sas-Sibt u Lm 10 nhar ta' Ħadd. Tgħid li minkejja r-rata tal-iskambju mindu daħlet il-munita Euro hi bdiet tagħti lill-istess ħuha Frankie EUR 15 kuljum mit-Tnejn sas-Sibt u EUR 20 kull nhar ta' Ħadd. Tgħid li għaldaqstant sal-jum tar-rilaxx tal-affidavit lil Frankie kienet tagħtu 'l fuq minn EUR 78,000;
- minn meta ommha nxteħtet fis-sodda hi bdiet tixtri t-tank tal-gas għat-tisjir kif ukoll l-ikel kollu neċessarju u ssajjar għall-istess ommha u ħuha Frankie. Bdiet tixtri wkoll is-sapun tal-ħasil tal-ħwejjeġ;

[113] Kopja tad-decizjoni a fol 414 u 415 tal-process ta' din l-istanza.
[114] Affidavit a fol 434 u 435 b'certifikat mediku a fol 436.
[115] Affidavit a fol 437.
[116] Affidavit a fol 442 u 443.
[117] Affidavit a fol 441.
[118] Affidavit a fol 438.
[119] Traskrizzjoni a fol 416 *et seq.*

- id-dar ta' ommha għandha problema tad-drenaġġ li sakemm kien ħaj missierha kien jieħu ħsieb jiftħu hu iżda wara mewt missierha dejjem ħadet ħsieb tal-ispiża dwar dan hi billi ġġib lil xi ħadd bejn darbtejn u tlieta fis-sena għal spiza ta' bejn wieħed u ieħor EUR 35 kull darba;
- il-ħsara fil-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ u l-forn dejjem ħalset għalija hi u meta kien hemm bżonn jinbidlu bidlithom hi, minn butha. Iżżid li xtart ukoll *fridge* għal spiża ta' EUR 1,165;
- il-kont tat-televiżjoni tħallsu hi;
- lil ommha ma' tħalliha nieqsa minn xejn u tixtrilha kull ma' jkollha bżonn għall-igene personali tagħha, dejjem minn butha. Iżżid li l-mediċina ma' tixtrihiliex hi ħlief għal xi kaxxa *panadol*;
- ħuha Frankie għandu l-klieb, ommha għandha l-qtates, u ħuha Alfred għandu l-bhejjem – nagħaġ, mogħoż, u tiġieġ. Tgħid li hija tixtri minn buta xkora għalf fil-ġimgħa li s'issa telgħet għal EUR 5,000;
- żgur kemm dam ħaj missierha meta ma' kienet tgawdi xejn mill-introjtu tal-forn ħallset b'EUR 48,000 fi dqiq, u dan bejn is-snin 1994 – meta ommha nxteħtet fis-sodda – u 2003 – meta miet missierha;
- iżżid li kemm dam ħaj missierha waqt li ommha kienet mixħuta fis-sodda l-ikel għal missierha kienet tixtrih hi ukoll, minn butha. Iżżid li lil missierha kienet issajjarlu, taħsillu l-ħwejjeġ, u kemm-il darba ħalsitlu għat-tabib ukoll;
- kull meta ħutha jordnaw il-ftajjar minn għandha hi qatt ma' żżomilhom ħlas għall-istess;
- mindu miet missierha għamlet bdil fil-forn għall-valur ta' 'il fuq minn EUR 6,500, u;
- il-quddiesa għal ruħ missierha dejjem hi tħallasha.

Tgħid għalhekk li fil-qosor, hi tħallas l-ispejjeż kollha ta' ommha għajr għal mediċina kif ukoll il-kera u l-konsum tad-dawl u l-ilma.

**B'affidavit ulterjuri** tagħha, il-konvenuta Grace Farrugia, wara li kkonfermat l-affidavit preċedenti tagħha rilaxxat nhar it-22 ta' April, 2010, ikkoreġiet dettal billi qalet li mid-data tal-ewwel affidavit tagħha 'il quddiem hi bdiet tħallas nofs il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma.[120]

[120] Affidavit a fol 471.

**Fl-affidavit tiegħu tat-22 ta' April, 2010, Frankie Attard** qabel u kkonferma l-affidavit ta' oħtu Grace li jġib l-istess data. Żied jgħid li oħtu Grace tieħu ħsieb ta' ommhom u tħallas kważi kollox minn butha u meta kien ħaj missiehom kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet tiegħu ukoll.

**B'affidavit ulterjuri** tiegħu, Frankie Attard, wara li kkonferma l-affidavit preċedenti tiegħu rilaxxat nhar it-22 ta' April, 2010, ikkoreġa dettall billi iddikjara li mid-data tal-ewwel affidavit tiegħu 'il quddiem, oħtu Grace bdiet tħallas nofs il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma.[121]

**Fl-affidavit tagħha tas-26 ta' April, 2010, Maria Attard** iddikjarat li mindu nxteħtet fis-sodda kienet bintha Grace li ħadet ħsieb ta' kollox f'darha. Issemmi ħasil, tisjir għalija u għal binha Frankie, li ddewwieha u tieħu ħsiebha minn filgħodu sa filgħaxija, inkluż billi tpoġġiha f'sodtha qabel ma' tmur d-dar tagħha. Iżżid li l-kontijiet tal-mediċina u tad-dawl u l-ilma tħallashom hi – Maria – iżda l-kumplament tħallas kollox Grace minn butha. Tgħid li kull meta jinqala l-bżonn li jinfetaħ id-drenaġġ jew titranġa *fridge* jew il-forn jew xi ħaġa oħra tieħu ħsieb kollox Grace u tħallas minn butha. Iżżid li fuq talba tagħha Grace tagħti Lm 5 kuljum, mit-Tnejn sas-Sibt, lil ħuha Frankie u Lm 10 nhar ta' Ħadd. Iżżid li meta daħlet il-munita Euro dawn il-valuri bdew jitħallsu bħala EUR 15 kuljum mit-Tnejn sas-Sibt u EUR 20 nhar ta' Ħadd. Tgħid li Grace ilha hekk tħallas lil Frankie mindu hi – ix-xhud – inxteħtet fis-sodda, allura mil-1994. Tgħid li Grace tagħmel il-faċendi kollha fid-dar tagħha – tax-xhud u li meta jkun hawn uliedha l-oħra – ulied ix-xhud – mis-safar u jżuruha hija Grace li ssajjar għal kullħadd u tkompli magħhom sa tard billejl. Tgħid li l-ġwież għall-bhejjem – xkora fil-ġimgħa – ta' binha Alfred ukoll tħallashom Grace minn butha u ilha tagħmel hekk mill-1994. Tgħid li meta l-*fridge* ma' setgħetx tissewwa kienet Grace li xtratilha oħra minn butha. Iżżid li l-ispejjeż li kien hemm fil-forn għamilthom Grace minn butha. Iżżid li kemm dam ħaj żewġha waqt li hi kienet mixħutha, il-bżonnijiet tiegħu ukoll ħadet ħsiebhom Grace. Tgħid li lil żewġha – żewġ ix-xhud – Grace kienet issajjarlu u taħsillu.

**Bit-tieni affidavit tagħha tad-29 ta' April, 2010, Grace Farrugia** iddikjarat li bint oħta Rita Grech, ossia Silvana tħallset ta' kull ġurnata xogħol li

[121] Affidavit a fol 472.

għamlet fil-forn magħha. Żiedet li ġieli qabdet lil Silvana tagħmel xi faċenda fid-dar t'ommha iżda dan waqt il-ħin tax-xogħol tal-forn fejn allura Silvana kienet qiegħda titħallas minn butha.

**Bit-tieni affidavit tagħha tad-29 ta' April, 2010, Maria Attard** iddikjarat li hi taf li minkejja li n-neputija tagħha, Silvana, bint it-tifla tagħha Rita Grech tagħmel sagħtejn faċendi għandha, l-istess Silvana hija mħallsa għal dan minn bintha Grace billi hija taħdem mal-istess Grace fil-forn u l-faċenda ssir waqt il-ħin tax-xogħol mħallas tagħha.[122]

**Il-Qorti rat ukoll** in-nota tal-konvenuti tal-20 ta' Jannar, 2021 b'annessi magħha varji affidavits fosthom affidavit rilaxxat minn Maria Attard nhar it-2 ta' April, 2012.[123]

F'dan l-istess affidavit, Maria Attard iddikjarat li hija kienet għamlet affidavit quddiem in-Nutar Maria Vella Magro nhar is-26 ta' April, 2010.

Żiedet li hija tikkonferma tali affidavit u żżid li bintha Grace Farrugia għadha tirrendilha dawk is-serviġi, kuri, u assistenzi msemmija fl-istess affidavit preċitat.

Iddikjarat ulterjorment li f'dak li jirrigwarda kontijiet tad-dawl u l-ilma bdew jitħallsu nofs bin-nofs minnha u mill-istess bintha Grace.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza, l-atturi, wara li ppremettew li huma u l-konvenuti, għajr għall-konvenuti John Farrugia u Peter Paul Cauchi, huma aħwa ġermani Attard, ulied Pietro Paolo Attard u Maria nee' Farrugia; premettew ukoll li tlett (3) kuntratti magħmulha minn ommhom, tnejn ta' bejgħ datati s-26 ta' April, 2010 u d-29 ta' April, 2010, it-tnejn in atti Nutar Maria Vella Magro, li saru favur il-konvenuta Grace Farrugia u żewġha John Farrugia,

[122] N.B.: iz-żewġ affidavits ta' Maria Attard ġew markati minnha b'salib quddiem żewġ xiehda kif rikjest mill-ligi stante li l-istess Maria Attard, kif irrizulta mill-kumplament tal-provi, ma' kienitx taf tikteb isimha.
[123] Nota a fol 470. Kopja fotostatika ta' affidavit ta' Maria Attard a fol 478 u 479.

u ieħor ta' *datio in solutum* tat-2 ta' April, 2012, in atti Nutar Christian Zammit, li sar favur l-konvenuta Carmen Cauchi u żewġha Peter Paul Cauchi kienu fil-fatt simulati bil-verita' hi li kienu maħsuba sabiex ikunu donazzjonijiet jew għalkemm fihom element oneruz huma fin-natura proponderanti tagħhom kuntratti ta' donazzjoni.

Talbu għalhekk [**i**] dikjarazzjoni li t-tlett kuntratti msemmija li saru taħt parenza ta' kompravendita' jew *datio in solutum* kienu fil-fatt simulati għaliex fil-verita' kienu maħsubin bħala donazzjonijiet, għalmenu fin-natura preponderanti tagħhom; [**ii**] dikjarazzjoni li t-tlett kuntratti msemmija huma għalhekk kuntratti ta' donazzjoni; [**iii**] dikjarazzjoni li Maria Attard ma' kellha ebda dejn fil-konfront tal-konvenuti Grace u John konjuġi Farrugia, u; [**iv**] ordni lill-konvenuti konjuġi Farrugia u dawk konjuġi Cauchi sabiex iġibu fil-massa tal-wirt ta' Maria Attard il-valur tas-sehem lilhom donat permezz tal-istess tlett kuntratti msemmija.

Il-konvenuti lkoll laqgħu għal dawn it-talbiet atturi billi preliminarjament eċċepew li l-azzjoni attriċi hija rritwali u nulla a tenur tal-Artikolu 907(2) tal-Kap. 12 stante li l-atturi naqsu milli jħallsu lill-konvenuti l-ispejjez kollha tal-kawża numru 31/2012 JD fl-ismijiet ***Jack Attard et vs John Farrugia et*** – kawża li l-atti proċesswali tagħha ġew allegati ma' dawk ta' din id-deċiżjoni odjerna.[124]

Eċċepew ulterjorment, u fil-mertu, li t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li dak kollu dikjarat fit-tlett kuntratti in mertu kien veritjer u jirrispekja fedelment il-volonta' tal-partijiet komparenti fuq l-istess kuntratti.

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ġiet irtirata fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2018.[125] Jibqa' għalhekk sabiex din il-Qorti tikkunsidra u tiddeċiedi t-talbiet atturi ai termini tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mill-premessi u t-talbiet atturi jirriżulta ċar li l-lanjanza prinċipali tal-atturi hija li bit-trasferimenti magħmulha minn ommhom Maria Attard favur uliedha Grace Farrugia u Carmen Cauchi, li jirriżulta li huma

[124] Ref.: il-verbal a fol 47
[125] Ref.: il-verbal a fol 97.

tewmien, u l-irġiel tagħhom John Farrugia u Peter Paul Cauchi permezz tat-tlett kuntratti in mertu, ossia dawk tas-26 ta' April, 2010 u tad-29 ta' April, 2010 in atti Nutar Maria Vella Magro li jidhru li huma ta' kompravendita' u saru favur il-konjuġi Farrugia u dak tat-2 ta' April, 2010 in atti Nutar Christian Zammit li jidher li huwa ta' *datio in solutum* u sar favur il-konjuġi Cauchi; tali proprjeta' inħarġet mill-massa ereditarja tal-istess Maria Attard unikament sabiex jiġu defrawdati d-drittijiet tagħhom.

Huwa għalhekk li l-atturi qed ifittxu li jottjenu dikjarazzjoni li tali tlett kuntratti in mertu kienu simulati bil-verita' hi li kienu maħsuba sabiex ikunu donazzjonijiet jew għalkemm fihom element oneruż huma fin-natura proponderanti tagħhom kuntratti ta' donazzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi qabel tgħaddi għall-kunsiderazjzonijiet legali tagħha din il-Qorti tħoss li huwa opportun li jingħata riassunt taċ-ċirkostanzi saljenti li wasslu għal din l-istanza:

i. Il-partijiet kontendenti għajr għall-konvenuti John Farrugia u Peter Paul Cauchi, huma ahwa ġermani Attard, ulied Pietro Paolo Attard u Maria nee' Farrugia;

ii. Permezz ta' kuntratt ta' kompravendita' tas-26 ta' April, 2010 in atti Nutar Maria Vella Magro, l-omm hawn fuq imsemmija, Maria Attard, trasferit favur bintha Grace Farrugia u r-raġel tal-istess Grace, John Farrugia:

    *Nofs (1/2) indiviż u kull sehem u dritt iehor li jista' jkun spettanti lill-Venditrici –* Maria Attard *– mill-fond bin-numru ghoxrin u wiehed u ghoxrin (20/21) fi Triq San Gakbu, Nadur, Għawdex, bil-bitħa u art annessi miegħu u bl-arja kollha tiegħu, u bl-ambjenti kollha tiegħu, bl-eskluzjoni ta' l-ghamara u l-mobbli kollha jigifieri bl-eskluzjoni tal-flus u cedoli bankarji, deheb, fidda u ħaġar prezzjuz, jekk ikun hemm, ghamara u fajenza fil-parti diviża tal-fond bin-numru ghoxrin (20), kollox eskluz, pero' inkluż il-mobbli kollha li jkun hemm fil-kamra magħrufa bħala 'l-forn' bil-bieb li jaghti għat-triq bin-numru wiehed u ghoxrin (21), peress li l-mobbli fil-forn saru spejjez ta' Grace* […]

*Dana l-bejgh qed isir u jigi accettat versu l-prezz kumplessiv miftiehem bejn il-partijiet ta' sebgħin elf Ewro (EUR 70,000), liema somma gia ingħatat lill-Venditrici f'diversi sommom ta' flus mislufa lilha matul iż-żmien, minn bintha Grace u liema sommom ta' flus mislufa lilha jissuperaw u jeċċedu bil-kbir il-prezz ta' sehem il-Venditrici minn dan il-fond, u għalhekk il-Venditrici qeghda tħalli d-debita ricevuta skond il-ligi għas-saldu tal-prezz* […]

1. *Bil-patt u kundizzjoni espressa illi l-Venditrici kif ukoll binha Frankie Attard sakemm jibqa' guvni, għandhom id-dritt ta' uzu u abitazzjoni tal-fond bin-numru ghoxrin (20) fi Triq San Gakbu bl-eskluzzjoni tal-kamra magħrufa bħala 'il-forn' bin-numru wiehed u ghoxrin (21) fl-istess Triq, għal matul ħajjithom kollha, u bil-fakolta illi sal-mewt tagħhom ikunu jistghu idaħlu fl-istess fond bin-numru ghoxrin (20) lil kwalunkwe' persuna ben vista għalihom mingħajr xkiel u/jew interferenza mill-kompraturi jew l-aventi kawża tagħhom* […]

6. *Matul il-ħajja tal-Venditrici l-Kompraturi ma jistghux ibieghu jew jittrasferixxu il-fond bi kwalunkwe' titolu lill-terzi persuni li mhumiex dixxendenti jew wiehed jew l-iehor mill-kompraturi l-proprjeta' trasferita lilhom permezz ta' dana l-att* […]

*Għal kull buon fini u effetti ta' l-Att dwar il-Hlas ta' Boll fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kapitolu tlett mija u erbgha u sittin (Kap. 364) tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat mill-partijiet, wara li jiena Nutar sottofirmat fehemthom sewwa bl-importanza tal-veracita' ta' tali dikjarazzjoni skond il-ligi f'Malta, illi l-valur ta' sebgħin elf Ewro (EUR 70,000) għal proprjeta' hawn trasferita, huwa valur gust u reali.*[126]

iii. Permezz ta' kuntratt ta' kompravendita' ieħor, din id-darba tad-29 ta' April, 2010, ukoll in atti Nutar Maria Vella Magro, l-istess Maria Attard trasferit favur l-istess bintha Grace Farrugia u r-raġel tagħha John Farrugia:

*Kwart (1/4) indiviżi jigifieri nofs (1/2) is-sehem spettanti lill-Venditrici tal-fond bin-numru tnejn (2) magħruf bħala "ta' Rendu", fi Triq San Gakbu, Nadur, Għawdex, bl-ambjenti kollha tiegħu, u bl-art kollha annessa miegħu, liberu u frank u bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tiegħu.*

[126] Ref.: kopja tal-kuntratt ta' kompravendita' a fol 7 *et seq.*

*Dana l-bejgh qed isir u jigi accettat versu l-prezz kumplessiv miftiehem bejn il-partijiet ta' sebat elef Ewro (EUR 7,000). Il-Venditrici tiddikjara li l-hlas ta' dana l-ammont gia sar minn bintha Grace qabel illum stante li dan l-ammont jifforma parti minn ammont akbar ta' flus li bintha Grace għaddiet lill-Venditrici lilha personalment jew lill-terzi skond ix-xewqat tal-Venditrici. L-ammont ta' flus misluf s'issa lill-Venditrici jammonta għall-iktar minn mitejn u ghoxrin elf Euro (EUR 220,000). Il-Venditrici tiddikjara illi dawn l-ammonti ta' flus ġew mislufa lilha sabiex tħallas l-kontijiet u spejjez relatati mal-manutenzjoni u t-tgawdija tad-dar tar-residenza tagħha kif ukoll sabiex tħallsu flejjes lill-terzi skond l-istruzzjonijiet u x-xewqat tal-Venditrici. Għalhekk il-Venditrici tagħmilha ċara li l-imsemmi self ta' flus ma' jkopriex il-valur tal-kuri, servigi u assistenzi rezi lill-istess Venditrici matul is-snin minn bintha Grace* […]

4. *Bl-eskluzzjoni ta' l-ghamara u l-mobbli kollha fil-fond.*
5. *Matul il-ħajja tal-Venditrici l-Kompraturi ma jistghux ibieghu jew jittrasferixxu il-fond in trasferta bi kwalunkwe' titolu lill-terzi persuni li mhumiex dixxendenti tal-Venditrici.*
6. *Bil-patt u kundizzjoni illi bintha Grace, hija personalment u/jew permezz tal-familja tagħha u/jew terzi persuni ben visti għall-Venditrici tibqa' tieħu ħsieb lill-Venditrici sa mewtha u tirrendilha dawk il-kuri, servigi u assistenzi li jkollha bżonn sa mewtha kif ghamlet s'issa għal dawn l-ahahr sittax (16)-il sena u ma tirrikoverahiex f'xi istitut jew ospizju għall-anzjani jew dar tal-kura* […]. *Il-Venditrici tiddikjara illi dawn il-kuri, servigi u assistenzi ilhom jigu rezi lilha minn bintha Grace għal dawn l-ahhar sittax-il sena u kienu u għadhom ta' entita li jimmeritaw li jigu kumpensati in vista tax-xogħol u r-rabta li jitolbu minn bintha Grace. In oltre l-Venditrici tiddikjara li sal-lum hija qatt ma' ħallset lill-bintha Grace għall-kuri, servigi u assistenzi rezi lilha minn bintha. In oltre l-Venditrici tiddikjara wkoll li hija qeghda timponi din il-kundizzjoni li tibqa' tieħu ħsiebha minkejja li dan huwa kuntratt ta' bejgh u Grace gia halsitha l-prezz ta' sehem il-Venditrici mill-fond in trasferta għaliex it-trasferiment tal-lum u t-trasferiment ta' sehem il-Venditrici mill-fond numru ghoxrin u wiehed u ghoxrin (20/21) fi Triq San Gakbu li sar permezz ta' att tieghi tas-sitta u ghoxrin ta' April tas-sena korrenti (26-04-2010) jkopri biss parti mill-flus mislufa lilha minn Grace, liema somom ingħataw lill-Venditrici u/jew tħallsu lill-terzi skond l-istruzzjonijiet tal-Venditrici. B'dana illi l-Venditrici tiddikjara li hija qed timponi xorta waħda din il-kundizzjoni li Grace tibqa' tieħu ħsiebha peress illi l-Venditrici tiddikjara illi hija kienet tat il-gestjoni tal-forn bin-numru wiehed u ghoxrin (21) fi Triq San Gakbu, Nadur,*

> *Għawdex lill-bintha Grace u zzomm kwalunkwe' qliegh li hija tagħmel mill-istess forn għaliha personalment bil-patt u kundizzjoni li tieħu ħsieb lilha u lill-żewġha sa mewthom* […]

*Għal kull buon fini u effetti ta' l-Att dwar il-Hlas ta' Boll fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kapitolu tlett mija u erbgha u sittin (Kap. 364) tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat mill-partijiet, wara li jiena Nutar sottofirmat fehemthom sewwa bl-importanza tal-veracita' ta' tali dikjarazzjoni skond il-ligi f'Malta, illi l-valur ta' sebat elef Ewro (EUR 7,000) għal proprjeta' hawn trasferita, huwa valur gust u reali.*[127]

iv. Permezz ta' kuntratt ta' *datio in solutum*, tat-2 ta' April, 2012, din id-darba in atti Nutar Christian Zammit, l-istess Maria Attard trasferit favur bintha oħra, Carmen Cauchi u r-raġel tagħha Peter Paul Cauchi:

[…] (i)*l-kwota ta' kwart (1/4) indiviż tal-fond identifikat bin-numru tnejn (2) u magħruf bħala 'ta' Rendu', fi Triq San Gakbu, Nadur, Għawdex, bl-ambjenti kollha tiegħu, inkluż bl-art kollha annessa; u liema kwota mill-istess fond qiegħda tigi stmata mill-partijiet bil-valur ta' tmint'elef Euro (8,000 Euro). Jigi dikjarat li dan it-trasferiment qiegħed isir mit-trasferent* – Maria Attard – *a favur l-akkwirent* – il-konjuġi Cauchi*, a saldu u in pjena sodisfazzjon tas-servigi, kuri u assistenzi rezi mill-akkwirent favur it-trasferent matul dawn l-ahhar hmistax (15)-il sena, u in sodisfazzjoni tas-servigi li se jirrendu l-akkwirenti lit-trasferent sal-ahhar nifs ta' ħajjitha.*

*Dan it-trasferiment b'titolu ta' datio in solutum hawn fuq deskritt, qiegħed isir hekk kif soggett għal pattijiet u kundizzjonijiet segwenti:-*

> *i Il-partijiet jiddikjaraw illi l-estimi hawn fuq ddikjarat huwa valur gust u reali, u liema dikjarazzjoni qiegħda ssir wara li n-Nutar sottofirmat wissiehom dwar l-importanza tal-veracita' ta' tali estimi u dikjarazzjonijiet.*[128]

v. Għalkemm ma' ngibx ċertifikat ta' mewt in atti, jirriżulta li Maria Attard mietet intestata nhar il-21 ta' April, 2015 fl-eta' ta' tlieta u tmenin (83) sena. Dan skond ma' ġie dikjarat mill-atturi fil-premessa

---

[127] Ref.: kopja tal-kuntratt ta' kompravendita' a fol 12 *et seq.*
[128] Ref.: kopja tal-kuntratt ta' *datio in solutum* a fol 17 *et seq.*

numru tmienja (8) tar-rikors ġuramentat tagħhom liema premessa ġiet konfermata bħala mhix kontestata mill-konvenuti permezz tal-paragrafu numru erbgha (4) ittra "a" tar-risposta ġuramentata tagħhom;

vi. L-atturi jsostnu li l-kuntratti ta' kompravendita' tas-26 u tad-29 ta' April, 2010, it-tnejn in atti Nutar Maria Vella Magro jsemmu self ta' flus da parti ta' Grace Farrugia a favur Maria Attard li skonthom qatt ma' seħħ. Isostnu wkoll li l-kuntratt ta' *datio in solutum* tat-2 ta' April, 2012 in atti Nutar Christian Zammit ma' jirriflettix il-valur reali tal-proprjeta' hemm trasferita u l-anqas ma' jirrifletti l-valur tas-serviġi reżi mill-konjuġi Cauchi.[129] Iżidu għalhekk li l-intenzjoni vera tal-partijiet kontraenti f'dawk l-atti ma' kienitx ta' kompravendita' jew *datio in solutum* iżda l-istess kuntratti huma simulati bl-intenzjoni kienet li jsiru donazzjonijiet.

Jirriżulta għalhekk ċar li l-atturi ppromwovew l-azzjoni li wasslet għal din id-deċiżjoni abbażi tal-fatt li l-kunsens tal-partijiet kontraenti fit-tlett kuntratti in mertu kien simulat in kwantu l-intenzjoni ma' kienitx dik ta' trasferiment b'titolu oneruż – bejgħ jew *datio in solutum* – iżda ta' trasferiment b'titolu gratuwitu – donazzjoni. L-atturi bbażaw għalhekk il-pretensjoni tagħhom fuq is-simulazzjoni tan-negozju ġuridiku.

"Simulazzjoni" tfisser diverġenza li l-partijiet relattivi riedu bejn l-intenzjoni proprja tagħhom u l-manifestazzjoni tagħha fl-atti pubbliċi in mertu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

It-tlett kuntratti in mertu, kif iċċitati estensivament hawn aktar 'il fuq, jagħmlu ċar li t-trasferimenti tal-proprjeta' immobbli saru:

**Fil-każ tal-konjuġi Farrugia** minħabba ħlasijiet varji li Grace Farrugia – l-akkwirent – allegatament għamlet a favur ta' ommha Maria Attard – it-trasferent.

[129] Ref.: il-hames (5) u s-seba' (7) premessi tar-rikors guramentat.

M'huwiex interament ċar jekk realment, u mhux limitatament għal dak dikjarat fl-atti ta' kompravendita' in mertu, il-kuri, assistenzi, u serviġi reżi ġewx kompletament esklużi fil-kalkolu magħmul sabiex ġie meqjus jekk il-valur attribwit lill-proprjeta' trasferita kienx nieqes, sufficjenti, jew jistgħax jitqies eċċessiv fid-dawl tal-fatt li bih it-trasferent riedet tikkumpensa lil bintha Grace Farrugia.

Dan stante li filwaqt li l-att tas-26 ta' April, 2010 jitkellem speċifikatament dwar *"diversi sommom ta' flus mislufa lilha* – lil Maria Attard – *matul iż-żmien, minn bintha Grace"* u ma' jgħid xejn dwar kuri, assistenzi u serviġi reżi; it-tieni att tad-29 ta' April, 2010 huwa skjet f'li jeskludi tali kuri, assistenzi, u serviġi reżi billi jżid u jagħmel ċar li *"il-Venditrici* - Maria Attard – *tagħmilha ċara li l-imsemmi self ta' flus ma' jkopriex l-valur ta' kuri, servigi u assistenzi rezi lill-istess Venditrici matul is-snin minn bitnha Grace"*. Dan mentri fix-xhieda tagħha mogħtija fil-proċeduri numru 31/2012 JD, l-atti ta' liema ġew allegati ma dawk ta' din id-deċiżjoni, Maria Attard xehdet li t-tali kuntratti riedet tagħmilhom hi stess sabiex tikkumpensa lil bintha Grace ta' kull ma' kienet tagħmel magħha.[130]

**Fil-kaz tal-konjuġi Cauchi**, sabiex it-trasferent – Maria Attard – ikkumpensat lill-akkwirenti konjuġi Cauchi *"in pjena sodisfazzjon tas-servigi, kuri u assistenzi rezi mill-akkwirent favur it-trasferent matul dawn l-ahhar hmistax (15)-il sena, u in sodisfazzjon tas-servigi li se jirrendu l-akkwirenti lit-trasferent sal-ahhar nifs ta' ħajjitha"*.

Tul il-gbir tal-provi fil-proċess li wassal għal din id-deċiżjoni, l-atturi għamlu ħafna allegazzjonijiet kemm dwar nuqqasijiet li jattribwixxu lil Grace Farrugia fil-kura minnha ta' ommhom Maria Attard kif ukoll li ebda self ta' flus qatt ma' sar mill-istess Grace Farrugia li jista' jiġġustifika l-kwantifikazzjoni skonthom eżorbitanti ta' EUR 220,000 li tirriżulta fl-att ta' kompravendita' tad-29 ta' April, 2010.

Dan apparti, dwar il-kuntratti li bihom oħtom Grace Farrugia akkwistat mingħand ommhom Maria Attard m'għamlu ebda allegazzjoni li l-prezz hemm attribwit lill-proprjeta' trasferita kien wieħed li ma' jirriflettix il-valur reali tal-istess proprjeta'.

[130] Traskrizzjoni tax-xhieda a fol 39 tal-process allegat kif anke sintesizzata fil-*footnote* numru 8 ta' din id-decizjoni.

Tali allegazzjoni għamluha, iżda, rigward il-valur attribwit lill-proprjeta' li ġiet trasferita favur ta' oħthom l-oħra, Carmen Cauchi, mill-istess ommhom Maria Attard, fejn żiedu wkoll jgħidu li l-istess Cauchi ċertament li ma' irrenditx kuri, assistenzi, u serviġi fil-valur hemm attribwit lill-proprjeta'.

Il-binarji hawnhekk huma għalhekk tnejn, ossia:

- Fuq naha waħda, din il-Qorti trid tqis il-valuri attribwiti lill-proprjetajiet varji li ġew trasferiti bil-kuntratti in mertu; kemm jekk l-atturi għamlu allegazzjoni dwar nuqqasijiet fl-istess o meno, u dan għaliex tali eżerċizzju sejjer imbagħad jgħin lil din il-Qorti tiddeċiedi jekk fil-kuntratti in mertu kienx hemm tassew simulazzjoni, għalmenu in parte, u;

- Fuq in-naħa l-oħra din il-Qorti trid ukoll tqies jekk hux tassew minnu li Grace Farrugia silfet xi flejjes lil ommha Maria Attard u jekk hux ukoll minnu li Carmen Cauchi rrendiet kuri, serviġi u assistenzi lil ommhom. Fl-affermattiv, trid imbagħad tikkonstata jekk għal tali self, kuri, serviġi u assistenzi tali aħwa Farrugia u Cauchi ġewx raġjonevolment kumpensati bit-trasferimenti magħmulha bil-kuntratti in mertu. Dan billi tikkunsidra jekk l-valuri hemm attribwiti lill-istess self, kuri, serviġi, u assistenzi kif ukoll lill-proprjetajiet trasferiti kienux ġusti sabiex il-valur tal-proprjetajiet ikopri il-kumpens debitament dovut, jew jeċċedix l-istess.

Referenza hawnhekk issir għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Ġunju, 1954[131] fl-ismijiet ***Vincenzo Debono vs Nutar Dottor Vincent Gatt nomine*** fejn ġie ritenut:

> *Kwantu għall-intenzjoni tal-kontraenti, din tista' tirrizulta mill-fatt inniffsu ta' l-eċċess fil-valuri assenjati u tifforma oggett tal-meritu nvolut fil-kawża.*

Hekk ukoll fid-deċiżjoni mogħtija mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar it-28 ta' Frar, 1985 fl-ismijiet ***Joseph Vassallo et vs Carmelo Vassallo et*** fejn ġie ritenut:

[131] Vol. XXXVIII.ii.513.

*Hija korretta l-premessa tiegħu illi l-fattur rilevanti u spiss determinanti f'kazi simili huwa l-valutazzjoni tal-fond trasferit u kif dan jikkompara mal-prezz attwalment imħallas.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Jannar, 1945 fl-ismijiet ***Oscar Sammut nomine vs Anthony Ellul et***, ġie ritenut li ftehim għandu jitqies simulat meta:

*Bil-volonta' tal-persuni li ħadu parti fih ikollu sinjifikat apparenti diversa minn dak li realment għandu* […]. *Din* ***is-simulazzjoni tista tkun assoluta jew totali****, bħal meta l-partijiet ma' riedu jagħmlu ebda att guridiku,* ***jew relattiva jew parzjali****, bħal meta jigi konkluz att guridiku vera u reali, iżda taht falza apparenza li tahbi l-vera natura tiegħu.*

[emfazi ta' din il-Qorti]

F'din l-istess deċiżjoni hawn iċċitata, filwaqt li għamlet referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-20 ta' Mejju, 1932 fl-ismijiet ***Schembri vs Schembri***, il-Qorti adottat il-fehma li:

[…] *fil-kazi li l-kuntratti jigu attakkati bħala simulati, anki meta ikunu atti b'titolu gratuwitu, il-prova tas-simulazzjoni għandha ssir minn għand min jallegaha.*

Fejn si tratta minn "simulazzjoni relattiva", il-kuntratt m'huwiex null imma jiġi dikjarat x'kienet il-vera ntenzjoni tal-partijiet hemm kontraenti. Għalhekk, l-att jibqa' validu *"se simulate la causa ed il titolo del contratto, i contraenti intendevano compiere un' atto non riprovato dalla legge"*.[132]

Kif ġie tajjeb osservat fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Ottubru, 1950 fl-ismijiet ***Esther Pace et vs Mary Lauri et***:

*L-azzjoni li għandha bħala bazi s-simulazzjoni assoluta għandha bħala skop id-dikjarazzjoni ta' l-inezistenza assoluta ta' l-att;* ***dik li għandha bħala***

[132] Ref.: Vol. XVI.ii.332.

> ***bazi s-simulazzjoni relattiva għandha bħala skop illi tigi restitwita r-realta' ta' l-att u mnehhija l-forma apparenti tiegħu**.*
>
> [emfazi ta' din il-Qorti]

Jingħad ulterjorment li hekk kif ġie ritenut fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Novembru, 2004 fl-ismijiet ***Mary Rose Vella et vs Michael Vella et***, fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex tiddikjara li kuntratt ta' *datio in solutum* kien sostanzjalment donazzjoni simulata taħt l-apparenza ta' trasferiment oneruż:

> *F'tali cirkostanzi jirrizulta għalhekk illi, safejn il-fond in kwistjoni kien jiswa hamest elef lira Maltija (Lm5,000) aktar milli ġie dikjarat illi kien il-valur tas-servigi rezi mill-konvenut Michael Vella lil ommu, kien hemm donazzjoni simulata tal-valur ta' din is-somma fuq il-kuntratt kontestat.* ***Għaldaqstant il-kuntratt in kwistjoni għandu jitqies bħala donazzjoni simulata safejn jeċċedi l-ammont dikjarat fuq l-istess kuntratt****.*
>
> [emfazi ta' din il-Qorti]

Din id-deċiżjoni hawn l-ahhar iċċitata ġiet revokata fl-istadju tal-appell in kwantu l-Qorti tal-Appell irriteniet li l-ewwel Qorti kienet waslet għall-konklużjoni erronja meta spezzettat l-att in mertu quddiemha bħala in parte oneruż ossia remuneratarju għal serviġi reżi u in parte donazzjoni.

Il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni mogħtija minnha nhar it-28 ta' Settembru, 2007 irriteniet fil-fatt li *"kuntratt jew hu simulat jew m'huwiex"*. B'dan iżda li, sabiex waslet għal tali konklużjoni tagħha, l-istess Qorti tal-Appell għamlet referenza għas-sentenza mogħtija minnha stess nhar l-10 ta' Novembru, 1961 fl-ismijiet ***Michele Mifsud vs Giorgia Mifsud et*** fejn kien ġie ritenut li l-azzjoni ta' simulazzjoni hi ndiviżibbli u r-riżultat tagħha hu l-annullament fl-intier tiegħu tal-att impunjat.

Jirriżulta pero' li f'tali deċiżjoni hawn fuq l-aħħar iċċitata, il-Qorti kienet ibbażat l-intendiment tagħha fuq estratt mill-ktieb tal-Professur Antonio Butera, ossia, il-ktieb *Della Simulazione dei Negozi Giuridici* ppubblikat fl-1936.

Jingħad iżda li kienet korretta l-ewwel Qorti fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-26 ta' Novembru, 2004 b'dan li huwa possibbli li jkun hemm negozju mist, fejn in parte jkun oneruz u in parte jkun gratuwitu – l'hekk imsejjaħ *negotium mixtum cum donatione*.

Infatti, l-istess awtur Butera fil-paragrafu ta' wara dak li kien iċċitat mill-Qorti tal-Appell kif hawn aktar 'il fuq ingħad isostni li f'tali ċirkostanzi:

> *Taluni, muovendo dal principio che l-azione di simulazione e' indivisibile, ritengono che e' destinato a cader tutto nel nulla, in base al noto dettame: bonum ex integra causa, malum ex quocumque defectu. Tale soluzione non e' attenibile. In base al principio che utile per inutile non vitiatur, nel negotium mixtum cum donatione si deve sceverare la parte di prestazione, rispondente all controprestazione, dell'eventuale eċċedenza, che non ha corrispottevo. Sino alla misura in cui le due prestazioni si corrispondono, il negozio e' a titolo oneroso e non si fa luogo, tra l'altro, alla collazione (art. 1001. Cod. Civ.). Nel caso in cui tra le due prestazioni vi sia sproporzione, l'eċċedenza somministrata materiale ad una donazione indiretta e, pero', il negozio prende norma dalle disposizioni degli atti a titolo gratuito, per quanto le medesime son appliċabili. Per accertare ai fini della collazione se una convenzione onerosa, a causa di sproporzione di corrispettivo, costituisce invece un negotium mixtum e quindi donazione indiretta dell'eventuale eċċedenza, occorre valutare i cespiti trasferiti in relazione al tempo del contratto.*[133]

Din il-Qorti taqbel ma' din il-fehma u għalhekk issostni li jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn kuntratt m'huwiex għal kollox oneruż iżda huwa in parte gratuwitu.

Minn hawn jitnissel il-fatt li għalkemm negozju jista jidher bħala oneruż, jista jagħti l-każ li jkun qiegħed jissimula warajh negozju mist in kwantu jkun in parte oneruż u in parte gratuwitu.

Dan il-kunċett ta' negozju mist ġie eżaminat diversi drabi mill-Qrati nostrani.

Hekk per eżempju fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-31 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Hal Mann Limited*** f'każ ta' appalt fejn kuntrattur jintraprendi opra li fiha

[133] Ref.: *Della Simulazione dei Negozi Giuridici*, 1936, pagna 240.

jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, imma anke jfornixxi l-materjal, bl-appalt ġie meqjus bħala affini għall-bejgħ.

Similarment, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Gunju, 2006 fl-ismijiet ***Emanuel Ellul vs John Ellul et*** fejn il-Qorti, wara li kkunsidrat id-diskrepanza fil-prezz dikjarat fil-kuntratt u l-valur tal-proprjeta' kif stmata mill-perit tekniku, għaddiet biex tikkunsidra jekk il-kuntratt ta' bejgħ kienx fir-realta' *"għal kollox b'titolu gratuwitu, jew kinitx biss in parte b'titolu gratuwitu għax tħallas għall-inqas il-prezz li deher fuq il-kuntratt, għalkemm dan ma kienx daqskemm kienet tiswa tassew il-proprjeta'"*. Il-Qorti hawnhekk waslet għall-konklużjoni li d-disposizzjoni kienet għal kollox b'titolu gratuwitu.

Hekk ukoll fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Ġunju, 1954 fl-ismijiet ***Vincenzo Debono vs Nutar Dr. Vincent Gatt nomine***,[134] fejn il-Qorti kkonfermat li jista' jkollok kuntratt li jkun mist bl-element ta' l-onerożita' u ta' liberalita', u għalhekk parti minnu jkun donazzjoni.

Rilevanti wkoll id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Mejju, 1982 fl-ismijiet ***John Abela et vs Giovanna Abela et*** u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell nhar l-24 ta' Jannar, 1986, fejn ġie ritenut li l-kuntratt ta' bejgħ ta' ishma f'kumpannija ma' kienx sostanzjalment donazzjoni iżda kien wieħed mist, li fih kienu jeżistu elementi ta' onerosita' kif ukoll ta' donazzjoni parzjali li ġiet kwantifikata mill-istess Qorti. Il-Qorti ta' l-Appell kompliet sabiex osservat li:

> *Dawn il-Qrati diġa' kellhom okkazzjoni jippronunzjaw rwiehhom fis-sens li meta hemm l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati u dan f'miżura konsiderevoli jista' jissussisti fl-istess kuntratt l-element ta' onerosita' u ta' liberalita' u dan ma jgibx in-nullita' tal-kuntratt – ikun hemm il-parti oneruza u l-parti li tammonta għal donazzjoni.*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, u tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ li wasslu għal din id-deċiżjoni, li wieħed jargumenta mod ieħor ikun ifisser li d-drittijiet kemm ta' dawk li jirrendu s-serviġi kif ukoll tal-werrieta jistgħu jiġu faċilment elużi: minn min ikun irrenda xi forma ta' serviġi billi jingħata proprjeta' bi ħlas li tkun tiswa ferm aktar mill-valur tas-serviġi

[134] Vol. XXXVIII.ii.513.

reżi u mill-eredi billi jannullaw kuntratt li jkun, għalmenu in parte, ġust u meritevoli favur min ikun irrenda s-serviġi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Applikati dawn il-principji dottrinali u tal-ġurisprudenza nostrana għall-każ odjern, din il-Qorti hija ben konvinta' li kemm il-konvenuta Grace Farrugia kif ukoll il-konvenuta Carmen Cauchi irrendew serviġi, kuri, u assistenzi lil ommhom Maria Attard fuq medda twila ta' snin, liema serviġi, kuri, u assistenzi kienu lkoll aktar imtaqqlin in forza tal-fatt li l-imsemmija omm kien ilha snin twal issoffri mill-effetti ta' puplesija – *stroke* – inkluż nuqqas totali tal-mobilita' fiżika.

Mill-assjem tal-provi in atti jirriżulta fil-fatt li l-imsemmija omm, Maria Attard, soffriet puplesija fis-sena 1994, hekk kif jixhdu d-diversi familjari tagħha.

Fil-bidu, żewġha Pietro Paolo li kien għadu ħaj kien jgħati daqqa t'id fil-bżonnijiet kollha ta' martu Maria lil bintu Grace Farrugia li dak iż-żmien kienet diġa' tgħin lill-ġenituri tagħha fil-forn li kellhom biswit darhom fi Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex. Dan ilkoll jirriżulta mill-provi in atti a sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

Il-konvenuta l-oħra, Carmen Cauchi, fiż-żmien li lil ommha tagħta l-puplesija kien għadha tgħix fl-esteru iżda xehdet konvinċentement li immedjatament meta ommha sfat vittma tal-puplesija niżlet Għawdex sabiex tgħin kif tista' b'dan li sentejn wara, fl-1996, niżlet Għawdex għal kollox sabiex tkun hekk tista tassisti lil oħtha Grace u lil missierhom fil-bżonnijiet ta' ommhom.

Missier il-partijiet kontendenti għajr il-konvenuti John Farrugia u Peter Paul Cauchi, ossia r-raġel ta' Maria Attard, Pietro Paolo Attard, miet fl-10 ta' April, 2003.[135] Mill-ġurnata tal-mewt tal-missier 'il quddiem l-iskariġġ tax-xogħol kemm fil-forn tal-familja kif ukoll dak relattiv għall-bżonnijiet ta' Maria Attard waqa' kollu fuq Grace Farrugia, bl-għajnuna ta' oħtha Carmen Cauchi u, limitatament, ta' ħuha Alfred Attard biss fejn jitratta l-ħtiġijiet tal-omm.

---

[135] Dan kif jirrizulta, *inter alia*, mill-kopja tac-certifikat tal-mewt numru 101/2003 li jindika li Pietro Paolo Attard miet nhar l-10 ta' April, 2003 a fol 288. Ref. ukoll: ricerka testamentarja fuq Pietro Paolo Attard a fol 293 u 294.

Dan ukoll jirriżulta mill-provi in atti partikolarment mix-xhieda ndipendenti li tressqu quddiem din il-Qorti.[136] L-atturi, għalkemm jidhru jagħmlu xi allegazzjonijiet dwar nuqqasijiet fil-kura ta' ommhom, liema nuqqasijiet jattribwixxu lil Grace Farrugia, anqas jinnegaw li kienet biss Grace li kienet konsistentement tieħu ħsieb lill-ommhom. Jittentaw iżda jgħidu li huma wkoll – għalmenu l-atturi Jack u Rita – kienu jagħtu daqqa t'id.[137]

Dan mingħajr xejn ma' jingħad li f'dan il-każ, din il-Qorti kellha l-fortuna li taqra xhieda varja mogħtija minn Maria Attard stess, kemm dik li ttieħditilha b'żewġ affidavits[138] kif ukoll dik li ngħatat minnha fi proċeduri ġudizzjarji oħrajn, l-atti proċesswali ta' liema ġew inklużi fil-proċess ta' din id-deċiżjoni jew allegati miegħu.[139] Minn tali xhieda ta' Maria Attard jirriżulta indubbjament li kienu dawn it-tlett aħwa – Grace, Carmen, u Alfred – li kienu qed iduru b'Maria Attard b'mod kostanti.

Testment illi Grace Farrugia, bl-għajnuna ta' ħutha Carmen Cauchi u Alfred Attard kienet qiegħda trendi serviġi, kuri, u assistenzi b'mod tajjeb lil ommha Maria Attard huwa l-fatt ikkonfermat li Maria Attard, meta suġġetta għall-ordni mogħtija minn Qorti Kriminali sabiex tiġi nvistata minn *social worker* maħtur mill-istess Qorti, instabet kuntenta fiċ-ċirkostanzi tagħha, f'darha, u b'min kien idur biha kif ukoll fi stat ta' iġjene personali tajjeb.[140] Oltre minn hekk, fis-snin kollha li għamlet tbagħti mill-effetti tal-puplesija li tagħta, inkluż in-nuqqas ta' mobilita' fiżika li kkonfinata għal ġo sodda u pultruna, qatt ma' ddaħlet sptar, imqar b'xi feriti tas-sodda.[141]

---

[136] Ref.: *inter alia*, ix-xhieda ta' Dun Salv Pace a fol 64 *et seq*, ta' Carmela sive Carmen Muscat a fol 154 *et seq* u partikolarment fl-affidavit tagħha a fol 476 *et seq*, tat-tabib John Xuereb a fol 254 *et seq*, ta ħut Maria Attard stess, Rita Farrugia a fol 359 *et seq*, u Concetta Buttigieg a fol 361 *et seq*, u ta' Theresa Goodall a fol 362 *et* seq. Ref. ukoll ir-rapporti tas-*social workers* mahtura fil-proceduri kriminali – kopja tal-atti ta' liema ġew inkluzi f'dawk tal-process ta' din id-decizjoni – li wkoll tkellmu ma' Maria Attard nfisha – rapport a fol 398 *et seq* u iehor a fol 410 *et seq*. Jammettuh ukoll bint l-attrici Rita Grech, Silvana Mizzi fl-affidavit tagħha a fol 90 *et seq* u partikolarment in kontro-eżami a fol 515a *et seq*, il-konvenut Alfred Attard fix-xhieda moghtija minnu a fol 205 *et seq*, partikolarment fix-xhied minnu moghtija in kontro-eżami a fol 232 *et seq*, l-atturi stess – ref.: xhieda ta' Jack Attard, partikolarment dik in kontro-eżami a fol 330 *et seq* u dik ta' Rita Grech partikolarment in kontro-eżami a fol 312 *et seq*.

[137] Ref.: *inter alia*, ix-xhieda ta' l-atturi Jack Attard a fol 42 *et seq* u Rita Grech a fol 53 *et seq*.

[138] Ref.: affidavit a fol 434 *et seq* u iehor a fol 478 *et seq*.

[139] Ref.: ix-xhieda moghtija minn Maria Attard nhar il-15 ta' Gunju, 2012 fl-atti tal-kawza numru 31/2012 liema atti ġew allegati ma' dawk ta' din id-decizjoni, bix-xhieda giet ukoll sintesizzat f'din id-decizjoni – ref.: *footnote* numru 8 – kif ukoll dik moghtija wkoll minn Maria Attard fil-proceduri kriminali li wasslu ghad-decizjoni tat-12 ta' Ottubru, 2012, kopja tat-traskrizzjoni taghhom tinsab a fol 376 *et seq* tal-process ta' din id-decizjoni.

[140] Ref.: l-atti processwali tal-procedimenti kriminali mehudha mill-Ispettur Josric Mifsud li waslu ghad-decizjoni tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-12 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputati relattivi ġew mehlusa mill-akkuza ta' mohqrija kontra ommhom Maria Attard li jinsabu a fol 367 *et seq*.

[141] Fattur li kkonfermaw ukoll, *inter alia,* l-attur Coronato Attard fil-kontro-eżami tieghu a fol 521 *et seq,* Silvana Mizzi, bint l-attrici Rita Grech, fix-xhieda tagħha in kontro-eżami a fol 515a *et seq*, ħut Maria Attard, Rita Farrugia a fol 359 *et seq*, u Concetta Buttigieg a fol 361 *et seq* kif ukoll it-Tabib John Xuereb fix-xhieda tieghu a fol 254 *et seq*.

Huwa għalhekk verosimili li Maria Attard setgħet ħasset li riedet tikkumpensa lil uliedha li hekk dahru biha, ossia lil Grace Farrugia, Carmen Cauchi, u Alfred Attard mentri setgħet ma ħassitx l-istess fil-konfront ta' uliedha l-oħrajn, kemm għax baqgħu s-safar jew għax, filwaqt li kienu Għawdex, ma' prestawlhiex tant għajnuna daqs kemm prestawlha dawn it-tlieta.

Mhux biss dan huwa verosimili iżda kif ingħad, dan ikkonfermatu hi stess fix-xhieda mogħtija minnha kemm fil-proċeduri kriminali li kopja tal-atti tagħhom jinsabu fl-atti ta' din l-istanza a fol 367 *et seq*,[142] kemm fil-proċess tal-kawża numru 31/2012 JD, l-atti ta' liema ġew allegati ma' dawk ta' din l-istanza,[143] kif ukoll fid-dikjarazzjonijiet varji li għamlet l-istess Maria Attard quddiem in-Nutar Maria Vella Magro u n-Nutar Christian Zammit li dderiġew it-tlett kuntratti in mertu.[144]

Hawnhekk, Maria Attard dehret tixhed, tirrepeti, u tinsisti li uliedha li kienu u baqgħu jduru biha kienu t-tlieta msemmija; Grace, Carmen, u Alfred tant li lilhom it-tlieta xtaqet tikkumpensa iżda Alfred iddeċiedha li ma' jaċċettax li jkun kumpensat.

Li tali tlett aħwa kienu dawk li fil-fatt l-aktar li waqa' xogħol fuqhom u rrendew serviġi, kuri, u assistenzi lil Maria Attard mhuwiex anqas kontradett mill-atturi li jammettu li dawn l-aħwa kienu l-aktar li ħadu ħsieb tal-bżonnijiet ta' ommhom Maria Attard iżda – kif diġa' ingħad; għalmenu l-atturi Jack Attard u Rita Grech bħal jittentaw jinsistu li huma wkoll kienu jagħtu daqqa t'id.[145]

Jingħad li ftit li xejn hemm provi dwar kemm kienu jagħtu daqqa t'id o meno tali ulied oħra ta' Maria Attard – u m'hemm ebda prova ndipendenti bħal ma' hemm fil-każ tal-aħwa Grace, Carmen, u Alfred. Dak li huwa iżda rilevanti huwa l-fatt li Maria Attard innfisha, fejn hija ingħatat l-opportunita' tagħti l-verzjoni tagħha, liema verżjoni kienet fortunatament disponibbli għall-iskrutinju ta' din il-Qorti kif diġa' ingħad, dejjem insistiet li l-ulied tagħha li kienu jgħinuha b'mod regolari

[142] Ref.: ukoll ir-rapporti tas-*social workers* li wkoll tkellmu ma' Maria Attard nfisha – rapport a fol 398 *et seq* u iehor a fol 410 *et seq*
[143] Ref.: l-atti tal-kawza numru 31/2012 in partikolari x-xhieda moghtija minn Maria Attard nhar il-15 ta' Gunju, 2012 li tinsab traskritta a fol 39 *et seq* tal-atti processwali tal-istess kawza u sintesizzata f'din id-decizjoni – ref.: *foot note* numru 8.
[144] Ref.: affidavit ta' Maria Attard a fol 434 *et seq* u iehor a fol 478 *et seq.*
[145] Ref.: ix-xhieda ta' l-attur Jack Attard, partikolarment dik in kontro-eżami a fol 330 *et seq,* dik ta' Rita Grech partikolarment in kontro-eżami a fol 312 *et seq*, u dik ta' Coronato Attard fil-kontro-eżami tieghu a fol 521 *et seq.*

u kontinwu u li hija xtaqet għalhekk tikkumpensa kienu t-tlieta msemmija; Grace, Carmen, u Alfred.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Jibqa' għalhekk sabiex din il-Qorti tara jekk tali serviġi, kuri, u assistenzi reżi minn Grace u Carmen u li tagħhom ġew ikkumpensati minn ommhom Maria Attard kienux fil-fatt ta' natura u reġolarita' suffiċjenti sabiex jista' jingħad li l-prezz attribwit lilhom fil-kuntratti in mertu kien wieħed ġust u reali. Dan dejjm fid-dawl tal-valur attribwit lill-proprjetajiet li ġew trasferiti lilhom bħala kumpens.

Tali eżerċizzju m'għandux għalfejn isir fir-rigward tal-konvenut Alfred Attard stante li l-kuntratti in mertu kkontestati mill-atturi saru biss favur l-imsemmija Grace u Carmen.

***Rigward Grace Farrugia:***

Tul l-andament tal-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni, Grace Farrugia ddikjarat u elenkat dawk il-prestazzjonijiet li kienet tagħmel favur il-ħarsien u l-benessere ta' ommha Maria Attard.[146]

L-istess ommha Maria Attard ikkonfermat tali prestazzjonijiet fix-xhieda minnha mogħtija waqt il-proċeduri tal-kawża numru 31/2012 JD, l-atti proċesswali ta' liema ġew allegati ma' dawk ta' din id-deċiżjoni,[147] kif ukoll f'affidavit tagħha meħud minn-Nutar Maria Vella Magro u kkonfermat b'ieħor meħud minn-Nutar Christian Zammit.[148]

Li saru tali prestazzjonijiet da parti ta' Grace Farrugia ma' ġiex kontradett mix-xhieda ulterjuri li taw it-testimonjanzi tagħhom f'din l-istanza, inkluż ħutha l-oħrajn, l-atturi Jack Attard, Rita Grech, u Coronato Attard, in-neputija tagħha Silvana Miżzi, ħut ommha Rita Farrugia u Concetta Buttiġieg, u wisq anqas minn uliedha Christopher Farrugia u Bernardette Gatt.

---

[146] Ref.: xhieda tagħha partikolarment dik moghtija b'affidavit a fol 442 *et seq* u iehor a fol 490 *et seq.*
[147] Ref.: ix-xhieda moghtija minn Maria Attard nhar il-15 ta' Gunju, 2012 li tinsab traskritta a fol 39 *et seq* tal-istess atti processwali numru 31/2012 u sintesizzata f'din id-decizjoni fil-*footnote* numru 8.
[148] L-ewwel affidavit a fol 434 *et seq* u t-tieni a fol 478 *et seq.*

Minkejja dan, il-kuntratt ta' kompravendita' tad-29 ta' April, 2010 in atti Nutar Maria Vella Magro isemmi l-ammont ta' 'l fuq minn EUR 220,000 bħala *"flus mislufa s'issa lill-Venditrici"* – Maria Attard – minn Grace Farrugia. Ikompli mbagħad sabiex jeskludi minn tali ammont *"(i)l-valur ta' kuri, servigi u assistenzi rezi lill-istess Venditrici matul is-snin minn bintha Grace"*.

Magħdud dan, u tenut kont tat-talbiet mressqa mill-atturi f'din l-istanza, il-valur li jrid hawn jitqies fil-konfront ta' dak li ngħata lill-proprjetatjiet trasferiti lil Grace Farrugia minn ommha Maria Attard fiż-żewġ kuntratti in atti Nutar Maria Vella Magro, wieħed tas-26 ta' April, 2010 u ieħor tad-29 ta' April, 2010, kif hawn aktar 'il fuq estensivamet iċċitati, huwa allura dak ta' xi "self" li seta' sar minn Grace Farrugia lil ommha Maria Attard, kemm jekk dirett lilha jew *"sabiex tħallsu flejjes lill-terzi skond l-istruzzjonijiet u x-xewqat tal-Venditrici"*.[149]

Fit-tali kuntratti, is-sehem ta' nofs indiż tal-proprjeta' numru ghoxrin (20) u wieħed u ghoxrin (21), Triq San Gakbu, in-Nadur ġie valutat għal EUR 70,000 mentri s-sehem ta' kwart indiviż fil-proprjeta' numru tnejn (2), "Ta' Rendu", fl-istess Triq San Gakbu ġie valutat fl-ammont ta' EUR 7,000.

Tenut kont tal-fatt li: ħadd mill-partijiet atturi ma' ressaq stima peritali li tista turi li tali valuri ma' kienux reali, u; tal-fatt li fiż-żewġ kuntratti in mertu l-partijiet kontraenti ddikjaraw [**i**] li n-nutar spjegatilhom l-importanza tal-veraċita' dwar il-prezz bonarjament konvenut bejniethom;[150] [**ii**] li l-proprjeta' numru għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21) ġiet trasferita soġġett għad-dritt ta' l-użu u l-abitazzjoni *vita durante* ta' Maria Attard u binha Frankie Attard;[151] [**iii**] li kull proprjeta', kemm dik numru għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21), kif ukoll dik numru tnejn (2) magħrufa "Ta' Rendu" ġew trasferiti suġġett għar-restrizzjoni ta' bejgħ tagħhom bi kwalunkwe' titolu lill-terzi persuni li mhumiex dixxendenti ta' Maria Attard jew wieħed lill-iehor mill-kompraturi akkwirenti,[152] u; [**iv**] li fuq kollox, anqas hemm talba għal dan il-għan da parti tal-atturi odjerni – hemm biss il-premessa numru sebgha (7) fir-rikors ġuramentat ta' l-atturi, u din limitatament għas-sehem mill-proprjeta' numru tnejn (2), "Ta' Rendu" trasferit lill-konjuġi Cauchi, mhux ukoll għal dak is-sehem mill-istess proprjeta' trasferit lill-konjuġi Farrugia; din il-Qorti m'għandix

[149] Citazzjoni mill-att ta' kompravendita' tad-29 ta' April, 2010.
[150] Ref.: klawsola a fol 9 fl-att tas-26 ta' April, 2010 u klawsola a fol 14 fl-att tad-29 ta' April, 2010.
[151] Ref.: klawsola numru 1 a fol 8 fl-att tas-26 ta' April, 2010.
[152] Ref.: klawsola numru 6 a fol 8 fl-att tas-26 ta' April, 2010 u klawsola numru 5 a fol 13 fl-att tad-29 ta' April, 2010.

raġuni tikkonkludi li l-prezz bonarjament konvenut għall-proprjetajiet relattivi trasferiti minn Maria Attard lill-konjuġi Farrugia kien wieħed mhux reali.

Jibqa' allura sabiex din il-Qorti tikkumpara l-prezzijiet attribwiti lill-proprjetajiet trasferiti lill-konjuġi Farrugia mal-valur attribwit lill-ħlasijiet magħmulha minn Grace Farrugia għan-nom u/jew fuq struzzjonijiet ta' ommha Maria Attard; stante li jidher li l-kuri, serviġi, u assistenzi ġew esklużi minn tali valur fil-kuntratti in mertu.

Jingħad hawnhekk li fl-affidavit rilaxxat mill-istess Grace Farrugia quddiem in-Nutar Maria Vella Magro nhar it-22 ta' April, 2010, erbat' ijiem qabel sar l-ewwel kuntratt, inħadmu diversi cifri li ma ġew bl-ebda mod ikkontestati jew kontradetti mill-atturi.[153]

Oltre min-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-atturi, hu l-partijiet *ivi* kontendenti għajr John Farrugia u Peter Paul Cauchi, ossia Frankie Attard - li naqas qabel ġiet intavolata l-kawża li wasslet għal din id-deċiżjoni - ikkonferma l-affidavit imsemmi ta' oħtu Grace Farrugia, inkluż fih il-parti relattivi għall-ħlasijiet magħmula lilu minn oħtu Grace Farrugia. Dan b'affidavit tiegħu ukoll rilaxxat quddiem in-Nutar Maria Vella Magro nhar it-22 ta' April, 2010.[154]

Maria Attard infisha, fix-xhieda minnha mogħtija fil-proċeduri numru 31/2012 JD kif ukoll fl-affidavit rilaxxat minnha quddiem in-Nutar Maria Vella Magro ikkonfermat dawk l-ispejjeż li kienet tagħmel bintha Grace a benefiċċju tagħha, inkluż favur ħlasijiet magħmula lil binha – iben Maria – Frankie Attard.[155]

Minn tali dikjarazzjonijiet ta' Maria Attard, Grace Farrugia, u Frankie Attard, jirriżulta li sad-data li fih sar l-affidavit ta' Grace Attard quddiem in-Nutar Maria Vella Magro, ossia sat-22 ta' April, 2010, Grace kienet diġa' ħallset lil ħuha Frankie Attard f'somom ġornaljeri hemm indikati u fuq struzzjonijiet ta' ommha Maria Attard is-somma ta' EUR 78,000. Dan għad esklużjoni ta' spejjeż oħra li hemm imnissla fl-istess affidavit. Tenut kont ukoll li sakemm Frankie Attard kien għadu ħaj, preżumibilment baqa' jirċievi ħlasijiet ġornaljeri mingħand oħtu.

[153] Affidavit a fol 442 *et seq*.
[154] Affidavit a fol 438.
[155] Ref. affidavit a fol 434 *et seq* u x-xhieda sintesizzata fil-*foot note* numru 8 ta' din id-decizjoni.

Tali valur waħdu, li ċertament jinkwadra perfettament bħala ħlas magħmul minn Grace Farrugia ta' *"flejjes lill-terzi skond l-istruzzjonijiet u x-xewqat tal-Venditrici"* ossia, ta' Maria Attard kif irid l-att ta' kompravendita' tad-29 ta' April, 2010; diġa' jeċċedi l-valuri mogħtija lill-proprjetatjiat trasferiti lil Grace Farrugia minn ommha biż-żewġ kuntratti tas-26 u tad-29 ta' April, 2010 in atti Nutar Maria Vella Magro, li fl-intier tagħhom jammontaw għal EUR 77,000.

Magħdud dan, u minkejja s-sottomissjonijiet li għamlu l-atturi dwar l-esklużjoni tal-kuri, assistenzi, u serviġi reżi mill-valur kontemplat fl-att tad-29 ta' April, 2010 fl-ammont ta' EUR 220,000; din il-Qorti ma' tistax għalhekk tqies li l-kuntratti tas-26 u tad-29 ta' April, 2010 in atti Nutar Maria Vella Magro li bihom akkwistat l-ishma fil-proprjetajiet hemm indikati Grace Farrugia - flimkien ma' żewġha John Farrugia - mill-poter ta' ommha Maria Attard jistgħu jitqiesu bħala donazzjonijiet simulati bħala negozju oneruż.

L-onerożita' ġiet debitament ipprovata a favur il-konvenuta Grace Farrugia. Jekk imbagħad jiġri li Grace Farrugia tittenta tmexxi għal xi bilanċ – kemm dwar flejjes akbar mħallsa f'isem ommha jew għal kuri, assistenzi, u serviġi reżi – dik tkun kwistjoni oħra u ndipendenti li Qorti mitluba tiddeċieda fuqha jkollha tissindika. Din il-Qorti ġiet biss rikjesta tikkunsidra u tiddeċiedi jekk il-kuntratti mpunjati jistgħux jitqiesu simulati, u jekk Maria Attard kellhiex dejn fil-konfront tal-konjuġi Grace u John Farrugia ai termini tad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess kuntratti - *sic et sempliċiter*.

Għal mertu ta' din l-istanza huwa ċar li l-valur attribwit lill-proprjetajiet trasferiti lil Grace Farrugia, liema valur ma' ġiex validament kontradett mill-atturi, wasal sabiex tassew kopra obbligazzjoni oneruża assunta mill-omm Maria Attard u għalhekk ma' jistax jingħad li ż-żewġ kuntratti in mertu huma ta' donazzjonijiet simulati.

***Rigward Carmen Cauchi:***

Fil-konfront tal-konvenuta Carmen Cauchi s-sitwazzjoni hija kemmxejn aktar faċli. Dan stante li l-kuntratt li bih l-istess Carmen akkwistat is-sehem relattivi mill-proprjeta' numru tnejn (2), "Ta' Rendu", Triq San

Gakbu, in-Nadur, Għawdex mill-poter ta' ommha Maria Attard kien wieħed ta' *datio in solutum* li sar speċifikatament sabiex l-istess Carmen tiġi kkumpensatat *"a saldu u in pjena sodisfazzjon tas-servigi, kuri u assistenzi rezi mill-akkwirent favur it-trasferent matul dawn l-ahhar hmistax (15)-il sena, u in sodisfazzjon tas-servigi li se jirrendu l-akkwirenti lit-trasferent sal-ahhar nifs ta' ħajjitha"*.

Kif diġa' ingħad hawn aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni, li Carmen irrendiet kuri, serviġi, u assistenzi, jinsab ippruvat a piena sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Oltre minn hekk, il-kontestazzjoni ta' l-atturi hawn mhijiex li Carmen ma' irrenditx kuri, serviġi, u assistenzi iżda li, skonthom, il-valur attribwit lill-proprjeta' mgħoddija lilha bħala kumpens għall-istess *"ma jirriflettix il-valur reali tal-proprjeta'"* u *"lanqas ma jirrifletti il-valur tas-servigi rezi minn Carmen Cauchi u żewġha"*.[156]

Jirriżulta li minkejja li l-atturi, fl-istadju bikri tar-rikors ġuramentat tagħhom, iddikjaraw li tali allegazzjoni tagħhom kienet ser tiġi stabbilita' *"tul il-kors tas-smigh tal-kawża bil-provi u bl-għajnuna ta' periti nominandi jekk ikun il-kaz"*; [157] l-atturi żvestew kompletament ruħhom milli jattakkaw il-valuri attribwiti fil-kuntratt tat-2 ta' April, 2012 in atti Nutar Christian Zammit kemm lis-serviġi, kuri, u assistenzi reżi minn Carmen kif ukoll lill-proprjeta' trasferita lilha b'kumpens għall-istess.

Infatti, tul l-andament tal-kawża li kien ilha għaddejja mill-2016 u ġiet biss iddifferita għad-deċiżjoni odjerna fil-5 ta' Diċembru, 2024;[158] l-unika kontestazzjoni relattiva għat-trasferiment magħmul lil Carmen u żewġha li saret mill-atturi kienet dwar l-involviment ta' Carmen fil-ħarsien ta' ommha Maria.

Din il-kontestazzjoni saret primarjament mix-xhud Silvana Miżżi li, f'affidavit magħmul minnha kif ukoll fil-kontro-eżami tagħha,[159] dehret talludi li fiż-żmien li hi għamlet taħdem fil-forn immexxi minn Grace Farrugia li għandu n-numru wieħed u għoxrin (21) fi Triq San Gakbu, in-Nadur, Għawdex, ossia bejn is-sena 2006 u dik 2010 hija qatt ma rat lil Carmen Cauchi lejn id-dar ta' nannitha Maria Attard li tinsab bieb ma' bieb u hija interkonnessa mall-istess forn.

---

[156] Ref.: seba' (7) premessa tar-rikors guramentat.
[157] Ref.: seba' (7) premessa tar-rikors guramentat.
[158] Verbal mhux paginat.
[159] Ref.: affidavit a fol 90 *et seq.*

B'dan iżda li Silvana Miżżi stess tammetti li hija rari kienet tkun fil-forn qabel l-10 ta' filgħodu u ġeneralment kienet tibqa' hemm sal-5pm jew is-6 ta' filgħaxija. Dan mentri Carmen Cauchi xehdet u nsistit li hija dejjem tard filgħaxija kienet tmur fejn ommha tgħin lil oħtha Grace u dan mis-6 ta' filgħaxija 'il quddiem għajr għall-perijodu meta hi u oħtha Grace kienu miksurin u kienet għalhekk tmur għand ommha lejn is-7:30 jew it-8 ta' filghodu sabiex tevita li tara lil Grace li kienet tasal lejn id-9 ta' filgħodu.[160]

Inoltre, Carmen Cauchi spjegat fid-dettal, u dan ġie korroborat minn xhieda ndipendenti inkluż ħut Maria Attard stess,[161] dak li hija kienet tagħmel għal ommha Maria Attard. B'dan ma' ġiex validament kontradett mill-atturi.

Huwa għalhekk ċar għal din il-Qorti li l-atturi ma' rnexxilhomx juru li Carmen Cauchi ma' irrenditx is-serviġi, kuri, u assistenzi neċessarji lill-ommha Maria Attard.

Dwar il-valur mogħti lil tali serviġi, kuri, u assistenzi, jirriżulta mill-att li bih akkwistat il-proprjeta' b'titolu ta' *datio in solutum* Carmen li tali serviġi, kuri, u assistenzi ġew mogħtija l-istess valur attribwit lill-proprjeta' akkwistata minnha, ossia dak ta' EUR 8,000.

Din il-Qorti tibda sabiex tosserva li, kif diġa' ingħad, minkejja l-fatt li l-atturi, ġja fl-istadju tar-rikors ġuramentat tagħhom, ippremettew li setgħa jiġi maħtur perit tekniku sabiex jivvaluta l-proprjeta' in mertu;[162] ebda talba għal tali għan ma' saret minnhom; u anqas ma' ressqu xi prova ex parte kontra l-valur attribwit lill-proprejta' trasferita lil Carmen Cauchi fl-att ta' *datio in solutum*.

Dan, flimkien mal-fatt li anke fl-att ta' *datio in solutum* ġie speċifikatament dikjarat li l-partijiet hemm kontraenti *"jiddikjaraw illi l-estimi hawn fuq dikjarat huwa valur gust u reali, liema dikjarazzjoni qiegdha ssir wara li n-Nutar sottofirmat wissiehom dwar l-importanza tal-veracita' ta' tali estimi u dikjarazzjonijiet"*,[163] u l-fatt li l-valur ta' EUR 8,000 attribwit lis-sehem trasferit lil Carmen jikkumpara tajjeb ma' dak ta' EUR 7,000 attribwit lill-sehem ekwu fl-istess prorpjeta' trasferit lil otha Grace sentejn qabel;

[160] Ref.: l-affidavit tagħha a fol 494 *et seq* kif ukoll ix-xhieda tagħha in kontro-eżami hawn f'din id-decizjoni wkoll sintesizzata.
[161] Ref.: affidavits ta' Rita Farrugia a fol 359 *et seq*, u ta' Concetta Buttigieg a fol 361 *et seq*
[162] Premessa numru sebgha (7) tar-rikors guramentat.
[163] Ref.: klawsola numru (i) a fol 17.

iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonvinċi ruħha li tali valur hekk attribwit lill-proprjeta' relattiva ma' jistax għajr jitqies li kien ġust u reali.

B'dan iżda li tibqa n-neċessita' li tali valur jiġi kumparat mal-valur reali tal-kuri, serviġi, u assistenzi reżi minn Carmen Cauchi lil ommha Maria Attard.

F'dan il-każ, ingħad li Carmen Cauchi kienet tagħmel it-tindif ta' dar ommha kif ukoll il-ħasil tal-art tal-istess dar u tal-ħwejjeġ – li mhux kontestat li kienu jkunu fi kwantita' kbira tenut kont ta' l-inkontinenza tal-omm kaġun tal-puplesija.

Jirriżulta wkoll li tali xogħol kienet bdiet tagħmlu fl-1996 meta rritornat Għawdex mill-esteru għal kollox, sabiex tkun tista' tgħin fil-bżonnijiet ta' ommha, u baqgħet tagħmlu sal-mewt ta' ommha li seħħet fil-21 ta' April, 2015.

Jirriżulta għalhekk li għal ben dsatax (19)-il sena ċirka, naqqas xi żmien fejn Carmen u oħtha Grace ma' kienux jitkellmu u Carmen kienet preżumibilment biss tmur għand ommha sabiex tinvistaha u għal ħin limitat sabiex tevitha lil Grace, u żied il-fatt li fl-aħħar sena u tmien xhur tal-ħajja ta' ommha, Carmen, flimkien ma' Grace, kienu jorqdu fid-dar ta' ommhom stante l-mewt ta' ħuhom Frankie Attard li kien baqa' ġuvni jgħix ma' ommu; Carmen baqgħet konsistentement trendi dawn il-prestazzjonijiet tagħha lill-ommha.

Tenut kont li, fuq dikjarazzjoni hemm stess kontenuta, sad-data tal-kuntratt ta' *datio in solutum* Carmen kien diġa' ilha, ħmistax (15)-il sena tippresta s-servizzi tagħha lil ommha; din il-Qorti tqies opportun, anke sabiex tkun ikkunsidrata l-varjabbli taż-żmien meta Carmen u oħtha Grace ma' kienux jitkellmu u għalhekk Carmen waqfet milli tippresta s-servizzi tagħha lil ommha, li tittieħed medja ta' snin ta' sbatax (17)-il sena – 15+19÷2.

Tmien t'elef Euro – EUR 8,000 – maqsuma fuq tali sbatax (17)-il sena jgħoddu għal EUR 471 fis-sena. Valur li huwa ċertament raġjonevoli għat-tip ta' kuri, serviġi, u assistenzi prestati minn Carmen Cauchi, partikolarment meta wieħed iqis ukoll li l-omm Maria Attard kellha

bżonnijiet kontinwi u diffiċli stante l-effetti li ħalliet fuqha l-puplesija li kienet għaddiet minnha.[164]

***Kumment rigward id-dħul ta' Maria Attard kif ukoll ta' binha Frankie Attard:***

Tul l-andament tal-kawża li wasslet għal din id-deċiżjoni, l-atturi, partikolarment fil-mistoqsijiet magħmulha in kontro-eżami lix-xhieda prodotti mill-konvenuti, deheru jimplikaw li xi ħlasijiet magħmula minn Grace Farrugia fuq ordni ta' jew favur spejjeż tal-omm Maria Attard setgħu tħallsu mill-pensjoni perċepita mill-istess Maria Attard.

Dwar dan, Maria Attard infisha xehdet u tagħat akkont kemm tal-valur li kienet tipperċepixxi f'pensjoni fix-xahar kif ukoll tal-fatt li l-istess kienet tasal għandha b'ċekk li jissarraf minn Grace bi prokura li dejjem kellha Grace, bil-kontanti mbagħad jingħataw lilha. Jirriżulta li Maria kienet imbagħad iżżomm tali kontanti f'portmoni f'kexxun u tutilizza l-istess skond il-volonta' tagħha.

Li Maria Attard dejjem tħallset il-pensjoni tagħha b'ċekk ġie kkonfermat mix-xhud rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, Dr. Sean Apap Meli.[165] Ir-rimanenti fatturi ta' kif iċ-ċekk kien jissarraf u r-rikavat jingħata lil Maria Attard ġew konfermati minn Maria Attard stess fix-xhieda tagħha mogħtija fil-proċeduri numru 31/2012 JD.[166] Maria Attard affermat ukoll li minn tali pensjoni ma' kienet tagħti xejn lil bintha Grace Farrugia.

Dwar id-dħul li kellu Frankie Attard f'pensjoni tal-wens stante li kien jgħix ma' ommhu u ma' kienx jaħdem, għalkemm inġibet prova ta' tali dħul permezz tal-istess xhud rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, Dr. Sean Apap Meli,[167] li wkoll xehed li fil-bidu Frankie Attard kien jitħallas tali benefiċċju b'ċekk iżda wara beda jitħallas b'*direct credit*;[168]

---

[164] Issir hawnhekk referenza ghad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-8 ta' Frar, 2008 fl-ismijiet ***Peter Paul Muscat et vs Francis Muscat et*** – decizjoni numru 120/1999/1 AE – konfermata fl-appell – fejn wara li l-Qorti qieset, *inter alia*, li l-prezunzjoni hi li kull minn jippresta servigi jaghmel hekk bl-isperanza ta' kumpens – ref. ukol id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-5 ta' Otturbu, 1992 fl-ismijiet ***Maria Carmela Abela et vs Paul Camilleri*** – il-Qorti għaddiet sabiex iddikjarat bħala dovut kumpens ta' Lm5,000 ghal-għajnuna li l'hemm konvenut Muscat presta llill-ommu fuq meddda ta' erba' (4) snin – bejn l-1987 u l-1991 meta l-istess kovnenut kien ukoll jghix ma' ommu u jahdem *full-time*.

[165] Ref.: pagna erbgha (4) tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu liema pagna tinsab a fol 183.

[166] Ref.: sintezi tal-istess testimonjanza ta' Maria Attard li tinsab fil-*footnote* numru 8 ta' din id-decizjoni.

[167] Ref.: dokumenti a fol 187 sa 194.

[168] Ref.: pagna erbgha (4) tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu liema pagna tinsab a fol 183.

oltre li ma' tressqet ebda prova ta' kontijiet bankarji ta' Frankie Attard u fejn xi bilanċ minn tali benefiċċju jista jinstab, eżerċizzju relattiv għal tali ħlasijiet perċepiti mill-imsemmi Frankie, jekk baqax xi bilanċi minnhom, u jekk hekk baqa' fejn jinsabu jkun jeżorbita l-parametri tat-talbiet miġjuba f'din l-istanza.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti, stante li l-istess ġiet debitament irtirata,[169] tilqa' it-tieni (2) eċċezzjoni tagħhom u, konsegwentement, tiċħad it-talbiet atturi *in toto*.

Bl-ispejjeż ta din il-kawża jibqgħu a karigu ta' l-atturi.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur

[169] Ref.: verbal a fol 97.